Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0362(COD)

6.7.2026

EMENDI
104 - 336

Abbozz ta' rapport
Damian Boeselager
(PE787.037v01-00)

Emenda tad-Direttivi (UE) 2016/2341 u 2016/97 fir-rigward tat-tisħiħ tal-qafas għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali

Proposta għal direttiva
(COM(2025)0842 – 2025/0362(COD))

Emenda 104
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-proporzjon ta' dipendenza li qed jiżdied, ***it-tisħiħ tas-sorsi komplementari tal-introjtu*** tal-irtirar ***sar indispensabbli*** biex jiġu ppreservati s-solidarjetà interġenerazzjonali, il-koeżjoni soċjali u l-istabbiltà fit-tul tas-sistemi tal-pensjoni fl-Unjoni.	(1) Fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-proporzjon ta' dipendenza li qed jiżdied, ***huwa essenzjali li jiġi żgurat li n-nies kollha fl-Unjoni jkunu jistgħu jibbażaw fuq sistemi tal-pensjonijiet adegwati, sikuri u sostenibbli li jiggarantixxu standard tal-għajxien deċenti u introjtu*** tal-irtirar biex jiġu ppreservati s-solidarjetà interġenerazzjonali, il-koeżjoni soċjali u l-istabbiltà fit-tul tas-sistemi tal-pensjoni fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 105
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-proporzjon ta' dipendenza li qed jiżdied, it-tisħiħ tas-sorsi komplementari tal-introjtu tal-irtirar sar indispensabbli biex jiġu ***ppreservati*** s-solidarjetà interġenerazzjonali, il-koeżjoni soċjali u l-istabbiltà fit-tul tas-sistemi tal-pensjoni fl-Unjoni.	(1) Fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea***, tal-pressjoni dejjem akbar fuq is-sostenibbiltà finanzjarja tal-iskemi ta' pensjoni pubbliċi f'ħafna Stati Membri*** u l-proporzjon ta' dipendenza li qed jiżdied, it-tisħiħ tas-sorsi komplementari tal-introjtu tal-irtirar sar indispensabbli biex jiġu ***ddiversifikati s-sorsi ta' introjtu tal-pensjonanti tal-futur, jissaħħaħ it-tfaddil fit-tul u jingħata kontribut għas-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistemi tal-pensjoni, filwaqt li tiġi ppreservata*** s-solidarjetà interġenerazzjonali, il-koeżjoni soċjali u l-istabbiltà fit-tul tas-sistemi tal-pensjoni fl-Unjoni.

Or. es

Emenda 106
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-proporzjon ta' dipendenza li qed jiżdied, it-tisħiħ tas-sorsi komplementari tal-introjtu tal-irtirar sar indispensabbli biex jiġu ppreservati s-solidarjetà interġenerazzjonali, il-koeżjoni soċjali u l-istabbiltà fit-tul tas-sistemi tal-pensjoni fl-Unjoni.	(1) Fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-proporzjon ta' dipendenza li qed jiżdied, ***huwa kruċjali li jiġi żgurat li kull persuna fl-Unjoni jkollha aċċess għal sistemi tal-pensjonijiet adegwati, siguri u finanzjarjament sostenibbli li jipprovdu standard tal-għajxien dinjituż fl-irtirar.*** It-tisħiħ tas-sorsi komplementari tal-introjtu tal-irtirar sar indispensabbli biex jiġu ppreservati s-solidarjetà interġenerazzjonali, il-koeżjoni soċjali u l-istabbiltà fit-tul tas-sistemi tal-pensjoni fl-Unjoni. ***L-iskemi tal-pensjonijiet statutorji pubbliċi jenħtieġ li jibqgħu pilastru ewlieni fil-prevenzjoni tal-faqar fix-xjuħija, f'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.***

Or. en

Emenda 107
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-proporzjon ta' dipendenza li qed jiżdied, it-tisħiħ tas-sorsi komplementari tal-introjtu tal-irtirar sar indispensabbli biex jiġu ppreservati s-solidarjetà interġenerazzjonali, il-koeżjoni	(1) Fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea***, bażits nazzjonali dejjem inqas sostenibbli*** u l-proporzjon ta' dipendenza li qed jiżdied, it-tisħiħ tas-sorsi komplementari tal-introjtu tal-irtirar sar indispensabbli biex jiġu ppreservati s-

soċjali u l-istabbiltà fit-tul tas-sistemi tal-pensjoni fl-Unjoni.	solidarjetà interġenerazzjonali, il-koeżjoni soċjali u l-istabbiltà fit-tul tas-sistemi tal-pensjoni fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 108
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-iskemi tal-pensjonijiet statutorji pubbliċi jridu jibqgħu u jissaħħu bħala l-pedament tas-sistemi tal-pensjonijiet fl-Unjoni, li jipprovdu lill-ħaddiema Ewropej b'introjtu wara l-irtirar u jaqdu rwol fundamentali fil-prevenzjoni tal-faqar fix-xjuħija. Madankollu, is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema ridistributtiva u l-effikaċja soċjali tal-pensjonijiet tal-ewwel pilastru qed jiddgħajfu sistematikament minħabba l-qgħad u forom atipiċi ta' xogħol, ta' bidliet demografiċi, ta' xogħol mhux assigurat u mhux iddikjarat u ta' politiki ta' awsterità.

Or. en

Emenda 109
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) F'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet hija primarjament fil-kompetenza tal-Istati Membri. Din id-Direttiva għalhekk

tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam, inklużi l-liġi tax-xogħol u n-negozjar kollettiv.

Or. en

Emenda 110
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Filwaqt li l-iskemi tal-pensjoni komplementari jistgħu jikkontribwixxu għall-introjtu tal-irtirar, jenħtieġ li l-għan tagħhom ikun li jikkomplementaw pensjonijiet statutorji adegwati tal-ewwel pilastru. Jenħtieġ li l-iżvilupp tal-pensjonijiet supplimentari fl-UE ma jwassalx biex jiddgħajfu l-pensjonijiet pubbliċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-adegwatezza tal-pensjonijiet. Jenħtieġ li jkun hemm politiki ambizzjużi dwar il-holqien ta' impjiegi ta' kwalità, il-migrazzjoni ġusta u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jirfdu skemi tal-pensjoni aktar sostenibbli tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet pilastru, li jipprovdu r-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex jiġu żgurati l-pensjonijiet tal-pensjonanti attwali u futuri.

Or. en

Emenda 111
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) Kważi 20 % taċ-ċittadini Ewropej li għandhom 'il fuq minn 60 sena jinsabu f'riskju ta' faqar. Madankollu, l-iskemi

tal-pensjoni supplimentari għandhom it-tendenza li jkunu ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi b'introjtu ogħla u għall-ħaddiema b'karrieri stabbli b'mod sproporzjonat. Sadanittant, in-nisa, il-gruppi b'introjtu aktar baxx, il-persuni f'impjieg mhux standard jew prekarju, u l-ħaddiema b'karrieri interrotti spiss ikollhom aċċess limitat. Peress li dawn l-iskemi huma marbuta mal-impjiegi, jistgħu jaggravaw il-frammentazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-inugwaljanzi bejn is-setturi u l-kumpaniji, u b'hekk iżidu r-riskju tal-faqar u tal-inugwaljanza soċjali. Is-sistemi tal-pensjonijiet privati barra minn hekk jiddiżakkoppjaw l-introjtu mill-pensjoni mill-provvista pubblika bbażata fuq is-solidarjetà u jorbtu l-adegwatezza aktar mill-qrib mal-kapaċità tal-individwi li jfaddlu, u b'hekk joħolqu riskji serji ta' introjtu insuffiċjenti għall-irtirar għal dawk fuq pagi baxxi jew b'kapaċità limitata ta' tfaddil. Għalhekk, kwalunkwe politika f'dan il-qasam jenħtieġ li tkun soġġetta għal valutazzjoni tal-impatt distributtiv bir-reqqa li tqabbel l-effetti tas-sistemi tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet pilastru fuq l-introjtu mill-pensjoni u l-koeżjoni soċjali. Madankollu, il-Kummissjoni ma pprovdietx tali valutazzjoni.

Or. en

Emenda 112
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Premessa 1d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1d) Fl-Ewropa, id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet pubbliċi bħala medja hija ta' bejn 30 % u 32 %, filwaqt li fil-pensjonijiet privati u supplimentari d-differenza hija akbar, u tilħaq bejn 35 % u 40 %. Din id-differenza hija kkawżata

mill-fatt li n-nisa għandhom it-tendenza li jkollhom interruzzjonijiet fit-trajettorji professjonali, salarji aktar baxxi u inqas aċċess għal pjanijiet ta' pensjoni okkupazzjonali, li jaggrava l-inugwaljanzi.

Or. en

Emenda 113
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***Filwaqt li*** l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet tibqa' kompetenza nazzjonali***, l-adegwatezza u s-sostenibbiltà finanzjarja tal-pensjonijiet huma ta' tħassib komuni għall-istabbiltà u għall-koeżjoni tal-Unjoni. L-iżgurar li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal prodotti tal-pensjoni personali konċepiti tajjeb jikkontribwixxi kemm għas-sigurtà finanzjarja individwali kif ukoll għar-reżiljenza tal-ekonomija tal-Unjoni***.	(2) L-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet tibqa' kompetenza nazzjonali***. L-Artikolu 153(4) tat-TFUE jipprevjeni l-azzjoni tal-UE milli taffettwa b'mod sinifikanti l-ekwilibriju finanzjarju tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri***.

Or. en

Emenda 114
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Filwaqt li l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet tibqa' kompetenza nazzjonali, l-adegwatezza u s-sostenibbiltà finanzjarja tal-pensjonijiet huma ta' tħassib komuni għall-istabbiltà u għall-koeżjoni tal-Unjoni. L-iżgurar li ċ-ċittadini jkollhom	(2) Filwaqt li l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet tibqa' kompetenza nazzjonali, l-adegwatezza u s-sostenibbiltà finanzjarja tal-pensjonijiet huma ta' tħassib komuni għall-istabbiltà u għall-koeżjoni tal-Unjoni. L-iżgurar li ċ-ċittadini jkollhom

aċċess għal prodotti tal-pensjoni personali konċepiti tajjeb jikkontribwixxi kemm għas-sigurtà finanzjarja individwali kif ukoll għar-reżiljenza tal-ekonomija tal-Unjoni.

aċċess għal prodotti tal-pensjoni personali konċepiti tajjeb jikkontribwixxi kemm għas-sigurtà finanzjarja individwali kif ukoll għar-reżiljenza tal-ekonomija tal-Unjoni. ***F'dan ir-rigward, ir-rwol u l-indipendenza tas-sħab soċjali jenħtieġ li jiġu rispettati bis-sħiħ, inkluża l-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw arranġamenti effettivi tal-pensjoni okkupazzjonali permezz ta' negozjar kollettiv.***

Or. en

Emenda 115
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Filwaqt li l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet tibqa' kompetenza nazzjonali, l-adegwatezza u s-sostenibbiltà finanzjarja tal-pensjonijiet huma ta' tħassib komuni għall-istabbiltà u għall-koeżjoni tal-Unjoni. L-iżgurar li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal prodotti tal-pensjoni personali konċepiti tajjeb jikkontribwixxi kemm għas-sigurtà finanzjarja individwali kif ukoll għar-reżiljenza tal-ekonomija tal-Unjoni.	(2) Filwaqt li l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet tibqa' kompetenza nazzjonali, l-adegwatezza u s-sostenibbiltà finanzjarja tal-pensjonijiet huma ta' tħassib komuni għall-istabbiltà u għall-koeżjoni tal-Unjoni. L-iżgurar li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal prodotti tal-pensjoni personali konċepiti tajjeb jikkontribwixxi kemm għas-sigurtà finanzjarja individwali kif ukoll għar-reżiljenza tal-ekonomija tal-Unjoni. ***Huwa essenzjali li jiġu ppreservati u appoġġati r-rwol, l-awtonomija u l-involviment attiv tas-sħab soċjali fit-tfassil ta' skemi tal-pensjoni li jiffunzjonaw tajjeb permezz ta' ftehimiet kollettivi.***

Or. en

Emenda 116
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Direttiva (UE) 2016/2341 tipprevedi armonizzazzjoni minima u jenħtieġ li tkompli tagħmel dan. Din id-Direttiva jenħtieġ li ma tpoġġix f'dubju l-prerogattivi tal-Istati Membri u tas-sħab soċjali fit-tfassil, fil-governanza u fl-organizzazzjoni ta' sistemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali, li jirriflettu l-liġi soċjali, tax-xogħol u tax-taxxa nazzjonali. Jenħtieġ li la l-atti delegati adottati skont din id-Direttiva u lanqas il-linji gwida maħruġa mill-EIOPA ma jkollhom l-effett li jistabbilixxu rekwiżiti uniformi lil hinn minn dak li tipprevedi b'mod espliċitu din id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva emendatorja trid tippreserva l-karattru tal-armonizzazzjoni minima tad-Direttiva (UE) 2016/2341. Il-pensjonijiet okkupazzjonali huma primarjament kwistjoni għall-Istati Membri u għas-sħab soċjali. Jenħtieġ li r-regoli tal-Unjoni jistabbilixxu livell minimu prudenzjali komuni, mhux limitu massimu uniformi impost permezz ta' miżuri tal-livell 2 jew ta' gwida superviżorja.

Emenda 117
Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Wieħed mill-aspetti ċentrali tal-aġendi soċjali u ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea hu li jiġi ggarantit li n-nies tagħha jkunu jistgħu jirtiraw b'dinjità, b'sigurtà u b'introjtu adegwat. Fl-istess ħin, huwa meħtieġ approċċ olistiku fil-livell xieraq, dak nazzjonali jew Ewropew. Dan l-approċċ jenħtieġ li jgħaqqad miżuri li jtejbu s-swieq tax-xogħol, isaħħu s-sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi u jtejbu s-sistemi tal-pensjonijiet supplimentari.

Or. en

Emenda 118
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Minkejja li huma fost l-ogħla faddala fid-dinja, il-familji tal-Unjoni għad għandhom sehem kbir mill-ġid finanzjarju tagħhom f'depożiti bankarji fuq terminu qasir b'redditi limitati. L-iżvilupp ta' prodotti tal-pensjoni okkupazzjonali u personali attraenti jista' jgħin biex jimmobilizza dak it-tfaddil għal investiment fit-tul, jiġġenera redditi ogħla għal dawk li ***jfaddlu u jidderieġi l-kapital lejn użi*** produttivi ***li jappoġġaw it-tkabbir, l-innovazzjoni u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali***.	(3) Minkejja li huma fost l-ogħla faddala fid-dinja, il-familji tal-Unjoni għad għandhom sehem kbir mill-ġid finanzjarju tagħhom f'depożiti bankarji fuq terminu qasir b'redditi limitati. L-iżvilupp ta' prodotti tal-pensjoni okkupazzjonali u personali attraenti jista' jgħin biex jimmobilizza dak it-tfaddil għal investiment fit-tul ***u*** jiġġenera redditi ***netti*** ogħla għal dawk li jfaddlu***, filwaqt*** li ***jappoġġa investimenti*** produttivi ***magħżula skont il-merti finanzjarji tagħhom***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan tal-investiment għall-pensjoni huwa li jipprovdi introjtu tal-irtirar, mhux li jiffinanzja aġendi politiċi predeterminati. L-investiment produttiv għandu jirriżulta minn deċiżjonijiet finanzjarjament sodi u mhux mid-direzzjoni politika.

Emenda 119
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Minkejja li huma fost l-ogħla faddala fid-dinja, il-familji tal-Unjoni għad għandhom sehem kbir mill-ġid finanzjarju tagħhom f'depożiti bankarji fuq terminu qasir b'redditi limitati. L-iżvilupp ta' prodotti tal-pensjoni okkupazzjonali u personali attraenti jista' jgħin biex	(3) Minkejja li huma fost l-ogħla faddala fid-dinja, il-familji tal-Unjoni għad għandhom sehem kbir mill-ġid finanzjarju tagħhom f'depożiti bankarji fuq terminu qasir b'redditi limitati. L-iżvilupp ta' prodotti tal-pensjoni okkupazzjonali u personali attraenti jista' jgħin biex

jimmobilizza dak it-tfaddil għal investiment fit-tul, jiġġenera redditi ogħla għal dawk li jfaddlu u jidderieġi l-kapital lejn użi produttivi li jappoġġaw it-tkabbir, l-innovazzjoni u ***t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali***.	jimmobilizza dak it-tfaddil għal investiment fit-tul, jiġġenera redditi ogħla għal dawk li jfaddlu u jidderieġi l-kapital lejn użi produttivi li jappoġġaw it-tkabbir, l-innovazzjoni u ***r-reżiljenza***.

Or. es

Emenda 120
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Minkejja li huma fost l-ogħla faddala fid-dinja, il-familji tal-Unjoni għad għandhom sehem kbir mill-ġid finanzjarju tagħhom f'depożiti bankarji fuq terminu qasir b'redditi limitati. L-iżvilupp ta' ***prodotti tal-pensjoni*** okkupazzjonali u personali attraenti jista' jgħin biex jimmobilizza dak it-tfaddil għal investiment fit-tul, jiġġenera redditi ogħla għal dawk li jfaddlu u jidderieġi l-kapital lejn użi produttivi li jappoġġaw it-tkabbir, l-innovazzjoni u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali.	(3) Minkejja li huma fost l-ogħla faddala fid-dinja, il-familji tal-Unjoni għad għandhom sehem kbir mill-ġid finanzjarju tagħhom f'depożiti bankarji fuq terminu qasir b'redditi limitati. L-iżvilupp ta' ***pensjonijiet*** okkupazzjonali u personali attraenti ***u ġestiti tajjeb*** jista' jgħin biex jimmobilizza dak it-tfaddil għal investiment fit-tul, jiġġenera redditi ogħla għal dawk li jfaddlu u jidderieġi l-kapital lejn użi produttivi li jappoġġaw it-tkabbir, l-innovazzjoni u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali. ***Madankollu, l-għan ewlieni tas-sistemi tal-pensjonijiet irid jibqa' li jipprovdu lill-membri u lill-benefiċjarji b'introjtu tal-irtirar stabbli u adegwat. Għaldaqstant, kwalunkwe miżura mfassla biex tinkoraġġixxi aktar parteċipazzjoni mill-fondi tal-pensjoni fis-swieq kapitali jenħtieġ li tirrispetta bis-shih il-prinċipju tal-"persuna prudenti" u tqiegħed il-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji fiċ-ċentru. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri jappoġġaw ukoll introjtu adegwat fix-xjuħija u jfittxu li jnaqqsu d-differenzi bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet, inkluż fis-sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi u okkupazzjonali, filwaqt li jippromwovu arranġamenti tal-***

pensjoni li jrendu eżiti tajbin għall-ħaddiema.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-differenzi bejn il-ġeneri fis-sistemi tal-pensjonijiet supplimentari jistgħu jaqbżu l-35 sal-40 %. L-Istati Membri għandhom jesploraw miżuri xierqa biex jgħinu fit-tnaqqis ta' dawn id-differenzi.

Emenda 121
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Minkejja li huma fost l-oġħla faddala fid-dinja, il-familji tal-Unjoni għad għandhom sehem kbir mill-ġid finanzjarju tagħhom f'depożiti bankarji fuq terminu qasir b'redditi limitati. L-iżvilupp ta' prodotti tal-pensjoni okkupazzjonali u personali attraenti jista' jgħin biex jimmobilizza dak it-tfaddil għal investiment fit-tul, jiġġenera redditi oġħla għal dawk li jfaddlu u jidderieġi l-kapital lejn użi produttivi li jappoġġaw it-tkabbir, l-innovazzjoni u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali.	(3) Minkejja li huma fost l-oġħla faddala fid-dinja, il-familji tal-Unjoni għad għandhom sehem kbir mill-ġid finanzjarju tagħhom f'depożiti bankarji fuq terminu qasir b'redditi limitati. ***Filwaqt li dejjem ipoġġi l-interessi tal-membri u tal-benefiċjarji tal-fondi tal-pensjoni l-ewwel,*** l-iżvilupp ta' prodotti tal-pensjoni okkupazzjonali u personali attraenti jista' jgħin biex jimmobilizza dak it-tfaddil għal investiment fit-tul, jiġġenera redditi oġħla għal dawk li jfaddlu u jidderieġi l-kapital lejn użi produttivi li jappoġġaw it-tkabbir, l-innovazzjoni u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali.

Or. en

Emenda 122
Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(3a) Jenħtieġ li l-pensjonijiet supplimentari ma jiġġustifikawx, direttament jew indirettament, id-dgħufija tal-pensjonijiet pubbliċi, speċjalment fir-rigward tal-adegwatezza tal-pensjonijiet. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jivvalutaw il-possibbiltà li jieħdu miżuri konkreti biex inaqqsu d-differenzi bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet supplimentari, u tali miżuri jenħtieġ li jiġu maqbula mas-sħab soċjali.

Or. en

Emenda 123
Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Il-pensjonijiet okkupazzjonali u individwali jenħtieġ li jikkomplementaw lil xulxin b'mod effiċjenti. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu viġilanti li l-iskemi tal-pensjoni okkupazzjonali u individwali ma jikkompetux ma' xulxin iżda pjuttost jikkomplementaw lil xulxin, u li l-prattiki tal-impjegaturi u tal-istituzzjonijiet finanzjarji ma jmorrux kontra l-interess tal-membri u tal-benefiċjarji tagħhom, speċjalment fir-rigward ta' inċentivi possibbli għall-kompetizzjoni bejn skemi tal-pensjoni okkupazzjonali u individwali, b'mod partikolari fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 124
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Ir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni xierqa fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali jibqgħu importanti għall-iżvilupp ta' provvista ta' rtirar okkupazzjonali sikura u mingħajr periklu fost l-Istati Membri kollha. Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] ikkontribwiet għal qafas prudenzjali aktar armonizzat għall-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs). Madankollu, is-settur tal-pensjonijiet supplimentari għadu sottożviluppat f'ħafna Stati Membri, u dan jista' jipperikola s-sigurtà finanzjarja taċ-ċittadini, b'mod partikolari fid-dawl tax-xejra demografika ta' bħalissa fl-Unjoni. Bħala parti minn sistemi tal-pensjonijiet b'saħħithom b'diversi pilastri, żviluppati fi djalogu mas-sħab soċjali, huwa essenzjali li jiġi appoġġat l-użu akbar minn pensjonijiet supplimentari bħall-IORPs u li tingħata għajnuna biex jinkisbu eżiti aħjar għal dawk li jfaddlu fit-tul. Dan jeħtieġ miżuri politiċi kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni.	(4) Ir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni xierqa fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali jibqgħu importanti għall-iżvilupp ta' provvista ta' rtirar okkupazzjonali sikura u mingħajr periklu fost l-Istati Membri kollha. Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] ikkontribwiet għal qafas prudenzjali aktar armonizzat għall-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs). Madankollu, is-settur tal-pensjonijiet supplimentari għadu sottożviluppat f'ħafna Stati Membri, u dan jista' jipperikola s-sigurtà finanzjarja taċ-ċittadini, b'mod partikolari fid-dawl tax-xejra demografika ta' bħalissa fl-Unjoni. Bħala parti minn sistemi tal-pensjonijiet b'saħħithom b'diversi pilastri, żviluppati fi djalogu mas-sħab soċjali, huwa essenzjali li jiġi appoġġat l-użu akbar minn pensjonijiet supplimentari bħall-IORPs u li tingħata għajnuna biex jinkisbu eżiti aħjar għal dawk li jfaddlu fit-tul. Dan jeħtieġ miżuri politiċi kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni. ***Fl-istess ħin, huwa essenzjali li s-sistemi tal-pensjonijiet supplimentari nazzjonali li diġà jiffunzjonaw tajjeb ma jiġux disturbati bla bżonn.***
[3] Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (riformulazzjoni) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/2341/oj).	[3] Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (riformulazzjoni) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/2341/oj).

Or. en

Emenda 125
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Biex l-Istati Membri jiġu mħeġġa u appoġġati jkomplu jiżviluppaw sistemi ta' pensjonijiet iffinanzjati u supplimentari u jistabbilixxu aktar IORPs, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li japplikaw reġim inqas strett għal IORPs ġodda għall-ewwel snin tal-operat. Peress li l-piż regolatorju jista' jkun sostanzjali għall-IORPs żgħar u li għadhom jibdew, fażi inizjali b'piż aktar baxx tista' tappoġġa l-istabbiliment ta' IORPs ġodda u għalhekk iżżid l-ammont ta' kapital tal-pensjonijiet iffinanzjat fl-Ewropa. L-Istat Membru jenħtieġ li jkun jista' ma japplikax jew japplika parzjalment dispożizzjonijiet li huma ta' piż għal IORPs ġodda għal massimu ta' 3 snin, filwaqt li jqis l-għanijiet ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Barra minn hekk, peress li d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv biex jiġu stabbiliti l-IORPs ġeneralment ikunu proċess sensittiv li jeħtieġ li jkun hemm biżżejjed fiduċja, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu appoġġ tekniku u għarfien espert mill-EIOPA, li jistgħu jisfruttaw l-għarfien espert mill-Istati Membri b'setturi tal-pensjonijiet iffinanzjati aktar żviluppati permezz ta' tim konsultattiv permanenti.

Or. en

Emenda 126
Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) L-importanza tas-sistema tal-pensjonijiet fil-ħajja taċ-ċittadini u fil-bilanċ fiskali pubbliku tirrikjedi li jinżammu l-koordinazzjoni u l-

monitoraġġ tal-miżuri implimentati fil-livell Ewropew, kif ukoll evalwazzjoni tal-impatt tagħhom. Il-ħolqien ta' kumitat ta' monitoraġġ speċjalizzat, immexxi mill-Kummissjoni iżda bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri u ta' partijiet ikkonċernati oħra, jgħin biex jintlaħaq dan l-għan.

Or. en

Emenda 127
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (SIU) imħabbra mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2015[4] għandha l-għan li tippermetti liċ-ċittadini jfaddlu u jinvestu għall-futur tagħhom, jidderieġu l-investimenti lejn il-prijoritajiet tal-Unjoni, japprofondixxu l-integrazzjoni u l-iskala fis-swieq kapitali tal-Unjoni, u jiżguraw superviżjoni effettiva fis-suq uniku kollu. Minn dawn l-erba' fergħat, l-għajnuna liċ-ċittadini biex ifaddlu u jinvestu għall-futur tirrappreżenta l-fulkru tal-ambizzjoni tal-SIU. Li tieħu ħsieb li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu jistgħu jibnu introjtu adegwat għall-irtirar huwa wieħed mill-aktar modi konkreti li bihom l-Unjoni tista' tagħmel differenza fil-ħajja tan-nies. Il-ħidma fuq il-pensjonijiet supplimentari, u b'mod partikolari fuq il-pensjonijiet okkupazzjonali, tinkorpora dan l-approċċ iċċentrat fuq iċ-ċittadini.	***imħassar***

[4] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-

Emenda 128
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (SIU) imħabbra mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2015[4] għandha l-għan li tippermetti liċ-ċittadini jfaddlu u jinvestu għall-futur tagħhom, jidderieġu l-investimenti lejn il-prijoritajiet tal-Unjoni, japprofondixxu l-integrazzjoni u l-iskala fis-swieq kapitali tal-Unjoni, u jiżguraw superviżjoni effettiva fis-suq uniku kollu. Minn dawn l-erba' fergħat, l-għajnuna liċ-ċittadini biex ifaddlu u jinvestu għall-futur tirrappreżenta l-fulkru tal-ambizzjoni tal-SIU. ***Li tieħu ħsieb li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu jistgħu jibnu*** introjtu adegwat għall-irtirar ***huwa wieħed mill-aktar modi konkreti li bihom l-Unjoni tista' tagħmel differenza fil-ħajja tan-nies***. Il-ħidma fuq il-pensjonijiet supplimentari, u b'mod partikolari fuq il-pensjonijiet okkupazzjonali, tinkorpora dan l-approċċ iċċentrat fuq ***iċ-ċittadini***.	(5) L-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (SIU) imħabbra mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2015[4] għandha l-għan li tippermetti liċ-ċittadini jfaddlu u jinvestu għall-futur tagħhom, jidderieġu l-investimenti lejn il-prijoritajiet tal-Unjoni, japprofondixxu l-integrazzjoni u l-iskala fis-swieq kapitali tal-Unjoni, u jiżguraw superviżjoni effettiva fis-suq uniku kollu. Minn dawn l-erba' fergħat, l-għajnuna liċ-ċittadini biex ifaddlu u jinvestu għall-futur tirrappreżenta l-fulkru tal-ambizzjoni tal-SIU. ***Filwaqt li tappoġġa wkoll l-iżvilupp tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, jenħtieġ li din id-Direttiva ma timminax l-objettiv primarju li jiġi żgurat*** introjtu adegwat***, sikur u sostenibbli*** għall-irtirar ***għan-nies***. Il-ħidma fuq il-pensjonijiet supplimentari, u b'mod partikolari fuq il-pensjonijiet okkupazzjonali, tinkorpora dan l-approċċ iċċentrat fuq ***in-nies***.
[4] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Marzu 2025, COM(2025) 124 final.	[4] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Marzu 2025, COM(2025) 124 final.

Emenda 129
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (SIU) imħabbra mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2015[4] għandha l-għan li tippermetti liċ-ċittadini jfaddlu u jinvestu għall-futur tagħhom, ***jidderieġu*** l-investimenti ***lejn il-prijoritajiet tal-Unjoni***, ***japprofondixxu*** l-integrazzjoni u l-iskala fis-swieq kapitali tal-Unjoni, u ***jiżguraw*** superviżjoni effettiva fis-suq uniku kollu. Minn dawn l-erba' fergħat, l-għajnuna liċ-ċittadini biex ifaddlu u jinvestu għall-futur tirrappreżenta l-fulkru tal-ambizzjoni tal-SIU. Li tieħu ħsieb li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu jistgħu jibnu introjtu adegwat għall-irtirar huwa wieħed mill-aktar modi konkreti li bihom l-Unjoni tista' tagħmel differenza fil-ħajja tan-nies. Il-ħidma fuq il-pensjonijiet supplimentari, ***u b'mod partikolari*** fuq il-pensjonijiet okkupazzjonali, tinkorpora dan l-approċċ iċċentrat fuq iċ-ċittadini.	(5) L-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (SIU) imħabbra mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2015[4] għandha l-għan li tippermetti liċ-ċittadini jfaddlu u jinvestu għall-futur tagħhom, ***tiffaċilita*** l-investimenti ***magħżula abbażi tal-merti tagħhom u fl-aħjar interess ta' dawk li jfaddlu***, ***tapprofondixxi*** l-integrazzjoni u l-iskala fis-swieq kapitali tal-Unjoni, u ***tiżgura*** superviżjoni effettiva fis-suq uniku kollu. Minn dawn l-erba' fergħat, l-għajnuna liċ-ċittadini biex ifaddlu u jinvestu għall-futur tirrappreżenta l-fulkru tal-ambizzjoni tal-SIU. Li tieħu ħsieb li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu jistgħu jibnu introjtu adegwat għall-irtirar huwa wieħed mill-aktar modi konkreti li bihom l-Unjoni tista' tagħmel differenza fil-ħajja tan-nies. Il-ħidma fuq il-pensjonijiet supplimentari, ***inkluż*** fuq il-pensjonijiet okkupazzjonali, tinkorpora dan l-approċċ iċċentrat fuq iċ-ċittadini.
[4] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Marzu 2025, COM(2025) 124 final.	[4] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Marzu 2025, COM(2025) 124 final.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti għandha sservi lil dawk li jfaddlu u lill-investituri. Il-kapital tal-pensjonijiet ma għandux jiġi dirett lejn l-aġendi politiċi tal-Unjoni li jinbidlu.

Emenda 130

Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) B'madwar tliet triljun euro f'assi mmaniġġjati, l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali ("IORPs") għandhom rwol essenzjali fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni iżda għandhom it-tendenza li jkunu inqas attivi fis-swieq tal-ekwità kkwotata fil-borża, tal-ekwità privata, tal-kapital ta' riskju u tal-infrastruttura. ***Dment li l-investimenti fi klassijiet ta' ekwità u ta' assi alternattivi jiġu ġestiti b'mod prudenti, tali investimenti jistgħu jkunu komponent siewi tal-portafolli tagħhom, billi joffru diversifikazzjoni, redditi ogħla fit-tul għal dawk li jfaddlu għall-pensjoni u protezzjoni kontra l-inflazzjoni, filwaqt li jipprovdu wkoll finanzjament kruċjali għall-ekonomija reali. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li ma jkunx hemm ostakli regolatorji bla bżonn għal investimenti bħal dawn.***	(6) B'madwar tliet triljun euro f'assi mmaniġġjati, l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali ("IORPs") għandhom rwol essenzjali fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni iżda għandhom it-tendenza li jkunu inqas attivi fis-swieq tal-ekwità kkwotata fil-borża, tal-ekwità privata, tal-kapital ta' riskju u tal-infrastruttura.

Or. en

Emenda 131
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) B'madwar tliet triljun euro f'assi mmaniġġjati, l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali ("IORPs") għandhom rwol essenzjali fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni ***iżda għandhom it-tendenza li jkunu inqas attivi fis-swieq tal-ekwità kkwotata fil-borża, tal-ekwità privata, tal-kapital ta' riskju u tal-infrastruttura***. Dment li l-	(6) B'madwar tliet triljun euro f'assi mmaniġġjati, l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali ("IORPs") għandhom rwol essenzjali fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni. Dment li l-investimenti fi klassijiet ta' ekwità u ta' assi alternattivi jiġu ġestiti b'mod prudenti, tali investimenti jistgħu jkunu komponent siewi tal-portafolli tagħhom, billi

investimenti fi klassijiet ta' ekwità u ta' assi alternattivi jiġu ġestiti b'mod prudenti, tali investimenti jistgħu jkunu komponent siewi tal-portafolli tagħhom, billi joffru diversifikazzjoni, redditi ogħla fit-tul għal dawk li jfaddlu għall-pensjoni u protezzjoni kontra l-inflazzjoni, filwaqt li jipprovdu wkoll finanzjament kruċjali għall-ekonomija reali. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li ma jkunx hemm ostakli regolatorji bla bżonn għal investimenti bħal dawn.	***potenzjalment*** joffru diversifikazzjoni, redditi ogħla fit-tul għal dawk li jfaddlu għall-pensjoni u protezzjoni kontra l-inflazzjoni, filwaqt li jipprovdu wkoll finanzjament kruċjali għall-ekonomija reali. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li ma jkunx hemm ostakli regolatorji bla bżonn għal investimenti bħal dawn. ***Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' sistemi ta' pensjonijiet supplimentari aktar fdati u żviluppati sew fl-Istati Membri min-natura tiegħu se jwassal għal aktar assi mmaniġġjati u għalhekk għal aktar kapital investit fis-swieq finanzjarji.***
	Or. en

Emenda 132
Regina Doherty

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) B'madwar tliet triljun euro f'assi mmaniġġjati, l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali ("IORPs") għandhom rwol essenzjali fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni iżda għandhom it-tendenza li jkunu inqas attivi fis-swieq tal-ekwità kkwotata fil-borża, tal-ekwità privata, tal-kapital ta' riskju u tal-infrastruttura. Dment li l-investimenti fi klassijiet ta' ekwità u ta' assi alternattivi jiġu ġestiti b'mod prudenti, tali investimenti jistgħu jkunu komponent siewi tal-portafolli tagħhom, billi joffru diversifikazzjoni, redditi ogħla fit-tul għal dawk li jfaddlu għall-pensjoni u protezzjoni kontra l-inflazzjoni, filwaqt li jipprovdu wkoll finanzjament kruċjali għall-ekonomija reali. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li ma jkunx hemm ostakli regolatorji bla bżonn għal investimenti bħal dawn.	(6) B'madwar tliet triljun euro f'assi mmaniġġjati, l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali ("IORPs") għandhom rwol essenzjali fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni iżda għandhom it-tendenza li jkunu inqas attivi fis-swieq tal-ekwità kkwotata fil-borża, tal-ekwità privata, tal-kapital ta' riskju u tal-infrastruttura. Dment li l-investimenti fi klassijiet ta' ekwità u ta' assi alternattivi jiġu ġestiti b'mod prudenti, tali investimenti jistgħu jkunu komponent siewi tal-portafolli tagħhom, billi joffru diversifikazzjoni, redditi ogħla fit-tul għal dawk li jfaddlu għall-pensjoni***, appoġġ għall-investiment bl-imnut,*** u protezzjoni kontra l-inflazzjoni, filwaqt li jipprovdu wkoll finanzjament kruċjali għall-ekonomija reali ***u jmexxu 'l quddiem l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti***. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li

ma jkunx hemm ostakli regolatorji bla bżonn għal investimenti bħal dawn.

Or. en

Emenda 133
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) B'madwar tliet triljun euro f'assi mmaniġġjati, l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali ("IORPs") għandhom rwol essenzjali fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni iżda għandhom it-tendenza li jkunu inqas attivi fis-swieq tal-ekwità kkwotata fil-borża, tal-ekwità privata, tal-kapital ta' riskju u tal-infrastruttura. Dment li l-investimenti fi klassijiet ta' ekwità u ta' assi alternattivi jiġu ġestiti b'mod prudenti, tali investimenti jistgħu jkunu komponent siewi tal-portafolli tagħhom, billi joffru diversifikazzjoni, redditi ogħla fit-tul għal dawk li jfaddlu għall-pensjoni u protezzjoni kontra l-inflazzjoni, filwaqt li jipprovdu wkoll finanzjament kruċjali għall-ekonomija reali. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li ma jkunx hemm ostakli regolatorji bla bżonn għal investimenti bħal dawn.	(6) B'madwar tliet triljun euro f'assi mmaniġġjati, l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali ("IORPs") għandhom rwol essenzjali fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni iżda għandhom it-tendenza li jkunu inqas attivi fis-swieq tal-ekwità kkwotata fil-borża, tal-ekwità privata, tal-kapital ta' riskju u tal-infrastruttura. Dment li l-investimenti fi klassijiet ta' ekwità u ta' assi alternattivi jiġu ġestiti b'mod prudenti, tali investimenti jistgħu jkunu komponent siewi tal-portafolli tagħhom, billi joffru diversifikazzjoni, redditi ogħla fit-tul għal dawk li jfaddlu għall-pensjoni u protezzjoni kontra l-inflazzjoni, filwaqt li jipprovdu wkoll finanzjament kruċjali għall-ekonomija reali. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li ma jkunx hemm ostakli regolatorji bla bżonn għal investimenti bħal dawn. ***Filwaqt li l-investimenti fi klassijiet ta' assi differenti jistgħu jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni u r-redditi fit-tul, jenħtieġ li jibqgħu konsistenti mar-regola tal-"persuna prudenti" u mal-interessi fit-tul tal-membri u tal-benefiċjarji. Jenħtieġ li l-fondi tal-pensjonijiet ma jkunux esposti għal riskji eċċessivi tas-suq li jistgħu jimminaw is-sigurtà tal-irtirar.***

Or. en

Emenda 134
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) L-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali, b'mod partikolari dawk irregolati fuq bażi paritarja, jissodisfaw funzjoni ta' protezzjoni soċjali distinta mill-prodotti finanzjarji għall-konsumatur. L-istrutturi ta' governanza tagħhom, spiss ibbażati fuq rappreżentanza ugwali tal-impjegaturi u tal-impjegati u b'għeruq fin-negozjar kollettiv, jipprovdu salvagwardji istituzzjonali li jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti kif xieraq fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 135
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-kisba ta' skala suffiċjenti spiss hija prerekwiżit biex l-IORPs jiffunzjonaw b'mod effiċjenti u sostenibbli. L-IORPs iż-żgħar jistgħu jiffaċċjaw kostijiet amministrattivi u ta' investiment ogħla, diversifikazzjoni limitata, u diffikultajiet biex jattiraw jew iżommu l-kwalifiki professjonali meħtieġa. Skala akbar tista' tgħin biex jittaffew dawk ir-restrizzjonijiet billi jiżdiedu l-aggregazzjoni ta' riskji, il-kapaċità ta' governanza, u l-aċċess għal firxa usa' ta' opportunitajiet ta' investiment, u b'hekk tikkontribwixxi għal eżiti aktar stabbli u kosteffettivi għall-membri u l-benefiċjarji.	***imħassar***

Or. en

Emenda 136
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-kisba ta' skala suffiċjenti ***spiss hija prerekwiżit*** biex l-IORPs jiffunzjonaw b'mod effiċjenti ***u sostenibbli***. L-IORPs ***iż-żgħar*** jistgħu ***jiffaċċjaw kostijiet amministrattivi u ta' investiment ogħla,*** diversifikazzjoni ***limitata***, ***u diffikultajiet biex jattiraw jew iżommu l-kwalifiki professjonali meħtieġa. Skala akbar tista' tgħin biex jittaffew*** dawk ir-restrizzjonijiet ***billi jiżdiedu l-aggregazzjoni ta' riskji, il-kapaċità ta' governanza, u l-aċċess għal firxa usa' ta' opportunitajiet ta' investiment, u b'hekk tikkontribwixxi għal eżiti aktar stabbli u kosteffettivi għall-membri u l-benefiċjarji.***	(8) Il-kisba ta' skala suffiċjenti ***tista' tikkontribwixxi*** biex l-IORPs jiffunzjonaw b'mod effiċjenti. ***Madankollu, l-iskala ma hijiex l-uniku mezz li bih*** l-IORPs jistgħu ***jiksbu*** diversifikazzjoni, ***governanza tajba u eżiti kompetittivi ta' investiment. L-IORPs iżgħar jistgħu jindirizzaw*** dawk ir-restrizzjonijiet ***permezz tal-parteċipazzjoni fi strutturi ta' investiment akkomunati, tal-esternalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-investiment lil maniġers tal-assi professjonali u ta' arranġamenti amministrattivi kondiviżi. Għalhekk jenħtieġ li r-rekwiżiti regolatorji jiġu kkalibrati għall-profil tar-riskju attwali u għall-istruttura operazzjonali ta' kull IORP, u mhux għad-daqs biss.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-premessa tal-effiċjenza tal-iskala tal-Kummissjoni hija kkontestata b'mod empiriku. Il-premessa 8 kif abbozzata tirriskja li tinkorpora preġudizzju politiku lejn il-konsolidazzjoni li mhuwiex appoġġat minn evidenza u tiżvantaġġa lill-IORPs żgħar marbuta mal-isponsors li joperaw b'mod effettiv permezz tal-esternalizzazzjoni u ta' strutturi ta' akkomunament.

Emenda 137
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Madankollu, id-Direttiva (UE) 2016/2341 ma kinitx effettiva biżżejjed	***imħassar***

biex trawwem ekonomiji ta' skala, u dan irriżulta f'forniturі tal-pensjonijiet li spiss ikunu żgħar wisq biex jibbenefikaw minn diversifikazzjoni jew titjib fl-effiċjenza, u għalhekk jesponu lill-membri u lill-benefiċjarji għal kostijiet ogħla u redditi netti aktar baxxi. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu ffaċilitati tali ekonomiji ta' skala.

Or. en

Emenda 138
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Is-settur tal-IORP fl-Unjoni huwa kkaratterizzat minn diversità sinifikanti fid-daqs, fl-istruttura, fil-mudell ta' governanza u fil-qafas legali nazzjonali. Il-maġġoranza tal-IORPs li joperaw fl-Unjoni għandhom inqas minn 1 000 membru u benefiċjarju u jimmaniġġjaw inqas minn EUR 50 miljun f'assi. Ħafna minn dawn l-IORPs iżgħar huma inkorporati fil-liġi soċjali u tax-xogħol nazzjonali, joperaw fuq bażi mhux kummerċjali, u jibbenefikaw minn arranġamenti ta' appoġġ minn sponsors li jnaqqsu b'mod sostanzjali r-riskji mġarrba mill-membri u mill-benefiċjarji. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jżommu diskrezzjoni sħiħa biex jeżentaw tali IORPs mir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, kompletament jew parzjalment, fejn id-daqs, il-profil tar-riskju u l-istruttura ta' governanza tagħhom jagħmlu l-applikazzjoni sħiħa sproporzjonata.

Or. en

Emenda 139

Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) F'diversi Stati Membri l-IORPs huma kostitwiti f'forma li taħtha jiġu operati minn entità awtorizzata li taġixxi f'isimhom, kif imsemmi fl-Artikolu 2(1). Tali entità tista' tkun impriża awtorizzata skont id-Direttiva 2009/138/KE, li diġà jkollha fondi proprji skont dik id-Direttiva u jenħtieġ li tkun permessa topera tali IORPs, entità oħra msemmija fl-Artikolu 2(2)(b) li d-dritt applikabbli tal-Unjoni jippermetti li tagħmel dan, jew entità awtorizzata skont din id-Direttiva għal dak l-għan. F'konformità mal-Artikolu 2(3), l-assi ta' tali IORP jinżammu legalment separati minn dawk tal-entità li toperaha, u l-obbligazzjonijiet tagħha jkunu koperti, fejn rilevanti, mill-provvedimenti tekniċi u l-fondi proprji regolatorji miżmuma skont l-Artikoli 15 sa 17. Madankollu, meta topera l-IORP, l-entità toħloq riskji li dawk l-assi ma jkopruhomx, bħal żbalji amministrattivi jew kontabilistiċi, fallimenti tas-sistemi jew tal-proċessi interni tagħha, l-obbligazzjoni tagħha lejn l-IORP jew il-membri tagħha għal ksur tad-dmirijiet tagħha, jew meta tieqaf topera l-IORP, il-kost tat-trasferiment tal-IORP lil entità oħra jew tal-istralċ tagħha. L-entitajiet imsemmija hawn fuq, minbarra l-impriżi awtorizzati skont id-Direttiva 2009/138/KE, għalhekk jenħtieġ li jżommu fondi proprji minimi kontra dawk ir-riskji waqt li joperaw IORP, sabiex il-kost ma jaqax fuq it-tfaddil għall-irtirar tal-membri u l-benefiċjarji. L-ammont minimu jenħtieġ li jqis ir-rekwiżiti diġà applikabbli għal entitajiet komparabbli skont il-liġi nazzjonali, jenħtieġ li jibqa' limitu minimu li l-Istat Membru ta' domiċilju jista' jaqbeż, u jenħtieġ li jiżdied maż-żieda fl-assi tal-IORPs operati. L-impriżi awtorizzati skont id-Direttiva

2009/138/KE u entitajiet oħra msemmija fl-Artikolu 2(2)(b) diġà jibbenefikaw minn rikonoxximent reċiproku skont id-dritt tal-Unjoni applikabbli għalihom. L-armonizzazzjoni tal-awtorizzazzjoni u tal-fondi proprji tal-entitajiet awtorizzati skont din id-Direttiva jenħtieġ li tiżgura li dawk l-entitajiet jibbenefikaw bl-istess mod mir-rikonoxximent reċiproku, sabiex l-entitajiet kollha li joperaw IORP ikunu jistgħu jagħmlu dan fl-Unjoni kollha. Kull entità jenħtieġ li tiżgura li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti imposti minn din id-Direttiva fuq l-IORPs li topera.

Or. en

Emenda 140
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) F'ċerti Stati Membri, ir-responsabbiltà għall-operat ta' IORP tista' tinqasam bejn l-IORP innifisha u l-entità awtorizzata li taġixxi għan-nom tagħha, b'kull waħda twettaq funzjonijiet distinti iżda komplementari. L-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/2341 jenħtieġ li tkun koerenti ma' dik l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet fil-qafas tal-liġi nazzjonali, u tiżgura li dawk kollha responsabbli jkunu soġġetti bis-sħiħ għar-rekwiżiti tagħha, irrispettivament mill-forma ġuridika tal-IORP. Madankollu, jenħtieġ li ssir distinzjoni bejn din is-sitwazzjoni u l-esternalizzazzjoni kif tissemma fl-Artikolu 31 ta' dik id-Direttiva, peress li t-twettiq kondiviż tar-responsabbiltajiet f'dawn il-każijiet jirriżulta mill-istruttura istituzzjonali tal-IORP kif definita skont il-liġi nazzjonali u mhux minn esternalizzazzjoni kuntrattwali	(12) F'ċerti Stati Membri, ir-responsabbiltà għall-operat ta' IORP tista' tinqasam bejn l-IORP innifisha u l-entità awtorizzata li taġixxi għan-nom tagħha, b'kull waħda twettaq funzjonijiet distinti iżda komplementari. L-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/2341 jenħtieġ li tkun koerenti ma' dik l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet fil-qafas tal-liġi nazzjonali, u tiżgura li dawk kollha responsabbli jkunu soġġetti bis-sħiħ għar-rekwiżiti tagħha, irrispettivament mill-forma ġuridika tal-IORP. Madankollu, jenħtieġ li ssir distinzjoni bejn din is-sitwazzjoni u l-esternalizzazzjoni kif tissemma fl-Artikolu 31 ta' dik id-Direttiva, peress li t-twettiq kondiviż tar-responsabbiltajiet f'dawn il-każijiet jirriżulta mill-istruttura istituzzjonali tal-IORP kif definita skont il-liġi nazzjonali u mhux minn esternalizzazzjoni kuntrattwali

tal-funzjonijiet. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-assi tal-IORPs ikunu legalment separati minn dawk tal-entitajiet awtorizzati li joperawhom.	tal-funzjonijiet. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-assi tal-IORPs ikunu legalment separati minn dawk tal-entitajiet awtorizzati li joperawhom***, b'mod li jipprekludi kwalunkwe trasferiment ta' assi bejniethom, sabiex jiġi żgurat li dawk l-assi jibqgħu esklużivament disponibbli biex jissodisfaw l-obbligi tal-IORPs***.
	Or. en

Emenda 141
Pasquale Tridico

Proposta għal direttiva
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu b'mod attiv l-istabbiliment ta' IORPs ta' inizjattiva pubblika bħala għodda strateġika biex jespandu l-kopertura tal-pensjonijiet. Dawn l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jservu bħala mezz primarju għall-mobilizzazzjoni tat-tfaddil fit-tul lejn it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u soċjali tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz ta' investimenti f'bonds soċjali u ekoloġiċi sovrani ddedikati. Sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' protezzjoni, l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu separazzjoni legali stretta bejn l-assi ta' dawn l-IORPs u l-baġit tal-Istat, filwaqt li jiżguraw li l-istrateġiji ta' investiment ikunu ggwidati esklużivament mill-aħjar interessi fit-tul tal-membri u mill-prinċipju tal-"persuna prudenti".
	Or. en

Emenda 142
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-kontribuzzjonijiet imħallsa minn jew f'isem membri lil istituzzjoni għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali jikkostitwixxu remunerazzjoni miksuba permezz tal-impjieg iżda differita sal-irtirar. Tali kontribuzzjonijiet, u l-assi akkwiżiti bihom, għalhekk jenħtieġ li jkunu rikonoxxuti legalment bħala li jappartjenu individwalment għall-membri u l-benefiċjarji tal-iskema tal-pensjoni rilevanti. Jenħtieġ li dawn ma jikkostitwixxux il-proprjetà tal-IORP, tal-impriża sponsor, ta' entità awtorizzata li topera l-IORP, tal-membri tal-korp amministrattiv, ta' ġestjoni jew superviżorju tagħha, jew ta' kwalunkwe fornitur ta' servizzi jew maniġer tal-assi li jaġixxi f'isimha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni okkupazzjonali huma pagi differiti u għandhom jiġu rikonoxxuti legalment bħala tali. Il-leġiżlazzjoni għandha tirrikonoxxi li l-assi tal-pensjoni jinżammu għall-benefiċċju esklużiv tal-membri u l-benefiċjarji individwali u ma jistgħux jiġu ttrattati bħala assi li jappartjenu lill-kollettiv, lill-istituzzjoni, lill-maniġers tagħha jew lil intermedjarji oħra.

Emenda 143
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) F'xi Stati Membri, l-IORPs jistgħu jitħallew jipprovdu wkoll prodotti tal-pensjoni personali, inkluż il-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew, kif rifless fir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10]. Sabiex tiġi żgurata organizzazzjoni ċara u soda ta' tali attivitajiet, u superviżjoni	***imħassar***

koerenti u effettiva fost il-forom differenti ta' provvista ta' rtirar, huwa għalhekk xieraq li dan jiġi rifless fid-Direttiva (UE) 2016/2341.

---

[10] Ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1238/oj).

Or. en

Emenda 144
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) ***F'xi*** Stati Membri***, l-IORPs jistgħu jitħallew jipprovdu wkoll prodotti tal-pensjoni personali, inkluż il-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew, kif rifless fir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10]. Sabiex tiġi żgurata organizzazzjoni ċara u soda ta' tali*** attivitajiet***, u superviżjoni koerenti u effettiva fost il-forom differenti*** ta' provvista ta' rtirar***, huwa għalhekk xieraq li dan jiġi rifless*** fid-Direttiva (UE) 2016/2341.	(14) ***Xi*** Stati Membri ***jippermettu lill-IORPs iwettqu*** attivitajiet ta' provvista ta' rtirar ***personali mingħajr ma jkunu soġġetti, fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet, għar-rekwiżiti kollha stabbiliti*** fid-Direttiva (UE) 2016/2341. ***Sabiex jakkomodaw tali arranġamenti nazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jżommu l-possibbiltà li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet kollha ta' dik id-Direttiva għall-attivitajiet ta' provvista ta' rtirar personali mhux okkupazzjonali mwettqa mill-IORPs. Madankollu, sabiex jiġi żgurat livell xieraq ta' protezzjoni għall-membri u l-benefiċjarji fi Stati Membri oħra, fejn IORP ma tkunx soġġetta għad-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva (UE) 2016/2341 fir-rigward ta' tali attivitajiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-IORP ma twettaqx attivitajiet transfruntiera u li jkun hemm fis-seħħ arranġamenti ta' delimitazzjoni xierqa.***

[10] Ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1238/oj).

Or. en

Emenda 145
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Sabiex jittejjeb l-aċċess għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali, b'mod partikolari għall-impjegati ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-persuni li jaħdmu għal rashom, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li tkun disponibbli mill-inqas IORP waħda biex taċċetta sponsorizzazzjoni minn kwalunkwe impriża u parteċipazzjoni minn tali impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom taħt kundizzjonijiet oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji. Dan l-obbligu jikkonċerna biss id-disponibbiltà ta' tali IORP u huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi tal-pensjonijiet tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jissodisfaw dan l-obbligu b'mod konġunt, inkluż billi jibbażaw fuq IORP awtorizzata fi Stat Membru ieħor f'konformità ma' din id-Direttiva u mingħajr preġudizzju għal-liġi soċjali u tax-xogħol applikabbli tal-Istat Membru ospitanti.

Or. en

Emenda 146
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) L-Artikolu 11 jistabbilixxi proċeduri armonizzati għall-attivitajiet transfruntiera fil-qasam tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali. Id-distribuzzjoni ta' prodotti tal-pensjoni personali għajr PEPPs minn IORP fi Stat Membru ieħor għajr dak li fih tkun ġiet awtorizzata l-IORP jenħtieġ li tkun soġġetta għal-liġijiet nazzjonali ta' dak l-Istat Membru l-ieħor fir-rigward tad-distribuzzjoni.

Or. en

Emenda 147
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) L-organizzazzjoni tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali tista' tibbenefika minn flessibbiltà akbar fil-mod kif l-IORPs jistrutturaw u jiġġestixxu l-iskemi tal-pensjoni u l-arranġamenti ta' sponsorizzazzjoni. Għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li ***l-IORPs*** jitħallew joperaw skemi tal-pensjoni differenti, inklużi dawk li jkollhom politika ta' investiment distinta, u jaċċettaw sponsorizzazzjoni minn diversi impriżi sponsor, inkluż fl-istess skema tal-pensjoni. Dik il-flessibbiltà tista' tiffaċilita li jintlaħaq aktar skalar, u b'hekk ittejjeb il-kosteffiċjenza, id-diversifikazzjoni tar-riskju u l-kapaċità ta' governanza, għall-benefiċċju tal-membri u tal-benefiċjarji.	(15) L-organizzazzjoni tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali tista' tibbenefika minn flessibbiltà akbar fil-mod kif l-IORPs jistrutturaw u jiġġestixxu l-iskemi tal-pensjoni u l-arranġamenti ta' sponsorizzazzjoni. Għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li ***kategoriji speċifiċi tal-IORPs*** jitħallew joperaw skemi tal-pensjoni differenti, inklużi dawk li jkollhom politika ta' investiment distinta, u jaċċettaw sponsorizzazzjoni minn diversi impriżi sponsor, inkluż fl-istess skema tal-pensjoni. Dik il-flessibbiltà tista' tiffaċilita li jintlaħaq aktar skalar, u b'hekk ittejjeb il-kosteffiċjenza, id-diversifikazzjoni tar-riskju u l-kapaċità ta' governanza, għall-benefiċċju tal-membri u tal-benefiċjarji.

Or. en

Emenda 148
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Direttiva (UE) 2016/2341 tiddistingwi bejn l-awtorizzazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-IORPs iżda ma tiddefinixxi l-ebda wieħed mill-kunċetti, filwaqt li tobbliga lill-Istati Membri jżommu reġistru nazzjonali tal-IORPs. Dan irriżulta fi prattiki superviżorji diverġenti, inklużi każijiet fejn l-awtoritajiet kompetenti ma jwettqux valutazzjoni prudenzjali ex ante, jew, f'ċerti każijiet, fejn ma titwettaq l-ebda valutazzjoni prudenzjali. In-nuqqas ta' valutazzjoni prudenzjali bħala parti mill-proċess ta' reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni jista' jimmina l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-membri u l-benefiċjarji. Sabiex jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju u jiġu ssalvagwardjati l-interessi ta' dawk li jfaddlu għall-pensjoni, l-IORPs kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal proċedura ta' awtorizzazzjoni li tinkludi valutazzjoni prudenzjali xierqa mill-awtorità kompetenti. F'konformità mal-parir tekniku tal-EIOPA dwar ir-rieżami tad-Direttiva IORP II u mal-Linji Gwida ta' Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar il-Prinċipji Ewlenin għar-Regolamentazzjoni tal-Pensjonijiet Privati, il-proċess ta' awtorizzazzjoni jenħtieġ li jirrikjedi wkoll li l-IORPs jistabbilixxu u jżommu pjan ta' direzzjoni tan-negozju għall-attivitajiet ippjanati kollha.	***imħassar***

Or. en

Emenda 149
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Biex jitjiebu l-provvista effettiva u adattabbli ta' rtirar okkupazzjonali, kif ukoll l-ekonomiji ta' skala, jenħtieġ li l-IORPs jitħallew joperaw diversi skemi ta' pensjoni, inklużi dawk b'approċċi distinti ta' investiment, u jaċċettaw sponsorizzazzjoni minn diversi impriżi fl-istess skema, filwaqt li jiżguraw ġestjoni xierqa u l-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji.	(17) Biex jitjiebu l-provvista effettiva u adattabbli ta' rtirar okkupazzjonali, kif ukoll l-ekonomiji ta' skala, jenħtieġ li l-IORPs jitħallew joperaw diversi skemi ta' pensjoni, inklużi dawk b'approċċi distinti ta' investiment, u jaċċettaw sponsorizzazzjoni minn diversi impriżi fl-istess skema, filwaqt li jiżguraw ġestjoni xierqa u l-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji. ***Il-possibbiltà li jiġu operati skemi ta' pensjoni differenti u li tiġi aċċettata sponsorizzazzjoni minn diversi impriżi fl-istess skema jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-konformità mar-rekwiżiti stabbilit fil-liġijiet tal-Istat Membru ta' domiċilju rigward l-operat ta' skemi differenti jew ta' skemi b'diversi impriżi sponsor. Kwalunkwe IORP li, minħabba n-natura tal-attivitajiet tagħha kif stabbilit fl-istatut ta' assoċjazzjoni tagħha, topera skema waħda jew tista' taċċetta sponsorizzazzjoni minn sponsor wieħed biss jenħtieġ li tkun tista' tikkonverti f'tip ta' IORP li tista' taċċetta bosta sponsors jew topera bosta skemi. Kwalunkwe liġi nazzjonali ta' Stat Membru ospitanti li tirrikjedi forma ġuridika partikolari għall-operat ta' tali skemi ma għandhiex tapplika għal IORPs b'bosta sponsors jew b'bosta skemi inkorporati fi Stat Membru ieħor f'konformità mar-regoli ta' dak l-Istat Membru l-ieħor. Dan jenħtieġ li jkun ukoll mingħajr preġudizzju għall-għażla tal-Istat Membru ta' domiċilju li jirrikjedi li l-iskemi b'diversi impriżi sponsor jiġu operati skont id-Direttiva 2009/138/KE.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhux kull IORP individwali titħalla taċċetta diversi l-isponsors skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, u din l-ispeċifiċità għandha titqies.

Emenda 150
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Huwa ta' piż bla bżonn li jiġu imposti fuq IORP, li tkun qed twettaq attivitajiet transfruntiera fi Stat Membru ospitanti, proċeduri transfruntiera inizjali sħaħ meta tali IORP tkun tixtieq testendi dawk l-attivitajiet għal impriżi jew skemi sponsor addizzjonali fl-istess Stat Membru ospitanti. Approċċ bħal dan jista' jwassal għal duplikazzjoni tal-proċeduri, żieda fin-nefqa amministrattiva u dewmien, mingħajr ma tittejjeb il-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji. Sabiex tiġi ffaċilitata superviżjoni proporzjonata u effiċjenti u tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti, jenħtieġ li tali estensjonijiet ikunu soġġetti għal proċedura ta' notifika simplifikata li trid titlesta fi żmien xahar. Dik l-iskeda ta' żmien tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-koordinazzjoni u s-sorveljanza meħtieġa mingħajr ma joħolqu dewmien jew piż bla bżonn għall-IORPs.	(19) Huwa ta' piż bla bżonn li jiġu imposti fuq IORP, li tkun qed twettaq attivitajiet transfruntiera fi Stat Membru ospitanti, proċeduri ***ta' notifika*** transfruntiera inizjali sħaħ meta tali IORP tkun tixtieq testendi dawk l-attivitajiet għal impriżi jew skemi sponsor addizzjonali fl-istess Stat Membru ospitanti. Approċċ bħal dan jista' jwassal għal duplikazzjoni tal-proċeduri, żieda fin-nefqa amministrattiva u dewmien, mingħajr ma tittejjeb il-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji. Sabiex tiġi ffaċilitata superviżjoni proporzjonata u effiċjenti u tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti, jenħtieġ li tali estensjonijiet ikunu soġġetti għal proċedura ta' notifika simplifikata li trid titlesta fi żmien xahar. Dik l-iskeda ta' żmien tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-koordinazzjoni u s-sorveljanza meħtieġa mingħajr ma joħolqu dewmien jew piż bla bżonn għall-IORPs. ***Il-proċedura ta' notifika simplifikata jenħtieġ li tapplika wkoll fir-rigward ta' emendi mhux materjali. Dawn huma bidliet li ma jaffettwawx il-karatteristiċi ewlenin tal-iskema tal-pensjoni notifikata, inklużi l-istruttura tal-benefiċċji tagħha, id-drittijiet tal-membri jew il-profil tar-riskju, u li ma għandhomx impatt sinifikanti fuq il-membri jew il-benefiċjarji. L-awtorità kompetenti tal-***

Istat Membru ta' Domiċilju tista' titlob lil IORP biex ma tużax il-proċedura ta' notifika simplifikata meta tqis li l-emendi maħsuba huma fil-fatt materjali.

Or. en

Emenda 151
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Huwa ta' piż bla bżonn li jiġu imposti fuq IORP, li tkun qed twettaq attivitajiet transfruntiera fi Stat Membru ospitanti, proċeduri transfruntiera inizjali sħaħ meta tali IORP tkun tixtieq testendi dawk l-attivitajiet għal impriżi jew skemi sponsor addizzjonali fl-istess Stat Membru ospitanti. Approċċ bħal dan jista' jwassal għal duplikazzjoni tal-proċeduri, żieda fin-nefqa amministrattiva u dewmien, mingħajr ma tittejjeb il-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji. Sabiex tiġi ffaċilitata superviżjoni proporzjonata u effiċjenti u tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti, jenħtieġ li tali estensjonijiet ikunu soġġetti għal proċedura ta' notifika simplifikata li trid titlesta fi żmien ***xahar***. Dik l-iskeda ta' żmien tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-koordinazzjoni u s-sorveljanza meħtieġa mingħajr ma joħolqu dewmien jew piż bla bżonn għall-IORPs.	(19) Huwa ta' piż bla bżonn li jiġu imposti fuq IORP, li tkun qed twettaq attivitajiet transfruntiera fi Stat Membru ospitanti, proċeduri transfruntiera inizjali sħaħ meta tali IORP tkun tixtieq testendi dawk l-attivitajiet għal impriżi jew skemi sponsor addizzjonali fl-istess Stat Membru ospitanti. Approċċ bħal dan jista' jwassal għal duplikazzjoni tal-proċeduri, żieda fin-nefqa amministrattiva u dewmien, mingħajr ma tittejjeb il-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji. Sabiex tiġi ffaċilitata superviżjoni proporzjonata u effiċjenti u tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti, jenħtieġ li tali estensjonijiet ikunu soġġetti għal proċedura ta' notifika simplifikata li trid titlesta fi żmien ***3 xhur***. Dik l-iskeda ta' żmien tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-koordinazzjoni u s-sorveljanza meħtieġa mingħajr ma joħolqu dewmien jew piż bla bżonn għall-IORPs.

Or. en

Emenda 152
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Ir-regoli li jirregolaw it-trasferimenti kollettivi tal-obbligazzjonijiet kollha ta' skema tal-pensjoni jew ta' parti minnhom, il-provvedimenti tekniċi, u obbligi u drittijiet oħra ***għandhom rwol ewlieni fil-konsolidazzjoni u fl-iskalar tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali. Meta tali regoli jkunu stretti żżejjed, dawn joħolqu ostakli bla bżonn għall-iskalar u għall-konsolidazzjoni, li jista' jkun ta' detriment għall-interessi fit-tul tal-faddala***. ***Fl-istess ħin,*** huwa importanti li l-membri u l-benefiċjarji, jew ir-rappreżentanti tagħhom, ikunu jistgħu jesprimu effettivament il-fehmiet tagħhom dwar it-trasferimenti transfruntiera proposti. ***Għall-faċilitazzjoni ta' tali trasferimenti,*** huwa ***għalhekk*** xieraq li r-regoli applikabbli fl-Unjoni jiġu ċċarati u ssimplifikati, filwaqt li jiġi żgurat li l-proċeduri jibqgħu trasparenti, proporzjonati u konsistenti mal-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji, filwaqt li jippermettu effiċjenza ***u integrazzjoni akbar fis-suq intern***. Dan jenħtieġ li jinkludi dispożizzjonijiet għal notifika f'waqtha, approvazzjoni mill-impriża sponsor fejn applikabbli, u l-possibbiltà li l-membri u l-benefiċjarji jesprimu l-oġġezzjoni tagħhom b'mod formali.	(20) Ir-regoli li jirregolaw it-trasferimenti kollettivi tal-obbligazzjonijiet kollha ta' skema tal-pensjoni jew ta' parti minnhom, il-provvedimenti tekniċi, u obbligi u drittijiet oħra ***jenħtieġ li jkunu bbilanċjati***. Huwa importanti li l-membri u l-benefiċjarji, jew ir-rappreżentanti tagħhom, ikunu jistgħu jesprimu effettivament il-fehmiet tagħhom dwar it-trasferimenti transfruntiera proposti. Huwa xieraq li r-regoli applikabbli fl-Unjoni jiġu ċċarati u ssimplifikati, filwaqt li jiġi żgurat li l-proċeduri jibqgħu trasparenti, proporzjonati u konsistenti mal-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji, filwaqt li jippermettu effiċjenza. Dan jenħtieġ li jinkludi dispożizzjonijiet għal notifika f'waqtha, approvazzjoni mill-impriża sponsor fejn applikabbli, u l-possibbiltà li l-membri u l-benefiċjarji jesprimu l-oġġezzjoni tagħhom b'mod formali.

Or. en

Emenda 153
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Għal trasferimenti kollettivi domestiċi minn IORP għal oħra, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm	***imħassar***

fis-seħħ proċeduri sempliċi, trasparenti u operazzjonalment effiċjenti li jippermettu l-konsolidazzjoni u r-ristrutturar tal-iskemi tal-pensjoni fit-territorji tagħhom. Tali proċeduri jenħtieġ li jiffaċilitaw il-ksib ta' skala u ta' kosteffiċjenza u jenħtieġ li ma jkunux aktar restrittivi mill-proċeduri applikabbli għat-trasferimenti transfruntiera.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha tinqara flimkien mat-tħassir propost tal-Artikolu 12a.

Emenda 154
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Għal trasferimenti kollettivi domestiċi minn IORP għal oħra, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ proċeduri sempliċi, trasparenti u operazzjonalment effiċjenti ***li jippermettu l-konsolidazzjoni u r-ristrutturar tal-iskemi tal-pensjoni fit-territorji tagħhom***. Tali proċeduri jenħtieġ li jiffaċilitaw ***il-ksib ta' skala u ta' kosteffiċjenza*** u jenħtieġ li ma jkunux aktar restrittivi mill-proċeduri applikabbli għat-trasferimenti transfruntiera.	(21) Għal trasferimenti kollettivi domestiċi minn IORP għal oħra, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ proċeduri sempliċi, trasparenti u operazzjonalment effiċjenti. Tali proċeduri jenħtieġ li jiffaċilitaw ***il-kosteffiċjenza*** u jenħtieġ li ma jkunux aktar restrittivi mill-proċeduri applikabbli għat-trasferimenti transfruntiera.

Or. en

Emenda 155
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) L-Istati Membri jistgħu jippermettu sottofinanzjament temporanju ta' skemi ta' pensjoni okkupazzjonali. Uħud mill-Istati Membri implimentaw dik l-għażla b'modi differenti, filwaqt li oħrajn għażlu li ma jużawhiex, u dan irriżulta f'inkonsistenzi li jistgħu jaffettwaw il-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji. Filwaqt li l-prevenzjoni tas-sottofinanzjament hija importanti, projbizzjoni assoluta tista', f'xi każijiet, tisforza tnaqqis f'daqqa fil-wegħdiet tal-pensjoni, li jista' jkun ta' detriment għall-membri u l-benefiċjarji. Sabiex jiġi żgurat approċċ ibbilanċjat u proporzjonat u protezzjoni adegwata tal-membri u tal-benefiċjarji, jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu sottofinanzjament temporanju għal perjodu limitat, iddeterminat bil-liġi nazzjonali, li fi kwalunkwe każ jenħtieġ li ma jaqbiżx ***l-10 snin***.	(22) L-Istati Membri jistgħu jippermettu sottofinanzjament temporanju ta' skemi ta' pensjoni okkupazzjonali. Uħud mill-Istati Membri implimentaw dik l-għażla b'modi differenti, filwaqt li oħrajn għażlu li ma jużawhiex, u dan irriżulta f'inkonsistenzi li jistgħu jaffettwaw il-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji. Filwaqt li l-prevenzjoni tas-sottofinanzjament hija importanti, projbizzjoni assoluta tista', f'xi każijiet, tisforza tnaqqis f'daqqa fil-wegħdiet tal-pensjoni, li jista' jkun ta' detriment għall-membri u l-benefiċjarji. Sabiex jiġi żgurat approċċ ibbilanċjat u proporzjonat u protezzjoni adegwata tal-membri u tal-benefiċjarji, jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu sottofinanzjament temporanju għal perjodu limitat, iddeterminat bil-liġi nazzjonali, li fi kwalunkwe każ jenħtieġ li ma jaqbiżx ***is-sentejn***.

Or. en

Emenda 156
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) L-Istati Membri jistgħu jippermettu sottofinanzjament temporanju ta' skemi ta' pensjoni okkupazzjonali. Uħud mill-Istati Membri implimentaw dik l-għażla b'modi differenti, filwaqt li oħrajn għażlu li ma jużawhiex, u dan irriżulta f'inkonsistenzi li jistgħu jaffettwaw il-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji. Filwaqt li l-prevenzjoni tas-sottofinanzjament hija importanti, projbizzjoni assoluta tista', f'xi każijiet, tisforza tnaqqis f'daqqa fil-wegħdiet tal-pensjoni, li jista' jkun ta' detriment għall-membri u l-benefiċjarji. Sabiex jiġi żgurat approċċ ibbilanċjat u	(22) L-Istati Membri jistgħu jippermettu sottofinanzjament temporanju ta' skemi ta' pensjoni okkupazzjonali. Uħud mill-Istati Membri implimentaw dik l-għażla b'modi differenti, filwaqt li oħrajn għażlu li ma jużawhiex, u dan irriżulta f'inkonsistenzi li jistgħu jaffettwaw il-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji. Filwaqt li l-prevenzjoni tas-sottofinanzjament hija importanti, projbizzjoni assoluta tista', f'xi każijiet, tisforza tnaqqis f'daqqa fil-wegħdiet tal-pensjoni, li jista' jkun ta' detriment għall-membri u l-benefiċjarji. Sabiex jiġi żgurat approċċ ibbilanċjat u

proporzjonat u protezzjoni adegwata tal-membri u tal-benefiċjarji, jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu sottofinanzjament temporanju għal perjodu limitat, iddeterminat bil-liġi nazzjonali, li fi kwalunkwe każ jenħtieġ li ma jaqbiżx ***l-10 snin***.	proporzjonat u protezzjoni adegwata tal-membri u tal-benefiċjarji, jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu sottofinanzjament temporanju għal perjodu limitat, iddeterminat bil-liġi nazzjonali, li fi kwalunkwe każ jenħtieġ li ma jaqbiżx is-sentejn.

Or. en

Emenda 157
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Ċerti parametri tekniċi fid-Direttiva (UE) 2016/2341 jirriżultaw mid-Direttiva tal-Kunsill 79/267/KEE[11], l-ewwel Direttiva dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Ħajja, u baqgħu l-istess mill-introduzzjoni tagħhom. Għalhekk huwa xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà li jiġu aġġustati permezz ta' atti delegati, jekk dan jitqies meħtieġ biex jiġi żgurat li jibqgħu xierqa fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq u tal-prattiki superviżorji.	***imħassar***
[11] L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 79/267/KEE tal-5 ta' Marzu 1979 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi marbuta mal-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' assikurazzjoni diretta fuq il-ħajja (ĠU L 63, 13.3.1979, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1979/267/oj).	

Or. en

Emenda 158
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada

Proposta għal direttiva

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Ċerti parametri tekniċi fid-Direttiva (UE) 2016/2341 jirriżultaw mid-Direttiva tal-Kunsill 79/267/KEE[11], l-ewwel Direttiva dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Ħajja, u baqgħu l-istess mill-introduzzjoni tagħhom. ***Għalhekk huwa xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà*** li jiġu aġġustati permezz ta' atti delegati, jekk dan jitqies meħtieġ biex jiġi żgurat li jibqgħu xierqa fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq u tal-prattiki superviżorji.	(23) Ċerti parametri tekniċi fid-Direttiva (UE) 2016/2341 jirriżultaw mid-Direttiva tal-Kunsill 79/267/KEE[11], l-ewwel Direttiva dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Ħajja, u baqgħu l-istess mill-introduzzjoni tagħhom. ***Minkejja dan qegħdin jirrikjedu lil dawk li jfasslu l-politika u lil-leġiżlaturi jivvalutaw bir-reqqa kemm hu xieraq*** li jiġu aġġustati permezz ta' atti delegati, jekk dan jitqies meħtieġ biex jiġi żgurat li jibqgħu xierqa fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq u tal-prattiki superviżorji. ***Huwa essenzjali li jiġi rikonoxxut li tali għażliet jistgħu, minn naħa, jipprovdu aktar flessibbiltà għal rispons għall-iżviluppi tas-suq. Min-naħa l-oħra, dawn jistgħu jdgħajfu l-prinċipju ta' armonizzazzjoni minima, joħolqu pressjoni fuq il-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inaqqsu l-iskrutinju politiku, iżidu l-governanza teknokratika, jillimitaw l-involviment tas-sħab soċjali, u jkollhom effetti mhux xierqa fuq il-protezzjoni soċjali, ir-relazzjonijiet tax-xogħol, in-negozjar kollettiv u l-mudelli nazzjonali tal-benesseri.***
[11] L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 79/267/KEE tal-5 ta' Marzu 1979 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi marbuta mal-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' assikurazzjoni diretta fuq il-ħajja (ĠU L 63, 13.3.1979, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1979/267/oj).	[11] L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 79/267/KEE tal-5 ta' Marzu 1979 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi marbuta mal-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' assikurazzjoni diretta fuq il-ħajja (ĠU L 63, 13.3.1979, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1979/267/oj).

Or. en

Emenda 159
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Direttiva (UE) 2016/2341 tobbliga lill-IORPs ikollhom marġni ta' solvenza disponibbli adegwat. Dak il-marġni ta' solvenza ma jirriflettix kompletament l-iskoperturi għar-riskji tas-suq u tal-longevità, inkluż fejn l-IORP tissottoskrivi riskju bijometriku jew tiggarantixxi prestazzjoni tal-investiment jew livell ta' benefiċċji partikolari. Xi Stati Membri jirrikjedu li l-IORPs iżommu fondi proprji regolatorji bbażati fuq ir-riskju ogħla mill-marġni ta' solvenza meħtieġ. Fl-Istati Membri fejn tali rekwiżiti bbażati fuq ir-riskju ma jeżistux, jenħtieġ li tiġi żgurata protezzjoni komparabbli għal min ifaddal u għall-benefiċjarji. B'mod partikolari, l-IORPs li jkopru r-riskju bijometriku jew li joffru garanziji u li mhumiex soġġetti għal rekwiżiti ta' kapital ibbażat fuq ir-riskju, jenħtieġ li jwettqu testijiet tal-istress regolari biex jivvalutaw il-kapaċità tagħhom li jibqgħu ffinanzjati fuq perjodu ta' żmien twil, inkluż f'xenarji negattivi tas-suq u demografiċi, u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li jirrikjedu azzjonijiet ta' rimedju meta jiġi identifikat sottofinanzjament.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha tinqara flimkien mat-tħassir propost tal-Artikolu 18a.

Emenda 160
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Direttiva (UE) 2016/2341 tobbliga lill-IORPs ikollhom marġni ta' solvenza disponibbli adegwat. Dak il-marġni ta'	(24) Direttiva (UE) 2016/2341 tobbliga lill-IORPs ikollhom marġni ta' solvenza disponibbli adegwat. Dak il-marġni ta'

solvenza ma jirriflettix kompletament l-iskoperturi għar-riskji tas-suq u tal-longevità, inkluż fejn l-IORP tissottoskrivi riskju bijometriku jew tiggarantixxi prestazzjoni tal-investiment jew livell ta' benefiċċji partikolari. Xi Stati Membri jirrikjedu li l-IORPs iżommu fondi proprji regolatorji bbażati fuq ir-riskju ogħla mill-marġni ta' solvenza meħtieġ. Fl-Istati Membri fejn tali rekwiżiti bbażati fuq ir-riskju ma jeżistux, jenħtieġ li tiġi żgurata protezzjoni komparabbli għal min ifaddal u għall-benefiċjarji. B'mod partikolari, l-IORPs li jkopru r-riskju bijometriku jew li joffru garanziji u li mhumiex soġġetti għal rekwiżiti ta' kapital ibbażat fuq ir-riskju, jenħtieġ li jwettqu testijiet tal-istress regolari biex jivvalutaw il-kapaċità tagħhom li jibqgħu ffinanzjati fuq perjodu ta' żmien twil, inkluż f'xenarji negattivi tas-suq u demografiċi, u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li jirrikjedu azzjonijiet ta' rimedju meta jiġi identifikat sottofinanzjament.

solvenza ma jirriflettix kompletament l-iskoperturi għar-riskji tas-suq u tal-longevità, inkluż fejn l-IORP tissottoskrivi riskju bijometriku jew tiggarantixxi prestazzjoni tal-investiment jew livell ta' benefiċċji partikolari. Xi Stati Membri jirrikjedu li l-IORPs iżommu fondi proprji regolatorji bbażati fuq ir-riskju ogħla mill-marġni ta' solvenza meħtieġ. Fl-Istati Membri fejn tali rekwiżiti bbażati fuq ir-riskju ma jeżistux, jenħtieġ li tiġi żgurata protezzjoni komparabbli għal min ifaddal u għall-benefiċjarji. B'mod partikolari, l-IORPs li jkopru r-riskju bijometriku jew li joffru garanziji u li mhumiex soġġetti għal rekwiżiti ta' kapital ibbażat fuq ir-riskju, jenħtieġ li jwettqu testijiet tal-istress regolari biex jivvalutaw il-kapaċità tagħhom li jibqgħu ffinanzjati fuq perjodu ta' żmien twil, inkluż f'xenarji negattivi tas-suq u demografiċi, u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li jirrikjedu azzjonijiet ta' rimedju meta jiġi identifikat sottofinanzjament. ***IORP tissottoskrivi l-obbligazzjoni tagħha li tkopri riskji bijometriċi sa fejn dik l-IORP ikollha kuntratt ma' parti esterna, bħal kumpanija tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, li tiggarantixxi dawk ir-riskji jew sa fejn l-IORP tikkonkludi kuntratt tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, kemm jekk parzjali kif ukoll jekk le, ma' parti esterna. F'każijiet bħal dawn, l-IORP ikollha biss riskju ta' kreditu relatat ma' dik il-parti esterna. Fil-każ li jiġi pprovdut benefiċċju fil-forma ta' annwalità varjabbli, jiġifieri li l-IORP ma tinvolvix jew tinvolvi biss parzjalment riskji bijometriċi, l-IORP jenħtieġ li tapplika biss il-provvedimenti tekniċi stabbiliti fl-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2016/2341 sal-punt li l-IORP innifisha tkopri dawk ir-riskji bijometriċi.***

Or. en

Emenda 161

Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) L-assi privati, inklużi l-ekwità privata, id-dejn privat u l-kapital ta' riskju, jistgħu jtejbu r-relazzjoni bejn ir-riskju u r-redditu tal-portafolli ta' investiment billi jtejbu d-diversifikazzjoni u potenzjalment iwasslu għal redditi ogħla fit-tul. Madankollu, assi bħal dawn spiss ikunu aktar kumplessi biex jingħataw valur u jiġu vvalutati f'termini ta' riskju, u b'hekk jeħtieġu kwalifiki professjonali sostanzjali. Skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2016/2341, l-IORPs jenħtieġ li jinvestu fl-aħjar interessi fit-tul tal-membri u tal-benefiċjarji u f'konformità mar-regola tal-"persuna prudenti". Dik ir-regola, madankollu, mhijiex spjegata biżżejjed, u diversi Stati Membri introduċew, f'konformità ma' dak l-Artikolu, limiti ta' investiment dettaljati u xi drabi restrittivi. Tali restrizzjonijiet ġenerali jistgħu jipprevjenu lil istituzzjonijiet regolati sew, b'kapaċità adegwata ta' ġestjoni tar-riskju, milli jinvestu b'mod effiċjenti f'assi alternattivi. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-qafas ta' investiment ewlieni jkun prinċipju ta' persuna prudenti bbażat fuq ir-riskju, li jippermetti lill-istituzzjonijiet jinvestu fi kwalunkwe tip ta' assi, dment li jkunu jistgħu jidentifikaw, ikejlu, jimmonitorjaw, jimmaniġġjaw u jirrapportaw kif xieraq ir-riskji assoċjati. Għaldaqstant, bħala salvagwardja għall-membri u l-benefiċjarji, il-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw restrizzjonijiet fuq l-investiment jenħtieġ li tkun limitata għal każijiet fejn ir-riskju tal-investiment jiġġarrab mill-membri u l-benefiċjarji, u dawk ir-restrizzjonijiet jenħtieġ li ma jirriżultawx fi projbizzjoni ġenerali fuq l-investiment f'ċerti klassijiet tal-assi. Il-komunikazzjoni chapeau tad-19 ta' Novembru 2025[12] tipprovdi aktar gwida	***imħassar***

mhux vinkolanti dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-persuna prudenti, inkluż dwar kif jenħtieġ li jappoġġa l-allokazzjoni effiċjenti tat-tfaddil fit-tul.

---

[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Tishiħ tal-kapaċità tas-settur tal-pensjonijiet supplimentari tal-UE biex jitjieb l-introjtu wara l-irtirar u għall-forniment fuq terminu twil ta' kapital għall-ekonomija tal-UE. [PO = jekk jogħġbok inkludi n-numru tad-dokument u l-link tal-internet].

Or. en

Emenda 162
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) L-assi privati, inklużi l-ekwità privata, id-dejn privat u l-kapital ta' riskju, jistgħu jtejbu r-relazzjoni bejn ir-riskju u r-redditu tal-portafolli ta' investiment billi jtejbu d-diversifikazzjoni u potenzjalment iwasslu għal redditi ogħla fit-tul. Madankollu, assi bħal dawn spiss ikunu aktar kumplessi biex jingħataw valur u jiġu vvalutati f'termini ta' riskju, u b'hekk jeħtieġu kwalifiki professjonali sostanzjali. Skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2016/2341, l-IORPs jenħtieġ li jinvestu fl-aħjar interessi fit-tul tal-membri u tal-benefiċjarji u f'konformità mar-regola tal-"persuna prudenti". Dik ir-regola, madankollu, mhijiex spjegata biżżejjed, u diversi Stati Membri introduċew, f'konformità ma' dak l-Artikolu, limiti ta' investiment dettaljati u xi drabi restrittivi.	(25) L-assi privati, inklużi l-ekwità privata, id-dejn privat u l-kapital ta' riskju, jistgħu jtejbu r-relazzjoni bejn ir-riskju u r-redditu tal-portafolli ta' investiment billi jtejbu d-diversifikazzjoni u potenzjalment iwasslu għal redditi ogħla fit-tul. Madankollu, assi bħal dawn spiss ikunu aktar kumplessi biex jingħataw valur u jiġu vvalutati f'termini ta' riskju, u b'hekk jeħtieġu kwalifiki professjonali sostanzjali. Skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2016/2341, l-IORPs jenħtieġ li jinvestu fl-aħjar interessi fit-tul tal-membri u tal-benefiċjarji u f'konformità mar-regola tal-"persuna prudenti". Dik ir-regola, madankollu, mhijiex spjegata biżżejjed, u diversi Stati Membri introduċew, f'konformità ma' dak l-Artikolu, limiti ta' investiment dettaljati u xi drabi restrittivi.

Tali restrizzjonijiet ġenerali jistgħu jipprevjenu lil istituzzjonijiet regolati sew, b'kapaċità adegwata ta' ġestjoni tar-riskju, milli jinvestu b'mod effiċjenti f'assi alternattivi. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-qafas ta' investiment ewlieni jkun prinċipju ta' persuna prudenti bbażat fuq ir-riskju, li jippermetti lill-istituzzjonijiet jinvestu fi kwalunkwe tip ta' assi, dment li jkunu jistgħu jidentifikaw, ikejlu, jimmonitorjaw, jimmaniġġjaw u jirrapportaw kif xieraq ir-riskji assoċjati. Għaldaqstant, bħala salvagwardja għall-membri u l-benefiċjarji, il-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw restrizzjonijiet fuq l-investiment jenħtieġ li tkun limitata għal każijiet fejn ir-riskju tal-investiment jiġġarrab mill-membri u l-benefiċjarji, u dawk ir-restrizzjonijiet jenħtieġ li ma jirriżultawx fi projbizzjoni ġenerali fuq l-investiment f'ċerti klassijiet tal-assi. Il-komunikazzjoni chapeau tad-19 ta' Novembru 2025[12] tipprovdi aktar gwida mhux vinkolanti dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-persuna prudenti, inkluż dwar kif jenħtieġ li jappoġġa l-allokazzjoni effiċjenti tat-tfaddil fit-tul.

Tali restrizzjonijiet ġenerali jistgħu jipprevjenu lil istituzzjonijiet regolati sew, b'kapaċità adegwata ta' ġestjoni tar-riskju, milli jinvestu b'mod effiċjenti f'assi alternattivi. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-qafas ta' investiment ewlieni jkun prinċipju ta' persuna prudenti bbażat fuq ir-riskju, li jippermetti lill-istituzzjonijiet jinvestu fi kwalunkwe tip ta' assi, dment li jkunu jistgħu jidentifikaw, ikejlu, jimmonitorjaw, jimmaniġġjaw u jirrapportaw kif xieraq ir-riskji assoċjati. Għaldaqstant, bħala salvagwardja għall-membri u l-benefiċjarji, il-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw restrizzjonijiet fuq l-investiment jenħtieġ li tkun limitata għal każijiet fejn ir-riskju tal-investiment jiġġarrab mill-membri u l-benefiċjarji, u dawk ir-restrizzjonijiet jenħtieġ li ma jirriżultawx fi projbizzjoni ġenerali fuq l-investiment f'ċerti klassijiet tal-assi. Il-komunikazzjoni chapeau tad-19 ta' Novembru 2025[12] tipprovdi aktar gwida mhux vinkolanti dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-persuna prudenti, inkluż dwar kif jenħtieġ li jappoġġa l-allokazzjoni effiċjenti tat-tfaddil fit-tul. ***Fl-istess ħin, ammonti minimi speċifiċi imposti minn fuq għal isfel jew mandati restrittivi fuq il-politiki ta' investiment jistgħu jipperikolaw ukoll il-kapaċità tal-IORPs li jibqgħu solventi b'mod effettiv u li jkomplu jipprovdu introjtu tal-irtirar adegwat. Dan jinkludi mandati ta' investiment ġeografiċi jew ta' klassi ta' assi u jenħtieġ li jiġi pprojbit.***

[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Tisħiħ tal-kapaċità tas-settur tal-pensjonijiet supplimentari tal-UE biex jitjieb l-introjtu wara l-irtirar u għall-forniment fuq terminu twil ta' kapital għall-ekonomija tal-UE. [PO = jekk

[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Tisħiħ tal-kapaċità tas-settur tal-pensjonijiet supplimentari tal-UE biex jitjieb l-introjtu wara l-irtirar u għall-forniment fuq terminu twil ta' kapital għall-ekonomija tal-UE. [PO = jekk

jogħġbok inkludi n-numru tad-dokument u l-link tal-internet].	jogħġbok inkludi n-numru tad-dokument u l-link tal-internet].
	Or. en

Emenda 163
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) L-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali li joperaw skemi ta' pensjoni b'benefiċċju definit, jew skemi fejn l-IORP innifisha tissottoskrivi riskju bijometriku jew tiggarantixxi prestazzjoni tal-investiment partikolari jew livell partikolari ta' benefiċċji, huma fundamentalment differenti mill-impriżi tal-assigurazzjoni fir-rigward tal-istruttura tal-obbligazzjoni tagħhom, ir-rwol tal-impriża sponsor bħala sors ta' appoġġ tal-aħħar istanza, in-natura fit-tul u illikwida tal-obbligi tagħhom, u l-qafas soċjali u kuntrattwali li jirregola l-attivitajiet tagħhom. Ir-rekwiżiti kapitali bbażati fuq ir-riskju applikabbli għall-impriżi tal-assigurazzjoni skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huma kkalibrati għall-profil tar-riskju speċifiku tal-obbligazzjonijiet tal-assigurazzjoni u ma humiex xierqa għall-istruttura tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali. Il-prinċipju tal-"persuna prudenti" stabbilit fl-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2016/2341, kif emendat b'din id-Direttiva, jikkostitwixxi l-qafas xieraq u komplut ta' governanza tal-investiment għall-IORPs. Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jiġi interpretat bħala li jirrikjedi li l-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti jimponu fuq l-IORPs rekwiżiti kapitali kkalibrati b'referenza għar-rekwiżiti tal-formula standard jew tal-mudell intern tad-Direttiva 2009/138/KE. L-

applikazzjoni għall-IORPs ta' benefiċċju definit ta' rekwiżiti kapitali ekwivalenti għal dawk tas-Solvenza II timponi kostijiet sproporzjonati fuq l-impriżi sponsor u l-membri, tippenalizza l-investiment fl-ekwità u fl-assi produttivi fit-tul, u b'hekk tikkontradixxi direttament l-objettivi ta' din id-Direttiva u tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni toħloq perkors superviżorju impliċitu lejn kapitalizzazzjoni ekwivalenti għas-Solvenza II. Din il-premessa teskludi dak il-perkors b'mod espliċitu.

Emenda 164
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Id-Direttiva 2016/2341 iddeterminat li l-IORPs jenħtieġ li jqisu r-riskju għas-sostenibbiltà fil-politika ta' investiment tagħhom, bħal riskji relatati mat-tibdil fil-klima, mal-użu tar-riżorsi, mal-ambjent, mar-riskji soċjali u mar-riskji relatati mad-deprezzament tal-assi kkawżat minn tibdil regolatorju. Il-kunsiderazzjoni ta' dawk ir-riskji jenħtieġ li tiġi integrata fil-prinċipju usa' tal-"persuna prudenti" u ma tissuperax il-kunsiderazzjoni tas-sigurtà, tal-kwalità, tal-likwidità u tal-profittabbiltà tal-portafoll kollu kemm hu. L-IORPs jenħtieġ li jikkunsidraw ukoll il-preferenzi tas-sostenibbiltà tal-membri u l-benefiċjarji tagħhom li jinvestu f'isimhom. Minħabba d-diversità fil-mudelli ta' governanza u l-modi li bihom il-membri huma rreġistrati, l-IORPs jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeterminaw kif għandhom jiġu kkalkolati tali preferenzi

ta' sostenibbiltà, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji, jew tar-rappreżentanti tagħhom, fl-istrutturi ta' governanza tal-IORPs, kif ukoll bi stħarriġ.

Or. en

Emenda 165
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Sabiex tkompli tappoġġa d-direzzjoni tat-tfaddil fit-tul lejn investiment produttiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli tivvaluta, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, jekk l-għodod volontarji fil-livell tal-Unjoni jistgħux jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' prodotti ta' tfaddil jew ta' investiment fit-tul sempliċi, trasparenti u kosteffiċjenti adatti għall-investituri bl-imnut. Għodod bħal dawn jistgħu jinkludu, fejn xieraq, tikketta volontarja tal-Unjoni bbażata fuq karatteristiċi komuni bħas-sempliċità tal-prodott, il-kostijiet baxxi, l-allokazzjoni diversifikata tal-assi, il-mitigazzjoni xierqa tar-riskju u l-informazzjoni ċara. Kwalunkwe valutazzjoni bħal din jenħtieġ li tqis kif xieraq is-sistemi nazzjonali tal-pensjonijiet u tat-tfaddil, il-kompetenzi tal-Istati Membri, inkluż fil-qasam tat-tassazzjoni, il-protezzjoni tal-investituri, u l-ħtieġa li jiġu evitati l-kumplessità jew il-piż amministrattiv addizzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għodda volontarja fil-livell tal-Unjoni tista' tgħin biex tappoġġa l-iżvilupp ta' prodotti tat-tfaddil fit-tul sempliċi, trasparenti u kosteffiċjenti, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali u tevita piż addizzjonali.

Emenda 166
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Jekk il-politiki u d-deċiżjonijiet ta' IORP strutturalment iwasslu għal kapaċità tal-akkwist aktar baxxa għall-membri u l-benefiċjarji, li timmina l-fiduċja fis-sistemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali, dan jiġġustifika djalogu miftuħ dwar is-sensittività għar-riskju tal-IORPs. Filwaqt li huwa essenzjali li l-IORPs ikollhom biżżejjed assi biex dejjem jissodisfaw l-obbligi tagħhom u jibqgħu solventi, jekk ikunu eċċessivament avversi għar-riskju dan ukoll għandu kost u jista' jaffettwa l-interess tal-membri u tal-benefiċjarji. B'mod speċifiku, l-għażliet magħmula minn IORP jista' jkollhom impatt fuq il-kapaċità tal-akkwist tal-benefiċjarji (futuri). Filwaqt li ċerti deċiżjonijiet jistgħu jiġu ġġustifikati abbażi ta' diversi fatturi, inklużi x-xejriet demografiċi u l-inċertezza tas-suq, jenħtieġ li l-IORPs iqisu wkoll l-effetti ta' mġiba prudenzjali kawta żżejjed għad-detriment tal-interessi ta' dawk li jfaddlu għall-pensjoni.

Or. en

Emenda 167
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) L-objettiv primarju u prevalenti tal-investiment ta' IORP jenħtieġ li jkun li timmassimizza r-redditi finanzjarji netti u

aġġustati għar-riskju unikament fl-aħjar interess fit-tul tal-membri u l-benefiċjarji, filwaqt li tqis is-sigurtà, il-kwalità, il-likwidità, il-profittabbiltà, id-diversifikazzjoni u n-natura u d-durata tal-obbligazzjonijiet. Jenħtieġ li l-assi tal-pensjonijiet ma jintużawx bħala strument għall-finanzjament ta' setturi, impriżi, teknoloġiji jew proġetti ffavoriti mill-politika pubblika tal-Unjoni jew nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istituzzjonijiet tal-pensjoni għandhom responsabbiltà fiduċjarja lejn dawk li jfaddlu għall-pensjoni, mhux lejn il-programmi politiċi. L-awtoritajiet pubbliċi ma għandhomx jużaw il-pagi differiti tal-ħaddiema bħala sors ta' finanzjament barra mill-baġit għal proġetti politikament preferuti.

Emenda 168
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' investiment fil-kapital ta' riskju Ewropew identifikat fir-rapporti ta' Draghi u Letta, l-IORPs b'assi mmaniġġjati li jaqbżu l-EUR 1 biljun għandhom jallokaw mill-inqas 2 % tal-assi tagħhom għall-kapital ta' riskju.

Or. en

Emenda 169
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Il-prinċipju tal-proporzjonalità huwa fundamentali għall-operat effettiv tal-firxa diversa ta' IORPs fl-Istati Membri. Is-sistema ta' governanza applikabbli għal IORP jenħtieġ li tkun ikkalibrata għad-daqs u għall-organizzazzjoni interna tagħha, kif ukoll għan-natura, għall-iskala u għall-kumplessità tal-attivitajiet tagħha. Id-daqs assolut ta' IORP huwa fattur varjabbli distint u materjali: ir-rekwiżiti obbligatorji tal-governanza jiġġeneraw kostijiet fissi li huma ta' piż sproporzjonat fuq l-IORPs żgħar irrispettivament mill-profil tar-riskju tagħhom. It-tneħħija tad-daqs bħala kriterju espliċitu tal-proporzjonalità, u l-allinjament tal-kriterju mal-approċċ użat għall-impriżi tal-assigurazzjoni soġġetti għad-Direttiva 2009/138/KE, ma humiex xierqa għall-IORPs, minħabba d-differenzi strutturali bejn iż-żewġ setturi, il-funzjoni soċjali tal-IORPs u r-relazzjoni triangolari bejn l-impjegat, l-impjegatur u l-IORP rikonoxxuta f'din id-Direttiva. Il-kriterji sħaħ tal-proporzjonalità applikabbli skont id-Direttiva (UE) 2016/2341 għalhekk jenħtieġ li jinżammu.

Or. en

Emenda 170
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Il-ġestjoni effettiva tar-riskju hija essenzjali biex jiġi żgurat l-operat tajjeb u prudenti tal-IORPs u biex il-membri u l-benefiċjarji jiġu protetti. L-għażliet operazzjonali u strutturali tal-IORPs, inkluża l-parteċipazzjoni fi strutturi ta' investiment miġbur, servizzi kondiviżi, jew	(28) Il-ġestjoni effettiva tar-riskju hija essenzjali biex jiġi żgurat l-operat tajjeb u prudenti tal-IORPs u biex il-membri u l-benefiċjarji jiġu protetti. L-għażliet operazzjonali u strutturali tal-IORPs, inkluża l-parteċipazzjoni fi strutturi ta' investiment miġbur, servizzi kondiviżi, jew

trasferimenti, jistgħu jaffettwaw il-profil tar-riskju ġenerali tagħhom. Sabiex jiġi żgurat immaniġġjar sod u prudenti, jenħtieġ li l-IORPs jivvalutaw ir-riskji li huma esposti għalihom jew li jistgħu jkunu esposti għalihom skont il-limiti ta' tolleranza tar-riskju approvati mill-korp maniġerjali jew superviżorju tagħhom, filwaqt li jqisu l-kapaċità u l-aptit għar-riskju tal-membri u tal-benefiċjarji. L-ekonomiji ta' skala u l-għażliet ta' effiċjenza jistgħu jnaqqsu r-riskji operazzjonali u ta' investiment għall-membri u l-benefiċjarji u għalhekk jenħtieġ li jiġu kkunsidrati fl-awtovalutazzjoni tar-riskji.	trasferimenti, jistgħu jaffettwaw il-profil tar-riskju ġenerali tagħhom. Sabiex jiġi żgurat immaniġġjar sod u prudenti, jenħtieġ li l-IORPs jivvalutaw ir-riskji li huma esposti għalihom jew li jistgħu jkunu esposti għalihom skont il-limiti ta' tolleranza tar-riskju approvati mill-korp maniġerjali jew superviżorju tagħhom, filwaqt li jqisu l-kapaċità u l-aptit għar-riskju tal-membri u tal-benefiċjarji. L-ekonomiji ta' skala u l-għażliet ta' effiċjenza jistgħu jnaqqsu r-riskji operazzjonali u ta' investiment għall-membri u l-benefiċjarji u għalhekk jenħtieġ li jiġu kkunsidrati fl-awtovalutazzjoni tar-riskji. ***Kwalunkwe rekwiżit ta' valutazzjoni tar-riskju, inkluż fir-rigward tar-riskji finanzjarji relatati mal-klima, jenħtieġ li jibqa' proporzjonat għan-natura, għall-iskala u għall-kumplessità tal-IORP ikkonċernata u jenħtieġ li ma jiħux il-forma ta' eżerċizzji obbligatorji u preskritti b'mod uniformi ta' testijiet tal-istress imposti fil-livell tal-Unjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-riskji relatati mal-klima huma rilevanti għall-ġestjoni tal-investiment fit-tul iżda l-materjalità tagħhom tvarja b'mod sinifikanti fost l-IORPs skont id-daqs, it-tip ta' skema u l-allokazzjoni tal-assi. Eżerċizzji obbligatorji ta' test tal-istress fil-livell tal-Unjoni jkunu sproporzjonati għal IORPs iżgħar u inkonsistenti mal-karattru ta' armonizzazzjoni minima tad-direttiva.

Emenda 171
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Id-depożitarji jipprovdu rimedju konvenjenti għas-salvagwardja tal-assi u għas-sorveljanza tal-ġestjoni tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali, b'mod partikolari fi skemi b'kontribuzzjonijiet definiti fejn	(31) Id-depożitarji jipprovdu rimedju konvenjenti għas-salvagwardja tal-assi u għas-sorveljanza tal-ġestjoni tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali, b'mod partikolari fi skemi b'kontribuzzjonijiet definiti fejn

il-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment. Skont id-Direttiva (UE) 2016/2341, l-Istati Membri għandhom id-diskrezzjoni li jitolbu, bħala regola ġenerali, depożitarju jew li jippermettu lill-IORPs iwettqu dawn il-funzjonijiet huma stess. Dik id-diskrezzjoni wasslet għal inkonsistenzi u sfidi superviżorji fil-każ ta' attivitajiet transfruntieri. Id-differenzi fir-regoli nazzjonali dwar it-tipi ta' entitajiet li jistgħu jaġixxu bħala depożitarji, u l-ambitu tar-responsabbiltajiet tagħhom, jistgħu jimminaw is-sorveljanza prudenzjali effettiva, inaqqsu t-trasparenza, u jżidu r-riskju ta' kunflitti ta' interess jew fallimenti operazzjonali. F'dawn l-aħħar snin, ir-regoli dwar id-depożitarji stabbiliti fid-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] ġew aġġornati u msaħħa biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri. Il-membri u l-benefiċjarji tal-IORPs, li b'mod simili jafdaw it-tfaddil għall-irtirar tagħhom lill-maniġers professjonali, jenħtieġ li jibbenefikaw minn protezzjoni mhux inqas mill-investituri koperti mid-Direttiva 2009/65/KE. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata protezzjoni konsistenti tal-membri u tal-benefiċjarji, tissaħħaħ il-fiduċja fis-sistema tal-pensjonijiet, u jitwettqu faċilment l-attivitajiet transfruntiera, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2016/2341 ***tirrikjedi*** l-ħatra ta' ***depożitarju*** professjonali għall-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru bis-sħiħ ir-riskju tal-investiment. Jenħtieġ li l-emendi jistabbilixxu regoli ċari għal tali depożitarju dwar il-kustodja tal-assi u d-dmirijiet ta' sorveljanza għad-depożitarji, filwaqt li jippermettu flessibbiltà akbar għal skemi oħra u jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jirrestringu bla bżonn l-għażla tad-depożitarji stabbiliti fi Stat Membru ieħor. Madankollu, sabiex jiġi evitat piż bla bżonn fuq l-IORPs, l-Istati Membri jistgħu jżommu l-miżuri ta' salvagwardja eżistenti li jipprovdu livell ta' protezzjoni komparabbli mad-depożitarji.

il-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment. Skont id-Direttiva (UE) 2016/2341, l-Istati Membri għandhom id-diskrezzjoni li jitolbu, bħala regola ġenerali, depożitarju jew li jippermettu lill-IORPs iwettqu dawn il-funzjonijiet huma stess. Dik id-diskrezzjoni wasslet għal inkonsistenzi u sfidi superviżorji fil-każ ta' attivitajiet transfruntieri. Id-differenzi fir-regoli nazzjonali dwar it-tipi ta' entitajiet li jistgħu jaġixxu bħala depożitarji, u l-ambitu tar-responsabbiltajiet tagħhom, jistgħu jimminaw is-sorveljanza prudenzjali effettiva, inaqqsu t-trasparenza, u jżidu r-riskju ta' kunflitti ta' interess jew fallimenti operazzjonali. F'dawn l-aħħar snin, ir-regoli dwar id-depożitarji stabbiliti fid-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] ġew aġġornati u msaħħa biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri. Il-membri u l-benefiċjarji tal-IORPs, li b'mod simili jafdaw it-tfaddil għall-irtirar tagħhom lill-maniġers professjonali, jenħtieġ li jibbenefikaw minn protezzjoni mhux inqas mill-investituri koperti mid-Direttiva 2009/65/KE. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata protezzjoni konsistenti tal-membri u tal-benefiċjarji, tissaħħaħ il-fiduċja fis-sistema tal-pensjonijiet, u jitwettqu faċilment l-attivitajiet transfruntiera, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2016/2341 ***tipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti s-setgħa li jirrikjedu*** l-ħatra ta' ***depożitarji*** professjonali għall-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru bis-sħiħ ir-riskju tal-investiment. Jenħtieġ li l-emendi jistabbilixxu regoli ċari għal tali depożitarju dwar il-kustodja tal-assi u d-dmirijiet ta' sorveljanza għad-depożitarji, filwaqt li jippermettu flessibbiltà akbar għal skemi oħra u jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jirrestringu bla bżonn l-għażla tad-depożitarji stabbiliti fi Stat Membru ieħor. Madankollu, sabiex jiġi evitat piż bla bżonn fuq l-IORPs, l-Istati Membri jistgħu jżommu l-miżuri ta'

salvagwardja eżistenti li jipprovdu livell ta' protezzjoni komparabbli mad-depożitarji.

[13] Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/65/oj)

[13] Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/65/oj)

Or. en

Emenda 172
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Id-depożitarji jipprovdu rimedju konvenjenti għas-salvagwardja tal-assi u għas-sorveljanza tal-ġestjoni tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali, b'mod partikolari fi skemi b'kontribuzzjonijiet definiti fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment. Skont id-Direttiva (UE) 2016/2341, l-Istati Membri għandhom id-diskrezzjoni li jitolbu, bħala regola ġenerali, depożitarju jew li jippermettu lill-IORPs iwettqu dawn il-funzjonijiet huma stess. Dik id-diskrezzjoni wasslet għal inkonsistenzi u sfidi superviżorji fil-każ ta' attivitajiet transfruntieri. Id-differenzi fir-regoli nazzjonali dwar it-tipi ta' entitajiet li jistgħu jaġixxu bħala depożitarji, u l-ambitu tar-responsabbiltajiet tagħhom, jistgħu jimminaw is-sorveljanza prudenzjali effettiva, inaqqsu t-trasparenza, u jżidu r-riskju ta' kunflitti ta' interess jew fallimenti operazzjonali. F'dawn l-aħħar snin, ir-regoli dwar id-depożitarji stabbiliti fid-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] ġew aġġornati u	(31) Id-depożitarji jipprovdu rimedju konvenjenti għas-salvagwardja tal-assi u għas-sorveljanza tal-ġestjoni tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali, b'mod partikolari fi skemi b'kontribuzzjonijiet definiti fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment. Skont id-Direttiva (UE) 2016/2341, l-Istati Membri għandhom id-diskrezzjoni li jitolbu, bħala regola ġenerali, depożitarju jew li jippermettu lill-IORPs iwettqu dawn il-funzjonijiet huma stess. Dik id-diskrezzjoni wasslet għal inkonsistenzi u sfidi superviżorji fil-każ ta' attivitajiet transfruntieri. Id-differenzi fir-regoli nazzjonali dwar it-tipi ta' entitajiet li jistgħu jaġixxu bħala depożitarji, u l-ambitu tar-responsabbiltajiet tagħhom, jistgħu jimminaw is-sorveljanza prudenzjali effettiva, inaqqsu t-trasparenza, u jżidu r-riskju ta' kunflitti ta' interess jew fallimenti operazzjonali. F'dawn l-aħħar snin, ir-regoli dwar id-depożitarji stabbiliti fid-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] ġew aġġornati u

msaħħa biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri. Il-membri u l-benefiċjarji tal-IORPs, li b'mod simili jafdaw it-tfaddil għall-irtirar tagħhom lill-maniġers professjonali, jenħtieġ li jibbenefikaw minn protezzjoni mhux inqas mill-investituri koperti mid-Direttiva 2009/65/KE. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata protezzjoni konsistenti tal-membri u tal-benefiċjarji, tissaħħaħ il-fiduċja fis-sistema tal-pensjonijiet, u jitwettqu faċilment l-attivitajiet transfruntiera, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2016/2341 tirrikjedi l-ħatra ta' depożitarju professjonali għall-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru bis-sħiħ ir-riskju tal-investiment. Jenħtieġ li l-emendi jistabbilixxu regoli ċari għal tali depożitarju dwar il-kustodja tal-assi u d-dmirijiet ta' sorveljanza għad-depożitarji, filwaqt li jippermettu flessibbiltà akbar għal skemi oħra u jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jirrestrinġu bla bżonn l-għażla tad-depożitarji stabbiliti fi Stat Membru ieħor. Madankollu, sabiex jiġi evitat piż bla bżonn fuq l-IORPs, l-Istati Membri jistgħu jżommu l-miżuri ta' salvagwardja eżistenti li jipprovdu livell ta' protezzjoni komparabbli mad-depożitarji.

[13] Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/65/oj)

msaħħa biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri. Il-membri u l-benefiċjarji tal-IORPs, li b'mod simili jafdaw it-tfaddil għall-irtirar tagħhom lill-maniġers professjonali, jenħtieġ li jibbenefikaw minn protezzjoni mhux inqas mill-investituri koperti mid-Direttiva 2009/65/KE. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata protezzjoni konsistenti tal-membri u tal-benefiċjarji, tissaħħaħ il-fiduċja fis-sistema tal-pensjonijiet, u jitwettqu faċilment l-attivitajiet transfruntiera, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2016/2341 tirrikjedi l-ħatra ta' depożitarju professjonali għall-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru bis-sħiħ ir-riskju tal-investiment. Jenħtieġ li l-emendi jistabbilixxu regoli ċari għal tali depożitarju dwar il-kustodja tal-assi u d-dmirijiet ta' sorveljanza għad-depożitarji, filwaqt li jippermettu flessibbiltà akbar għal skemi oħra u jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jirrestrinġu bla bżonn l-għażla tad-depożitarji stabbiliti fi Stat Membru ieħor. Madankollu, sabiex jiġi evitat piż bla bżonn fuq l-IORPs, l-Istati Membri jistgħu jżommu l-miżuri ta' salvagwardja eżistenti li jipprovdu livell ta' protezzjoni komparabbli mad-depożitarji[13a].

[13] Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/65/oj)

[13a] Għall-Artikolu 42 tad-Digriet Netherlandiż dwar l-Implimentazzjoni tal-Att dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar l-Iskema Obbligatorja tal-Pensjonijiet tax-Xogħol (Wvb)

Or. en

Emenda 173
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Informazzjoni frammentata u mhux kompluta dwar l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati u projettati tagħmilha diffiċli għall-membri u l-benefiċjarji biex jiksbu ħarsa ġenerali ċara tal-introjtu tal-irtirar futur tagħhom, b'mod partikolari meta jipparteċipaw f'diversi skemi ta' pensjoni supplimentari. Dak in-nuqqas ta' trasparenza jista' jimmina l-ippjanar tal-irtirar u l-fiduċja fis-sistema tal-pensjonijiet. Sabiex jiġi żgurat li dawk li jfaddlu jirċievu informazzjoni komprensiva, affidabbli u aġġornata, jenħtieġ li l-Istati Membri jobbligaw lill-IORPs jipprovdu data lis-sistemi nazzjonali ta' traċċar tal-pensjonijiet, fejn jeżistu tali sistemi, f'format standardizzat u interoperabbli. Tali sistemi jenħtieġ li jippermettu lill-membri u lill-benefiċjarji jaċċessaw, b'mod koerenti u komparabbli, informazzjoni dwar id-drittijiet dovuti, il-kapital akkumulat u l-benefiċċji projettati tagħhom, filwaqt li jiżguraw li l-IORPs jibqgħu responsabbli għall-preċiżjoni u l-kompletezza tad-data trażmessa. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar għall-IORPs, il-format u l-istruttura tal-informazzjoni jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-informazzjoni inkluża fir-rapporti tal-benefiċċji tal-pensjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 174
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva

Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Informazzjoni frammentata u mhux kompluta dwar l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati u projettati tagħmilha diffiċli għall-membri u l-benefiċjarji biex jiksbu ħarsa ġenerali ċara tal-introjtu tal-irtirar futur tagħhom, b'mod partikolari meta jipparteċipaw f'diversi skemi ta' pensjoni supplimentari. Dak in-nuqqas ta' trasparenza jista' jimmina l-ippjanar tal-irtirar u l-fiduċja fis-sistema tal-pensjonijiet. Sabiex jiġi żgurat li dawk li jfaddlu jirċievu informazzjoni komprensiva, affidabbli u aġġornata, jenħtieġ li l-Istati Membri jobbligaw lill-IORPs jipprovdu data lis-sistemi nazzjonali ta' traċċar tal-pensjonijiet, fejn jeżistu tali sistemi***, f'format standardizzat u interoperabbli***. Tali sistemi jenħtieġ li jippermettu lill-membri u lill-benefiċjarji jaċċessaw, b'mod koerenti u komparabbli, informazzjoni dwar id-drittijiet dovuti, il-kapital akkumulat u l-benefiċċji projettati tagħhom, filwaqt li jiżguraw li l-IORPs jibqgħu responsabbli għall-preċiżjoni u l-kompletezza tad-data trażmessa. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar għall-IORPs, il-format u l-istruttura tal-informazzjoni jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-informazzjoni inkluża fir-rapporti tal-benefiċċji tal-pensjoni.	(32) Informazzjoni frammentata u mhux kompluta dwar l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati u projettati tagħmilha diffiċli għall-membri u l-benefiċjarji biex jiksbu ħarsa ġenerali ċara tal-introjtu tal-irtirar futur tagħhom, b'mod partikolari meta jipparteċipaw f'diversi skemi ta' pensjoni supplimentari. Dak in-nuqqas ta' trasparenza jista' jimmina l-ippjanar tal-irtirar u l-fiduċja fis-sistema tal-pensjonijiet. Sabiex jiġi żgurat li dawk li jfaddlu jirċievu informazzjoni komprensiva, affidabbli u aġġornata, jenħtieġ li l-Istati Membri jobbligaw lill-IORPs jipprovdu data lis-sistemi nazzjonali ta' traċċar tal-pensjonijiet, fejn jeżistu tali sistemi. Tali sistemi jenħtieġ li jippermettu lill-membri u lill-benefiċjarji jaċċessaw, b'mod koerenti***, preċiż, affidabbli*** u komparabbli, informazzjoni dwar id-drittijiet dovuti, il-kapital akkumulat u l-benefiċċji projettati tagħhom, filwaqt li jiżguraw li l-IORPs jibqgħu responsabbli għall-preċiżjoni u l-kompletezza tad-data trażmessa. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar għall-IORPs, il-format u l-istruttura tal-informazzjoni jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-informazzjoni inkluża fir-rapporti tal-benefiċċji tal-pensjoni.

Or. en

Emenda 175
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Informazzjoni frammentata u mhux kompluta dwar l-intitolamenti tal-pensjoni	(32) Informazzjoni frammentata u mhux kompluta dwar l-intitolamenti tal-pensjoni

akkumulati u projettati tagħmilha diffiċli għall-membri u l-benefiċjarji biex jiksbu ħarsa ġenerali ċara tal-introjtu tal-irtirar futur tagħhom, b'mod partikolari meta jipparteċipaw f'diversi skemi ta' pensjoni supplimentari. Dak in-nuqqas ta' trasparenza jista' jimmina l-ippjanar tal-irtirar u l-fiduċja fis-sistema tal-pensjonijiet. Sabiex jiġi żgurat li dawk li jfaddlu jirċievu informazzjoni komprensiva, affidabbli u aġġornata, jenħtieġ li l-Istati Membri jobbligaw lill-IORPs jipprovdu data lis-sistemi nazzjonali ta' traċċar tal-pensjonijiet, fejn jeżistu tali sistemi, f'format standardizzat u interoperabbli. Tali sistemi jenħtieġ li jippermettu lill-membri u lill-benefiċjarji jaċċessaw, b'mod koerenti u komparabbli, informazzjoni dwar id-drittijiet dovuti, il-kapital akkumulat u l-benefiċċji projettati tagħhom, filwaqt li jiżguraw li l-IORPs jibqgħu responsabbli għall-preċiżjoni u l-kompletezza tad-data trażmessa. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar għall-IORPs, il-format u l-istruttura tal-informazzjoni jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-informazzjoni inkluża fir-rapporti tal-benefiċċji tal-pensjoni.

akkumulati u projettati tagħmilha diffiċli għall-membri u l-benefiċjarji biex jiksbu ħarsa ġenerali ċara tal-introjtu tal-irtirar futur tagħhom, b'mod partikolari meta jipparteċipaw f'diversi skemi ta' pensjoni supplimentari. Dak in-nuqqas ta' trasparenza jista' jimmina l-ippjanar tal-irtirar u l-fiduċja fis-sistema tal-pensjonijiet. Sabiex jiġi żgurat li dawk li jfaddlu jirċievu informazzjoni komprensiva, affidabbli u aġġornata, jenħtieġ li l-Istati Membri jobbligaw lill-IORPs jipprovdu data lis-sistemi nazzjonali ta' traċċar tal-pensjonijiet, fejn jeżistu tali sistemi, f'format standardizzat u interoperabbli. Tali sistemi jenħtieġ li jippermettu lill-membri u lill-benefiċjarji jaċċessaw, b'mod koerenti u komparabbli, informazzjoni dwar id-drittijiet dovuti, il-kapital akkumulat u l-benefiċċji projettati tagħhom, filwaqt li jiżguraw li l-IORPs jibqgħu responsabbli għall-preċiżjoni u l-kompletezza tad-data trażmessa. ***B'mod partikolari, id-deċiżjonijiet tal-ħajja, bħal xogħol part-time biex wieħed jieħu ħsieb wild jew membru ieħor tal-familja, u avvenimenti bħad-divorzju, jista' jkollhom effett konsiderevoli fuq il-benefiċċju tal-pensjoni ta' persuna. Għalhekk, jenħtieġ li l-membri tal-iskemi tal-pensjoni jingħataw informazzjoni adegwata dwar il-konsegwenzi għall-benefiċċji tal-pensjoni tagħhom ta' kwalunkwe interruzzjoni jew bidla fl-ammont tal-kontribuzzjonijiet imħallsa fl-iskema tal-pensjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi. L-għoti ta' tali informazzjoni jtejjeb il-litteriżmu finanzjarju u jippermetti lin-nies jagħmlu għażliet finanzjarji infurmati aħjar. Din l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi inkluża wkoll fis-sistemi tat-traċċar tal-pensjonijiet.*** Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar għall-IORPs, il-format u l-istruttura tal-informazzjoni jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-informazzjoni inkluża fir-rapporti tal-benefiċċji tal-pensjoni.

Or. en

Emenda 176
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Informazzjoni frammentata u mhux kompluta dwar l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati u projettati tagħmilha diffiċli għall-membri u l-benefiċjarji biex jiksbu ħarsa ġenerali ċara tal-introjtu tal-irtirar futur tagħhom, b'mod partikolari meta jipparteċipaw f'diversi skemi ta' pensjoni supplimentari. Dak in-nuqqas ta' trasparenza jista' jimmina l-ippjanar tal-irtirar u l-fiduċja fis-sistema tal-pensjonijiet. Sabiex jiġi żgurat li dawk li jfaddlu jirċievu informazzjoni komprensiva, affidabbli u aġġornata, jenħtieġ li l-Istati Membri jobbligaw lill-IORPs jipprovdu data lis-sistemi nazzjonali ta' traċċar tal-pensjonijiet, fejn jeżistu tali sistemi, f'format standardizzat u interoperabbli. Tali sistemi jenħtieġ li jippermettu lill-membri u lill-benefiċjarji jaċċessaw, b'mod koerenti u komparabbli, informazzjoni dwar id-drittijiet dovuti, il-kapital akkumulat u l-benefiċċji projettati tagħhom, filwaqt li jiżguraw li l-IORPs jibqgħu responsabbli għall-preċiżjoni u l-kompletezza tad-data trażmessa. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar għall-IORPs, il-format u l-istruttura tal-informazzjoni jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-informazzjoni inkluża fir-rapporti tal-benefiċċji tal-pensjoni.	(32) Informazzjoni frammentata u mhux kompluta dwar l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati u projettati tagħmilha diffiċli għall-membri u l-benefiċjarji biex jiksbu ħarsa ġenerali ċara tal-introjtu tal-irtirar futur tagħhom, b'mod partikolari meta jipparteċipaw f'diversi skemi ta' pensjoni supplimentari. Dak in-nuqqas ta' trasparenza jista' jimmina l-ippjanar tal-irtirar u l-fiduċja fis-sistema tal-pensjonijiet. Sabiex jiġi żgurat li dawk li jfaddlu jirċievu informazzjoni komprensiva, affidabbli u aġġornata, jenħtieġ li l-Istati Membri jobbligaw lill-IORPs jipprovdu data lis-sistemi nazzjonali ta' traċċar tal-pensjonijiet, fejn jeżistu tali sistemi, f'format standardizzat u interoperabbli. Tali sistemi jenħtieġ li jippermettu lill-membri u lill-benefiċjarji jaċċessaw, b'mod koerenti u komparabbli, informazzjoni dwar id-drittijiet dovuti, il-kapital akkumulat u l-benefiċċji projettati tagħhom, filwaqt li jiżguraw li l-IORPs jibqgħu responsabbli għall-preċiżjoni u l-kompletezza tad-data trażmessa. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar għall-IORPs, il-format u l-istruttura tal-informazzjoni jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-informazzjoni inkluża fir-rapporti tal-benefiċċji tal-pensjoni. ***It-trasparenza jenħtieġ li tmur lil hinn mis-sempliċi għoti tal-informazzjoni. Din trid tiżgura wkoll li l-informazzjoni tkun ċara u tinftiehem mill-membri u mill-benefiċjarji. Jekk id-divulgazzjonijiet ikunu kumplessi jew tekniċi żżejjed, dawn jistgħu jkunu diffiċli biex jintużaw fil-prattika. Għalhekk, ir-rekwiżiti jenħtieġ li jkunu proporzjonati u jappoġġaw il-***

litteriżmu finanzjarju u t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati.

Or. en

Emenda 177
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Ir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni (PBS, Pension Benefit Statement) huwa strument essenzjali li jippermetti lill-membri u lill-benefiċjarji jifhmu l-intitolamenti tal-pensjoni tagħhom matul iż-żmien u fi skemi differenti. Jenħtieġ li jipprovdi informazzjoni ċara, komprensiva u rilevanti li tippermetti lill-membri u lill-benefiċjarji jivvalutaw is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom u jieħdu kwalunkwe azzjoni meħtieġa biex jiżguraw pensjoni adegwata. Bħalissa, in-nuqqas ta' approċċ uniformi fil-livell tal-Istati Membri, flimkien mal-fatt li l-biċċa l-kbira tal-membri jakkumulaw pensjonijiet ma' IORPs multipli matul il-karrieri tagħhom, jirriżulta f'PBSs li jvarjaw fil-format u l-preżentazzjoni, u b'hekk tkun limitata l-komparabbiltà u l-aggregazzjoni. Ir-regoli attwali lanqas ma jirrikjedu l-inklużjoni ta' informazzjoni dwar il-kostijiet, il-prestazzjoni tal-investimenti jew dwar l-għażliet ta' investiment disponibbli u r-riskji korrispondenti tagħhom. Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza u d-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod infurmat, huwa meħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti għat-tfassil tal-PBS u dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar il-kostijiet, ir-redditi tal-investiment u l-opzjonijiet ta' investiment. Għall-istess raġuni, huwa meħtieġ li jiġu żgurati standardizzazzjoni akbar u, fejn possibbli, allinjament mad-Dikjarazzjoni tal-	***imħassar***

Benefiċċju tal-PEPP imsemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2019/1238, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-benefiċċju definit jew tal-kontribuzzjoni definita tal-iskemi tal-pensjoni, u l-ispeċifiċitajiet tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali.

Or. en

Emenda 178
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Ir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni (PBS, Pension Benefit Statement) huwa strument essenzjali li jippermetti lill-membri u lill-benefiċjarji jifhmu l-intitolamenti tal-pensjoni tagħhom matul iż-żmien u fi skemi differenti. Jenħtieġ li jipprovdi informazzjoni ċara, komprensiva u rilevanti li tippermetti lill-membri u lill-benefiċjarji jivvalutaw is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom u jieħdu kwalunkwe azzjoni meħtieġa biex jiżguraw pensjoni adegwata. ***Bħalissa, in-nuqqas ta' approċċ uniformi fil-livell tal-Istati Membri, flimkien mal-fatt li l-biċċa l-kbira tal-membri jakkumulaw pensjonijiet ma' IORPs multipli matul il-karrieri tagħhom, jirriżulta f'PBSs li jvarjaw fil-format u l-preżentazzjoni, u b'hekk tkun limitata l-komparabbiltà u l-aggregazzjoni.*** Ir-regoli attwali ***lanqas*** ma ***jirrikjedu*** l-inklużjoni ta' informazzjoni dwar il-kostijiet, il-prestazzjoni tal-investimenti jew dwar l-għażliet ta' investiment disponibbli u r-riskji korrispondenti tagħhom. Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza u d-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod infurmat, huwa meħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti ***għat-tfassil tal-PBS u*** dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar il-kostijiet, ir-redditi tal-investiment u l-opzjonijiet ta' investiment. ***Għall-istess***	(33) Ir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni (PBS, Pension Benefit Statement) huwa strument essenzjali li jippermetti lill-membri u lill-benefiċjarji jifhmu l-intitolamenti tal-pensjoni tagħhom matul iż-żmien u fi skemi differenti. Jenħtieġ li jipprovdi informazzjoni ċara, komprensiva u rilevanti li tippermetti lill-membri u lill-benefiċjarji jivvalutaw is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom u jieħdu kwalunkwe azzjoni meħtieġa biex jiżguraw pensjoni adegwata. Ir-regoli attwali ma ***jirrikjedux*** l-inklużjoni ta' informazzjoni dwar il-kostijiet, il-prestazzjoni tal-investimenti jew dwar l-għażliet ta' investiment disponibbli u r-riskji korrispondenti tagħhom. Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza u d-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod infurmat, huwa meħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar il-kostijiet, ir-redditi tal-investiment u l-opzjonijiet ta' investiment.

raġuni, huwa meħtieġ li jiġu żgurati standardizzazzjoni akbar u, fejn possibbli, allinjament mad-Dikjarazzjoni tal-Benefiċċju tal-PEPP imsemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2019/1238, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-benefiċċju definit jew tal-kontribuzzjoni definita tal-iskemi tal-pensjoni, u l-ispeċifiċitajiet tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali.

Or. en

Emenda 179
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Prestazzjoni tal-IORPs persistentement aħħar minn dik mistennija tista' tnaqqas il-valur tad-drittijiet akkumulati tal-membri u tal-benefiċjarji u timmina l-fiduċja fil-pensjonijiet supplimentari. F'konformità mal-Linji Gwida ta' Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar il-Prinċipji Ewlenin għar-Regolamentazzjoni tal-Pensjonijiet Privati, il-prestazzjoni jenħtieġ li tiġi ddivulgata b'mod komparabbli u vvalutata skont parametri referenzjarji ċari u oġġettivi li jirriflettu l-politika ta' investiment. Bħalissa ma jeżisti l-ebda qafas armonizzat biex il-membri u l-benefiċjarji jiġu informati dwar prestazzjoni aħħar minn dik mistennija. Biex jindirizzaw dan, l-IORPs jenħtieġ li jkunu meħtieġa jinfurmaw minnufih lill-awtorità kompetenti tagħhom u jipprovdu evidenza li l-kostijiet u l-imposti tal-iskema jkunu ġustifikati u proporzjonati, u li l-iskema hija konformi mat-tolleranza tar-riskju tal-membri u tal-benefiċjarji tagħha. Meta l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta b'tali ġustifikazzjoni jew	***imħassar***

il-prestazzjoni insuffiċjenti tippersisti għal mill-inqas 3 snin, l-IORPs jenħtieġ li jikkomunikaw b'mod ċar lill-membri u lill-benefiċjarji dwar tali prestazzjoni insuffiċjenti, jispjegaw il-kawżi tagħha, u jiddeskrivu l-miżuri biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-istabbiliment ta' parametri referenzjarji oġġettivi għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni agħar minn dik mistennija.

Or. es

Emenda 180
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Prestazzjoni tal-IORPs persistentement agħar minn dik mistennija tista' tnaqqas il-valur tad-drittijiet akkumulati tal-membri u tal-benefiċjarji u timmina l-fiduċja fil-pensjonijiet supplimentari. F'konformità mal-Linji Gwida ta' Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar il-Prinċipji Ewlenin għar-Regolamentazzjoni tal-Pensjonijiet Privati, il-prestazzjoni jenħtieġ li tiġi ddivulgata b'mod komparabbli u vvalutata skont parametri referenzjarji ċari u oġġettivi li jirriflettu l-politika ta' investiment. Bħalissa ma jeżisti l-ebda qafas armonizzat biex il-membri u l-benefiċjarji jiġu informati dwar prestazzjoni agħar minn dik mistennija. Biex jindirizzaw dan, l-IORPs jenħtieġ li jkunu meħtieġa jinfurmaw minnufih lill-awtorità kompetenti tagħhom u jipprovdu evidenza li l-kostijiet u l-imposti tal-iskema jkunu ġustifikati u proporzjonati, u li l-iskema hija konformi mat-tolleranza tar-riskju tal-membri u tal-benefiċjarji tagħha. Meta l-awtorità kompetenti ma	***imħassar***

tkunx sodisfatta b'tali ġustifikazzjoni jew il-prestazzjoni insuffiċjenti tippersisti għal mill-inqas 3 snin, l-IORPs jenħtieġ li jikkomunikaw b'mod ċar lill-membri u lill-benefiċjarji dwar tali prestazzjoni insuffiċjenti, jispjegaw il-kawżi tagħha, u jiddeskrivu l-miżuri biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-istabbiliment ta' parametri referenzjarji oġġettivi għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni agħar minn dik mistennija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-parametri referenzjarji stabbiliti mis-superviżuri ma jistgħux jirriflettu strateġiji ta' investiment, strutturi ta' obbligazzjoni, jew profili demografiċi speċifiċi għall-iskemi. Devjazzjonijiet minn parametru referenzjarju uniformi ma jindikawx governanza fqira; dawn jirriflettu għażliet leġittimi fit-tul. Id-dispożizzjoni toħloq inċentivi ta' indiċjar li jiskoraġġixxu eżattament l-investimenti illikwidi u fit-tul li l-SIU tfittex li tippromwovi. Is-setgħat superviżorji eżistenti skont l-Artikoli 30, 30a u 49 diġà jipprovdu għodod adegwati biex tiġi indirizzata prestazzjoni insuffiċjenti ġenwina.

Emenda 181
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Prestazzjoni tal-IORPs persistentement agħar minn dik mistennija tista' tnaqqas il-valur tad-drittijiet akkumulati tal-membri u tal-benefiċjarji u timmina l-fiduċja fil-pensjonijiet supplimentari. F'konformità mal-Linji Gwida ta' Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar il-Prinċipji Ewlenin għar-Regolamentazzjoni tal-Pensjonijiet Privati, il-prestazzjoni jenħtieġ li tiġi ddivulgata b'mod komparabbli u vvalutata skont parametri referenzjarji ċari u oġġettivi li jirriflettu l-politika ta'	***imħassar***

investiment. Bħalissa ma jeżisti l-ebda qafas armonizzat biex il-membri u l-benefiċjarji jiġu informati dwar prestazzjoni agħar minn dik mistennija. Biex jindirizzaw dan, l-IORPs jenħtieġ li jkunu meħtieġa jinfurmaw minnufih lill-awtorità kompetenti tagħhom u jipprovdu evidenza li l-kostijiet u l-imposti tal-iskema jkunu ġustifikati u proporzjonati, u li l-iskema hija konformi mat-tolleranza tar-riskju tal-membri u tal-benefiċjarji tagħha. Meta l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta b'tali ġustifikazzjoni jew il-prestazzjoni insuffiċjenti tippersisti għal mill-inqas 3 snin, l-IORPs jenħtieġ li jikkomunikaw b'mod ċar lill-membri u lill-benefiċjarji dwar tali prestazzjoni insuffiċjenti, jispjegaw il-kawżi tagħha, u jiddeskrivu l-miżuri biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-istabbiliment ta' parametri referenzjarji oġġettivi għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni agħar minn dik mistennija.

Or. en

Emenda 182
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Prestazzjoni tal-IORPs persistentement agħar minn dik mistennija tista' tnaqqas il-valur tad-drittijiet akkumulati tal-membri u tal-benefiċjarji u timmina l-fiduċja fil-pensjonijiet supplimentari. F'konformità mal-Linji Gwida ta' Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar il-Prinċipji Ewlenin għar-Regolamentazzjoni tal-Pensjonijiet Privati, il-prestazzjoni jenħtieġ li tiġi ddivulgata b'mod komparabbli u vvalutata skont parametri referenzjarji	***imħassar***

ċari u oġġettivi li jirriflettu l-politika ta' investiment. Bħalissa ma jeżisti l-ebda qafas armonizzat biex il-membri u l-benefiċjarji jiġu informati dwar prestazzjoni aġħar minn dik mistennija. Biex jindirizzaw dan, l-IORPs jenħtieġ li jkunu meħtieġa jinfurmaw minnufih lill-awtorità kompetenti tagħhom u jipprovdu evidenza li l-kostijiet u l-imposti tal-iskema jkunu ġustifikati u proporzjonati, u li l-iskema hija konformi mat-tolleranza tar-riskju tal-membri u tal-benefiċjarji tagħha. Meta l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta b'tali ġustifikazzjoni jew il-prestazzjoni insuffiċjenti tippersisti għal mill-inqas 3 snin, l-IORPs jenħtieġ li jikkomunikaw b'mod ċar lill-membri u lill-benefiċjarji dwar tali prestazzjoni insuffiċjenti, jispjegaw il-kawżi tagħha, u jiddeskrivu l-miżuri biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-istabbiliment ta' parametri referenzjarji oġġettivi għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni aġħar minn dik mistennija.

Or. en

Emenda 183
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Prestazzjoni tal-IORPs persistentement aġħar minn dik mistennija tista' tnaqqas il-valur tad-drittijiet akkumulati tal-membri u tal-benefiċjarji u timmina l-fiduċja fil-pensjonijiet supplimentari. F'konformità mal-Linji Gwida ta' Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar il-Prinċipji Ewlenin għar-Regolamentazzjoni tal-Pensjonijiet Privati, il-prestazzjoni jenħtieġ li tiġi ddivulgata b'mod komparabbli u vvalutata skont ***parametri***	(34) Prestazzjoni tal-IORPs persistentement aġħar minn dik mistennija tista' tnaqqas il-valur tad-drittijiet akkumulati tal-membri u tal-benefiċjarji u timmina l-fiduċja fil-pensjonijiet supplimentari. F'konformità mal-Linji Gwida ta' Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar il-Prinċipji Ewlenin għar-Regolamentazzjoni tal-Pensjonijiet Privati, il-prestazzjoni jenħtieġ li tiġi ddivulgata b'mod komparabbli u vvalutata skont ***linji gwida***

referenzjarji ċari u oġġettivi li jirriflettu l-politika ta' investiment. Bħalissa ma jeżisti l-ebda qafas ***armonizzat*** biex il-membri u l-benefiċjarji jiġu informati dwar prestazzjoni aġġar minn dik mistennija. Biex jindirizzaw dan, l-IORPs jenħtieġ li jkunu meħtieġa jinfurmaw minnufih lill-awtorità kompetenti tagħhom u ***jipprovdu evidenza li l-kostijiet u l-imposti tal-iskema jkunu ġustifikati u proporzjonati, u li l-iskema hija konformi mat-tolleranza tar-riskju tal-membri u tal-benefiċjarji tagħha. Meta l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta b'tali ġustifikazzjoni jew il-prestazzjoni insuffiċjenti tippersisti għal mill-inqas 3 snin, l-IORPs jenħtieġ li jikkomunikaw b'mod ċar lill-membri u lill-benefiċjarji dwar tali prestazzjoni insuffiċjenti, jispjegaw il-kawżi tagħha, u jiddeskrivu l-miżuri biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-istabbiliment ta' parametri referenzjarji oġġettivi għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni*** aġġar minn dik mistennija.

u għanijiet tal-investimenti ċari u oġġettivi li jirriflettu l-politika ta' investiment. Bħalissa ma jeżisti l-ebda qafas ***ċar*** biex il-membri u l-benefiċjarji jiġu informati dwar prestazzjoni aġġar minn dik mistennija. Biex jindirizzaw dan, l-IORPs jenħtieġ li jkunu meħtieġa jinfurmaw minnufih lill-awtorità kompetenti tagħhom u ***lill-membri u lill-benefiċjarji tagħhom f'każ ta'*** aġġar minn dik mistennija.

Or. en

Emenda 184
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) Mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi tal-pensjonijiet nazzjonali tagħhom, il-mekkaniżmi ta' awtoreġistrazzjoni bi dritt ta' ħruġ, fejn previst mil-liġi nazzjonali u, fejn xieraq, permezz ta' negozjar kollettiv jew bil-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali, jistgħu jikkontribwixxu għat-twessigħ tal-kopertura tal-pensjonijiet supplimentari, irawmu t-tfaddil fit-tul u jsaħħu l-adegwatezza tal-introjtu tal-irtirar. Din id-Direttiva jenħtieġ li ma tipprevjenix lill-

Istati Membri milli jippromwovu dawk il-mekkaniżmi fis-sistemi nazzjonali tagħhom tal-pensjonijiet okkupazzjonali.

Or. es

Emenda 185
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Premessa 37a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(37a) In-nisa għadhom jirċievu pensjonijiet okkupazzjonali sostanzjalment aktar baxxi mill-irġiel, b'mod partikolari minħabba qligħ aktar baxx, interruzzjonijiet fil-karriera u tnaqqis fil-ħin tax-xogħol marbut mar-responsabbiltajiet ta' indukrar. Meta jirrieżaminaw jekk skema għadhiex xierqa, l-IORPs jenħtieġ li jikkunsidraw il-karatteristiċi li jistgħu jwasslu għal disparitajiet mhux ġustifikati, inklużi disparitajiet relatati mal-ġeneru, bħal jekk l-iskema tippermettix il-kontinwazzjoni tal-akkumulazzjoni matul il-liv tal-ġenituri, tal-paternità jew tal-familjari li jindukraw skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2019/1158. Jekk kwalunkwe kontribuzzjoni bħal din tiġġarrabx, kompletament jew parzjalment, mill-impjegatur tibqa' kwistjoni għas-sħab soċjali u għal-liġi soċjali u tax-xogħol nazzjonali, li jenħtieġ li tiċċara wkoll jekk it-tkomplija tar-reġistrazzjoni b'kontribuzzjoni sħiħa hijiex imħeġġa matul il-liv għall-indukrar.

Or. en

Emenda 186
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva

Premessa 37b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(37b) Il-pensjonijiet okkupazzjonali fl-Unjoni qed jiġu pprovduti dejjem aktar permezz ta' skemi li taħthom il-membri jerfgħu r-riskju tal-investiment. Fejn il-benefiċċji jistgħu jittieħdu biss bħala somma f'daqqa, dan jista' jżid ir-riskju li t-tfaddil tal-membri jiġi eżawrit qabel it-tmiem tal-irtirar. Għalhekk, jenħtieġ li l-membri jkollhom aċċess għal mill-inqas għażla waħda li taħtha l-benefiċċji jitħallsu, kompletament jew parzjalment, bħala introjtu regolari, pereżempju permezz ta' annwalità, ġbid ipprogrammat jew dekumulazzjoni kollettiva. Meta jkun hemm disponibbli aktar minn forma waħda ta' pagament, il-membri jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jagħżlu jew jibdlu, mingħajr ħlas, il-forma li biha jittieħdu l-benefiċċji tagħhom hekk kif joqorbu lejn l-irtirar, sabiex ikunu jistgħu jaġġustaw għaċ-ċirkostanzi tagħhom qabel ma dik l-għażla tidħol fis-seħħ.

Or. en

Emenda 187
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 38a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38a) In-nuqqas ta' fiduċja taċ-ċittadini fl-entitajiet privati li jimmaniġġjaw it-tfaddil tagħhom jista' jkun ostaklu importanti għall-iżvilupp ta' sistemi ta' pensjonijiet supplimentari u IORPs. Huwa importanti li jiġi previst b'mod espliċitu li l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati huma protetti, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Dan għandu jikkontribwixxi biex iċ-ċittadini jingħataw fiduċja li l-intitolamenti tagħhom huma

sikuri, anke meta t-tfaddil tagħhom jiġi investit fis-swieq kapitali u meta l-IORPs jieħdu deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwaw id-drittijiet u l-intitolamenti tagħhom.

Or. en

Emenda 188
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) L-IORPs ivarjaw b'mod sinifikanti fir-rigward ta' skala, effiċjenza fl-operat, u struttura organizzazzjonali. IORPs iżgħar jew frammentati jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiksbu ekonomiji ta' skala, biex jilħqu akkomunament effettiv tal-assi, jew jottimizzaw l-effiċjenza operazzjonali u tal-investiment. L-identifikazzjoni bikrija tal-isfidi strutturali u l-vulnerabbiltajiet hija għalhekk essenzjali biex jiġi żgurat li fit-tul l-IORPs ikunu jistgħu jagħtu valur lill-membri u lill-benefiċjarji. L-awtoritajiet kompetenti għandhom rwol importanti fit-trawwim ta' riflessjoni strateġika mill-IORPs dwar is-sostenibbiltà fit-tul tagħhom, inkluż dwar aspetti bħall-iskala, il-konfigurazzjoni organizzazzjonali, u l-potenzjal ta' konsolidazzjoni jew kooperazzjoni bħala mod biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jwettqu djalogi superviżorji strutturati regolari mal-IORPs, li matulhom l-IORPs jistgħu jidentifikaw dgħufijiet potenzjali u jikkunsidraw għażliet strateġiċi, ***inklużi miżuri biex itejbu l-effiċjenza, l-iskala u l-kondiviżjoni tar-riżorsi,*** filwaqt li jżommu r-responsabbiltà primarja biex jiżguraw li l-membri u l-benefiċjarji jirċievu benefiċċji tal-irtirar adegwati.	(40) L-IORPs ivarjaw b'mod sinifikanti fir-rigward ta' skala***, riskju***, effiċjenza fl-operat, u struttura organizzazzjonali. IORPs iżgħar jew frammentati jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiksbu ekonomiji ta' skala, biex jilħqu akkomunament effettiv tal-assi, jew jottimizzaw l-effiċjenza operazzjonali u tal-investiment. L-identifikazzjoni bikrija tal-isfidi strutturali u l-vulnerabbiltajiet hija għalhekk essenzjali biex jiġi żgurat li fit-tul l-IORPs ikunu jistgħu jagħtu valur lill-membri u lill-benefiċjarji. L-awtoritajiet kompetenti għandhom rwol importanti fit-trawwim ta' riflessjoni strateġika mill-IORPs dwar is-sostenibbiltà fit-tul tagħhom, inkluż dwar aspetti bħall-iskala, il-konfigurazzjoni organizzazzjonali, u l-potenzjal ta' konsolidazzjoni jew kooperazzjoni bħala mod biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jwettqu djalogi superviżorji strutturati regolari mal-IORPs, li matulhom l-IORPs jistgħu jidentifikaw dgħufijiet potenzjali u jikkunsidraw għażliet strateġiċi, filwaqt li jżommu r-responsabbiltà primarja biex jiżguraw li l-membri u l-benefiċjarji jirċievu benefiċċji tal-irtirar adegwati.

Or. en

Emenda 189
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Informazzjoni trasparenti, komparabbli u faċilment aċċessibbli dwar il-kostijiet annwali totali, il-prestazzjoni fl-imgħoddi, u l-profili tar-riskju tal-iskemi tal-pensjonijiet operati mill-IORPs hija essenzjali għall-membri u l-benefiċjarji biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar it-tfaddil għall-irtirar tagħhom. Tali divulgazzjoni tista' żżid l-effiċjenza, il-kosteffettività, u l-potenzjal li jinkisbu ekonomiji ta' skala, li fl-aħħar mill-aħħar ikunu ta' benefiċċju għall-membri u l-benefiċjarji. Sabiex jiġu żgurati l-komparabbiltà u l-aċċessibbiltà, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw dik l-informazzjoni fuq sit web pubbliku wieħed għall-iskemi tal-pensjoni ***jew*** l-għażliet ta' investiment ***rilevanti kollha***, li tkun tkopri mill-inqas l-10 snin preċedenti.	(43) Informazzjoni trasparenti, komparabbli u faċilment aċċessibbli dwar il-kostijiet annwali totali, il-prestazzjoni fl-imgħoddi, u l-profili tar-riskju tal-iskemi tal-pensjonijiet operati mill-IORPs hija essenzjali għall-membri u l-benefiċjarji biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar it-tfaddil għall-irtirar tagħhom. Tali divulgazzjoni tista' żżid l-effiċjenza, il-kosteffettività, u l-potenzjal li jinkisbu ekonomiji ta' skala, li fl-aħħar mill-aħħar ikunu ta' benefiċċju għall-membri u l-benefiċjarji. Sabiex jiġu żgurati l-komparabbiltà u l-aċċessibbiltà, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw dik l-informazzjoni fuq sit web pubbliku wieħed għall-iskemi tal-pensjoni ***fejn il-membri u l-benefiċjarji jerfgħu r-riskju tal-investiment, kif ukoll*** l-għażliet ta' investiment ***f'dawk l-iskemi***, li tkun tkopri mill-inqas l-10 snin preċedenti. ***Il-preżentazzjoni ta' dik l-informazzjoni jenħtieġ li tqis kif xieraq kwalunkwe garanzija, kopertura bijometrika u obbligu ta' finanzjament tal-impriża sponsor, sabiex ma tiġġenerax paraguni qarrieqa bejn skemi ta' natura fundamentalment differenti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-divulgazzjoni tal-kostijiet u tal-prestazzjoni sservi lill-membri li jerfgħu r-riskju tal-investiment u li jistgħu jaġixxu fuq l-informazzjoni. Filwaqt li tiġi applikata b'mod indiskriminat għal skemi ta' benefiċċju definit u ta' garanzija, din tipproduċi paraguni qarrieqa li jinjoraw il-garanziji u l-obbligi ta' finanzjament tal-isponsor.

Emenda 190
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Meta l-attivitajiet transfruntiera jkunu sinifikanti fir-rigward tas-suq tal-Istat Membru ospitanti u jirrikjedu kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju u l-Istat Membru ospitanti, speċjalment meta IORP tista' tirriskja li tkun f'diffikultajiet finanzjarji għad-detriment tal-membri u tal-benefiċjarji, jenħtieġ li l-EIOPA tkun tista' tistabbilixxi u tikkoordina pjattaformi ta' kollaborazzjoni, b'mod simili għal dak skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14].	***imħassar***
[14] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/138/oj).	

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istrumenti eżistenti tal-EIOPA huma biżżejjed, u saff addizzjonali ta' kompetenza mhuwiex mixtieq.

Emenda 191
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Meta ***l-attivitajiet*** transfruntiera ***jkunu sinifikanti fir-rigward tas-suq*** tal-	(44) Meta ***l-attività*** transfruntiera ***ta' IORP tkun ta' sinifikat materjali għas-suq***

Istat Membru ospitanti ***u jirrikjedu kollaborazzjoni mill-qrib bejn*** l-awtoritajiet kompetenti ***tal-Istat Membru*** ta' domiċilju u ***l-Istat Membru*** ospitanti***, speċjalment meta IORP tista' tirriskja li tkun f'diffikultajiet finanzjarji għad-detriment tal-membri u tal-benefiċjarji,*** jenħtieġ li ***l-EIOPA tkun tista' tistabbilixxi u tikkoordina pjattaformi ta' kollaborazzjoni, b'mod simili għal dak skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[14].	tal-Istat Membru ospitanti**,** l-awtoritajiet kompetenti ***tal-Istati Membri*** ta' domiċilju u ospitanti jenħtieġ li ***jagħmlu użu sħiħ mis-setgħat eżistenti ta' kooperazzjoni, ta' koordinazzjoni u ta' medjazzjoni disponibbli għalihom u għall-EIOPA. Dawk l-istrumenti jipprovdu qafas suffiċjenti u proporzjonat għall-kooperazzjoni superviżorja fir-rigward tal-IORPs transfruntieri. Ma hija meħtieġa l-ebda infrastruttura istituzzjonali addizzjonali fil-livell tal-Unjoni għal dan l-għan***.

[14] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/138/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-arkitettura ta' kooperazzjoni eżistenti skont ir-Regolament dwar l-EIOPA u l-IORP II hija adegwata; mekkaniżmu ta' pjattaforma ġdida mmexxija mill-EIOPA li ma wriet li għandha l-ebda ħtieġa operazzjonali.

Emenda 192
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2016/2341 u f'din id-Direttiva, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' ċerti parametri tekniċi fid-Direttiva (UE) 2016/2341 li jirriżultaw mid-Direttiva tal-	***imħassar***

Kunsill 79/267/KEE, li baqgħu ma nbidlux mill-introduzzjoni tagħhom, kif ukoll dwar ir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Hi u tħejji u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 193
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rapportar tar-redditi fuq l-investiment, netti mill-kostijiet tal-investiment, u tal-kostijiet u l-imposti kollha mġarrba b'rabta mal-attivitajiet tal-IORPs, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 180/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15].	***imħassar***

[15] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

Or. en

Emenda 194
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) L-emendi għad-Direttiva (UE) 2016/2341 dwar l-awtorizzazzjoni tal-IORPs jenħtieġ li jissostitwixxu r-reġim attwali ta' reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni sabiex jiġu żgurati standards superviżorji konsistenti fl-Unjoni kollha. Madankollu, ikun wisq inkonvenjenti jekk l-IORPs kollha jkollhom japplikaw għal awtorizzazzjoni ġdida. L-IORPs diġà rreġistrati jew awtorizzati skont dik id-Direttiva jenħtieġ li jingħataw awtorizzazzjoni. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu r-rikonoxximent awtomatiku tal-IORPs li kienu diġà rreġistrati jew awtorizzati skont dik id-Direttiva.	***imħassar***

Or. en

Emenda 195
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva (UE) 2016/2341
fit-test kollu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) il-kliem "reġistrata jew awtorizzata" huwa sostitwit b'"awtorizzata" fid-Direttiva kollha;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

At the moment Member States can choose whether they apply an authorisation or registration procedure. The Commission states that divergent practices lead to a fragmented internal market. However, limiting this to authorisation procedures only would create an additional barrier for Member States to further develop a supplementary pensions sector, and would require Member States with smaller sectors and that apply registration procedures to switch to authorisation. This would not be proportional, considering that a single market for supplementary pensions is still largely absent.

Emenda 196
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva (UE) 2016/2341
fit-test kollu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) il-kliem "id-daqs, in-natura, l-iskala u l-kumplessità" huma sostitwiti b'"in-natura, l-iskala u l-kumplessità" fid-Direttiva kollha;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tħassir orizzontali ta' "id-daqs" bħala kriterju tal-proporzjonalità jċaħħad lill-IORPs iż-żgħar mill-protezzjoni prinċipali kontra piżijiet ta' konformità sproporzjonati. "Id-daqs" huwa varjabbli distint u neċessarju: il-kost ta' funzjoni ta' governanza obbligatorja jew obbligu ta' rapportar ma huwiex sensittiv għall-profil tar-riskju iżda huwa sensittiv ħafna għall-għadd ta' membri li fuqhom huwa mifrux. It-tħassir ta' dan il-punt ireġġa' lura l-kriterju eżistenti sħiħ fid-direttiva kollha.

Emenda 197
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva (UE) 2016/2341
fit-test kollu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(2) il-kliem "id-daqs, in-natura, l-iskala u l-kumplessità" huma sostitwiti b'"in-natura, l-iskala u l-kumplessità" fid-Direttiva kollha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 198
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva (UE) 2016/2341
fit-test kollu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) il-kliem "id-daqs, in-natura, l-iskala u l-kumplessità" huma sostitwiti b'"in-natura, l-iskala u l-kumplessità" fid-Direttiva kollha;	(2) il-kliem "id-daqs, in-natura, l-iskala u l-kumplessità" huma sostitwiti b'"in-natura, ***ir-riskju,*** l-iskala u l-kumplessità" fid-Direttiva kollha;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-daqs mhuwiex kejl tajjeb tal-livell ta' riskju u l-proporzjonalità għall-IORPs. Minflok, għandha tiżdied "ir-riskju".

Emenda 199
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva (UE) 2016/2341
fit-test kollu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) il-kliem "għad-daqs u għall-organizzazzjoni interna tagħhom, kif ukoll għad-daqs, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom" huma sostitwiti bil-kliem "għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom" fid-Direttiva kollha;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

"Organizzazzjoni interna" tkopri karatteristika speċifika għall-IORPs: ħafna huma operati minn sħab soċjali jew minn impriżi sponsor, bi strutturi ta' governanza, inklużi korpi ta' kodeterminazzjoni u paritarji, li ftit li xejn għandhom xebh ma' dawk tal-impriżi tal-assigurazzjoni. It-tneħħija ta' dan il-kriterju tneħħi l-kapaċità tas-superviżuri nazzjonali li jikkalibraw ir-rekwiżiti għar-realtà istituzzjonali tal-IORPs marbuta mal-isponsorizzazzjoni jew li huma rregolati b'mod reċiproku. Il-formula eżistenti aktar sħiħa trid tiġi ppreservata.

Emenda 200
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) il-kliem "għad-daqs u għall-organizzazzjoni interna tagħhom, kif ukoll għad-daqs, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom" huma sostitwiti bil-kliem "għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom" fid-Direttiva kollha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 201
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) il-kliem "għad-daqs u għall-organizzazzjoni interna tagħhom, kif ukoll għad-daqs, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom" huma sostitwiti bil-kliem "għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom" fid-Direttiva kollha;	(3) il-kliem "għad-daqs u għall-organizzazzjoni interna tagħhom, kif ukoll għad-daqs, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom" huma sostitwiti bil-kliem "għan-natura, ***ir-riskju,*** l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom" fid-Direttiva kollha;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-daqs mhuwiex kejl tajjeb tal-livell ta' riskju u l-proporzjonalità għall-IORPs. Minflok, għandha tiżdied "ir-riskju".

Emenda 202
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 2 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, meta l-entitajiet awtorizzati msemmija fil-paragrafu 2(b), joperaw IORPs u jaġixxu għan-nom tagħhom, l-Istati Membri ma għandhomx jirrestrinġu lil tali entitajiet awtorizzati stabbiliti fi Stat Membru ieħor milli jwettqu dawk l-attivitajiet.";	***imħassar***

Or. en

Emenda 203
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt ba (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 2 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"
	3a. Fil-każ ta' entitajiet li huma awtorizzati abbażi ta' leġiżlazzjoni prudenzjali settorjali oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn l-entitajiet japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-IORP, sal-punt li ma jidduplikawx ir-rekwiżiti rispettivi skont

il-leġiżlazzjoni prudenzjali settorjali tagħhom tal-Unjoni. B'deroga mill-paragrafu 2, meta l-entitajiet awtorizzati skont il-leġiżlazzjoni prudenzjali tal-UE jkollhom l-intenzjoni li joperaw tali IORPs fuq bażi transfruntiera, għandhom japplikaw l-Artikoli 11 u 11a.

"

Or. en

Emenda 204
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 2a.
	Entitajiet awtorizzati
	1. Meta IORP tkun stabbilita f'forma li taħtha tkun operata minn entità awtorizzata li taġixxi f'isimha, kif imsemmi fl-Artikolu 2(1), huma dawn li ġejjin biss li jistgħu jaġixxu bħala dik l-entità:
	(a) impriża awtorizzata skont id-Direttiva 2009/138/KE;
	(b) entità oħra msemmija fl-Artikolu 2(2)(b) ta' din id-Direttiva:
	(c) entità awtorizzata skont din id-Direttiva mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħha, qabel ma tibda l-attività, għall-fini tal-operat tal-IORPs.
	Entità msemmija fil-punti (a) jew (b) tista' taġixxi biss meta d-dritt tal-Unjoni applikabbli għaliha ma jipprekludihiex milli topera l-IORPs u meta l-

awtorizzazzjoni tagħha tkopri dik l-attività.

2. Entità msemmija fil-punt (b) jew fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandha, filwaqt li topera IORP, iżżomm fondi proprji ta' mill-inqas l-ogħla ammont bejn EUR 1 000 000 u l-ammont meħtieġ skont il-liġi tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħha.

Meta l-assi tal-IORPs li topera jaqbżu l-EUR 250 000 000, dawk il-fondi proprji għandhom jiżdiedu b'0,02 % tal-eċċess, sa total ta' EUR 10 000 000. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal entità li hija soġġetta, skont id-dritt tal-Unjoni applikabbli għaliha, għal mill-inqas rekwiżiti ta' fondi proprji ekwivalenti. Il-fondi proprji meħtieġa skont dan il-paragrafu huma addizzjonali għall-provvedimenti tekniċi u l-fondi proprji regolatorji li IORP hija meħtieġa li żżomm skont l-Artikoli 15 sa 17 meta tissottoskrivi obbligazzjonijiet jew tiggarantixxi benefiċċji jew prestazzjoni tal-investiment, u ma għandhomx jintużaw biex ikopruhom.

3. Entità msemmija fil-paragrafu 1 għandha, fir-rigward ta' kull IORP li topera, tiżgura li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti imposti minn din id-Direttiva fuq dik l-IORP."

Or. en

Emenda 205
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikoli 3 u 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) l-Artikoli 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:	***imħassar***

“Artikolu 3

Applikazzjoni għall-IORPs li joperaw sistemi tas-sigurtà soċjali

L-IORPs li joperaw ukoll skemi tal-pensjoni li huma kkunsidrati bħala skemi tas-sigurtà soċjali koperti bir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 għandhom ikunu koperti b’din id-Direttiva fir-rigward tan-negozju tal-provvista tal-irtirar tagħhom li mhuwiex kopert b’dawk ir-Regolamenti. F’dak il-każ, l-obbligazzjonijiet u l-assi korrispondenti għandhom ikunu ‘ring-fenced’, u ma għandux ikun possibbli li dawk l-obbligazzjonijiet u l-assi korrispondenti jiġu ttrasferiti għall-iskemi tal-pensjoni li jitqiesu li huma sistemi tas-sigurtà soċjali, jew viċi versa.

Artikolu 4

Applikazzjoni fakultattiva

L-Istati Membri jistgħu japplikaw uħud mid-dispożizzjonijiet jew id-dispożizzjonijiet kollha ta’ din id-Direttiva għal istituzzjonijiet, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħhom, li joperaw fuq bażi ffinanzjata għall-fini li jipprovdu benefiċċji tal-irtirar:

(a) li huma esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva skont l-Artikolu 2(2)(a) u (d); jew

(b) li mhumiex koperti b’din id-Direttiva jew bid-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE u 2014/65/UE.

Fil-każ tal-istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2)(a), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva biss sa fejn dik l-applikazzjoni tkun kompatibbli mar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009.

Jekk, f’konformità mal-liġi nazzjonali, l-istituzzjonijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu jiġu operati minn entitajiet awtorizzati responsabbli li jaġixxu f’isimhom, l-Istati Membri jistgħu

jiddeċiedu li japplikaw din id-Direttiva jew għal dawk l-istituzzjonijiet jew għall-entitajiet awtorizzati responsabbli għall-operat tagħhom u li jaġixxu f'isimhom, jew għat-tnejn li huma, kif xieraq.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw l-Artikoli 11 u 11a skont dan l-Artikolu unikament jekk japplikaw id-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-EIOPA meta jużaw l-opzjonijiet imsemmija fl-ewwel u t-tieni paragrafu, filwaqt li jindikaw it-tipi ta' istituzzjonijiet jew, fejn applikabbli, entitajiet awtorizzati koperti mill-użu ta' dawk l-opzjonijiet u d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li japplikaw għalihom.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 4 il-ġdid jippermetti lill-Istati Membri jestendu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, permezz ta' inklużjoni fakultattiva, għal istituzzjonijiet espressament eskluži skont l-Artikolu 2(2). Tali inklużjoni fakultattiva ċċajpar id-differenza bejn il-pilastri.

Emenda 206
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Skemi ta' awtoreġistrazzjoni
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi nazzjonali ta' awtoreġistrazzjoni għall-kopertura tal-pensjoni supplimentari jkunu rregolati fil-qafas

tal-arranġamenti ta' negozjar kollettiv u li jkunu limitati għal skemi ta' pensjonijiet okkupazzjonali nnegozjati b'mod kollettiv ġestiti b'mod konġunt mis-sħab soċjali, abbażi ta' kontribuzzjonijiet ugwali tal-impjegaturi u tal-impjegati. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegati jkollhom opportunità effettiva li jagħżlu li ma jipparteċipawx f'tali awtoreġistrazzjoni għall-kopertura tal-pensjoni supplimentari u li jingħatalhom biżżejjed żmien biex jirċievu informazzjoni u assistenza u pariri indipendenti qabel ma jieħdu d-deċiżjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 207
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 4 – paragrafi 1 sa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu japplikaw uħud mid-dispożizzjonijiet jew id-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva għal istituzzjonijiet, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħhom, li joperaw fuq bażi ffinanzjata għall-fini li jipprovdu benefiċċji tal-irtirar:	***1.*** L-Istati Membri jistgħu japplikaw uħud mid-dispożizzjonijiet jew id-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva għal istituzzjonijiet, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħhom, li joperaw fuq bażi ffinanzjata għall-fini li jipprovdu benefiċċji tal-irtirar:
(a) li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva skont l-Artikolu 2(2)(a) u (d); jew	(a) li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva skont l-Artikolu 2(2)(a) u (d); jew
(b) li mhumiex koperti b'din id-Direttiva jew bid-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE u 2014/65/UE.	(b) li mhumiex koperti b'din id-Direttiva jew bid-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE u 2014/65/UE.
Fil-każ tal-istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2)(a), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva biss sa	Fil-każ tal-istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2)(a), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva biss sa

fejn dik l-applikazzjoni tkun kompatibbli mar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009.	fejn dik l-applikazzjoni tkun kompatibbli mar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009.
Jekk, f'konformità mal-liġi nazzjonali, l-istituzzjonijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu jiġu operati minn entitajiet awtorizzati responsabbli li jaġixxu f'isimhom, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw din id-Direttiva jew għal dawk l-istituzzjonijiet jew għall-entitajiet awtorizzati responsabbli għall-operat tagħhom u li jaġixxu f'isimhom, jew għat-tnejn li huma, kif xieraq.	Jekk, f'konformità mal-liġi nazzjonali, l-istituzzjonijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu jiġu operati minn entitajiet awtorizzati responsabbli li jaġixxu f'isimhom, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw din id-Direttiva jew għal dawk l-istituzzjonijiet jew għall-entitajiet awtorizzati responsabbli għall-operat tagħhom u li jaġixxu f'isimhom, jew għat-tnejn li huma, kif xieraq.
L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw l-Artikoli 11 u 11a skont dan l-Artikolu unikament jekk japplikaw id-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva.	L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw l-Artikoli 11 u 11a skont dan l-Artikolu unikament jekk japplikaw id-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva.
L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-EIOPA meta jużaw l-opzjonijiet imsemmija fl-ewwel u t-tieni paragrafu, filwaqt li jindikaw it-tipi ta' istituzzjonijiet jew, fejn applikabbli, entitajiet awtorizzati koperti mill-użu ta' dawk l-opzjonijiet u d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li japplikaw għalihom.	L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-EIOPA meta jużaw l-opzjonijiet imsemmija fl-ewwel u t-tieni paragrafu, filwaqt li jindikaw it-tipi ta' istituzzjonijiet jew, fejn applikabbli, entitajiet awtorizzati koperti mill-użu ta' dawk l-opzjonijiet u d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li japplikaw għalihom.
Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.	Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.
	Or. en

Emenda 208
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta IORP ma tkunx soġġetta għad-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva fir-rigward tan-negozju tagħha ta' provvista ta' rtirar personali, l-Istati

Membri għandhom jiżguraw li l-IORP tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) meta l-IORP toffri garanziji jew tkopri riskju bijometriku fir-rigward tan-negozju tagħha ta' provvista ta' rtirar personali, tal-obbligazzjonijiet, tal-assi korrispondenti u tar-riżorsi finanzjarji relatati ma' dak in-negozju jkunu kompletament delimitati minn dawk relatati man-negozju tagħha ta' provvista ta' rtirar okkupazzjonali, u ma għandu jkun permess l-ebda trasferiment ta' assi, obbligazzjonijiet jew riżorsi finanzjarji bejn iż-żewġ negozji, u l-assi jew ir-riżorsi finanzjarji allokati għan-negozju ta' provvista ta' rtirar okkupazzjonali ma għandhomx jintużaw biex ikopru kwalunkwe telf li jirriżulta min-negozju ta' provvista ta' rtirar personali;

(b) l-IORP topera biss negozju ta' provvista ta' rtirar fl-Istat Membru li fih tkun ġiet awtorizzata. Minkejja l-ewwel subparagrafu, id-distribuzzjoni ta' Prodotti tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropej reġistrati f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1238 għandha tkun soġġetta f'kull każ għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 209
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 4 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Id-distribuzzjoni ta' prodotti tal-pensjoni personali għajr PEPPs minn IORP fi Stat Membru ieħor għajr dak li fih tkun ġiet awtorizzata l-IORP għandha

tkun soġġetta għal-liġijiet nazzjonali ta' dak l-Istat Membru l-ieħor fir-rigward tad-distribuzzjoni.

Or. en

Emenda 210
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 5 – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"IORPs żgħar";	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Livell limitu jissoġġetta b'mod sproporzjonat lill-Istati Membri bi swieq tal-IORP maturi u li jiffunzjonaw tajjeb għal regoli addizzjonali tal-Unjoni, sempliċiment minħabba li għandhom istituzzjonijiet u skemi aktar stabbiliti ogħla mil-livell limitu. Ir-regoli tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-Istati Membri kollha u ma jaffettwawx b'mod sproporzjonat għadd limitat ta' Stati Membri.

Emenda 211
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt aa (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) l-ewwel paragrafu huwa emendat kif ġej:
Bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 32 sa 35, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx din id-Direttiva, kollha kemm hi jew parti minnha, għal kwalunkwe IORP reġistrata jew awtorizzata li tinsab fit-territorju	Bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 32 sa 35, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx din id-Direttiva, kollha kemm hi jew parti minnha, għal kwalunkwe IORP reġistrata jew awtorizzata li tinsab fit-territorju

tagħhom li topera skemi ta’ pensjoni li flimkien għandhom total ta’ anqas minn ***100*** membru. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(2), tali IORPs madankollu għandhom jingħataw id-dritt li japplikaw din id-Direttiva fuq bażi volontarja. L-Artikolu 11 jista’ jiġi applikat biss jekk id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta’ din id-Direttiva japplikaw. L-Istati Membri għandhom japplikaw l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 21(1) u (2) għal kwalunkwe IORP reġistrata jew awtorizzata fit-territorji tagħhom li topera skemi ta’ pensjoni li flimkien għandhom total ta’ aktar minn 15-il membru.	tagħhom li topera skemi ta’ pensjoni li flimkien għandhom total ta’ anqas minn ***1 000*** membru ***jew benefiċjarju u EUR 50 miljun f’assi***. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(2), tali IORPs madankollu għandhom jingħataw id-dritt li japplikaw din id-Direttiva fuq bażi volontarja. L-Artikolu 11 jista’ jiġi applikat biss jekk id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta’ din id-Direttiva japplikaw. L-Istati Membri għandhom japplikaw l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 21(1) u (2) għal kwalunkwe IORP reġistrata jew awtorizzata fit-territorji tagħhom li topera skemi ta’ pensjoni li flimkien għandhom total ta’ aktar minn 15-il membru.”

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02016L2341-20250117)

Ġustifikazzjoni

Il-limitu tal-assi ta’ EUR 25 miljun propost fl-abbozz ta’ rapport ma jirriflettix il-profil reali tal-assi ta’ IORPs żgħar marbuta ma’ sponsor fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Iż-żieda tal-livell limitu għal EUR 50 miljun tiżgura ħelsien sinifikattiv mill-proporzjonalità għall-fondi fil-mira ta’ din id-dispożizzjoni. Kriterju disġuntiv (jiġifieri membri jew assi) jiżgura li l-ebda IORP żgħira ma tiġi eskluża minn rimedju fuq teknikalità ta’ kif tinzerta taqa’ fiż-żewġ dimensjonijiet.

Emenda 212
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jitħassar it-tieni paragrafu;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Livell limitu jissoġġetta b’mod sproporzjonat lill-Istati Membri bi swieq tal-IORP maturi u li jiffunzjonaw tajjeb għal regoli addizzjonali tal-Unjoni, sempliċiment minħabba li għandhom

istituzzjonijiet u skemi aktar stabbiliti ogħla mil-livell limitu. Ir-regoli tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-Istati Membri kollha u ma jaffettwawx b'mod sproporzjonat għadd limitat ta' Stati Membri.

Emenda 213
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt ba (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 5 – paragrafi 2a sa 2d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Il-paragrafi li ġejjin huma miżjuda:
	2a. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx din id-Direttiva, kollha kemm hi jew parti minnha, għal kwalunkwe IORP reġistrata jew awtorizzata li tinsab fit-territorju tagħhom li topera skemi ta' pensjoni li flimkien għandhom total ta' anqas minn 1 000 membru u benefiċjarju u anqas minn EUR 50 miljun f'assi.
	2b. Meta l-Istati Membri jagħżlu li ma japplikawx din id-Direttiva għall-IORPs imsemmija fil-paragrafu 1, l-Artikoli 32 sa 35 u l-Artikolu 37a għandhom madankollu japplikaw. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(2), tali IORPs għandhom jingħataw id-dritt li japplikaw din id-Direttiva fuq bażi volontarja. L-Artikolu 11 jista' jiġi applikat biss jekk id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' din id-Direttiva japplikaw.
	2c. Meta, mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja, l-Istati Membri ma applikawx din id-Direttiva għall-IORPs li joperaw skemi ta' pensjoni li flimkien għandhom total ta' inqas minn 100 membru, dawk l-Istati Membri jistgħu jkomplu ma japplikawx din id-Direttiva għal dawk l-IORPs dment li jkomplu joperaw skemi ta' pensjoni li flimkien għandhom total ta' inqas minn 100

	membru, anke jekk l-assi totali tagħhom jaqbżu l-EUR 50 miljun.
	2d. L-Istati Membri għandhom japplikaw l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 21(1) u (2) għal kwalunkwe IORP reġistrata jew awtorizzata fit-territorji tagħhom li topera skemi ta' pensjoni li flimkien għandhom total ta' aktar minn 15-il membru.

Or. en

Emenda 214
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt aa
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 32 sa 35, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx din id-Direttiva, kollha kemm hi jew parti minnha, għal kwalunkwe IORP reġistrata jew awtorizzata li tinsab fit-territorju tagħhom li topera skemi ta' pensjoni li flimkien għandhom total ta' anqas minn 100 membru. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(2), tali IORPs madankollu għandhom jingħataw id-dritt li japplikaw din id-Direttiva fuq bażi volontarja. L-Artikolu 11 jista' jiġi applikat biss jekk id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' din id-Direttiva japplikaw. L-Istati Membri għandhom japplikaw l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 21(1) u (2) għal kwalunkwe IORP reġistrata jew awtorizzata fit-territorji tagħhom li topera skemi ta' pensjoni li flimkien għandhom total ta' aktar minn 15-il membru.***	Bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 32 sa 35, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx din id-Direttiva, kollha kemm hi jew parti minnha, għal kwalunkwe IORP reġistrata jew awtorizzata li tinsab fit-territorju tagħhom li topera skemi ta' pensjoni li flimkien għandhom total ta' anqas minn 100 membru***, jew skemi tal-pensjoni li gradwalment qegħdin jingħalqu u li huma magħluqin b'mod permanenti għal membri ġodda, dment li l-IORP tiżgura livell adegwat ta' protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji***.

Or. en

Emenda 215

Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
2016/2341
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jitħassar it-tieni*** paragrafu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 216
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:
	“
	Artikolu 5a
	Introduzzjoni u żvilupp tal-IORPs fl-Istati Membri
	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5 ta’ din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-Artikoli 18a, 19, 21, 22, 23, 24, 25, 26, 27, 28, 33, 36, 37, 37a, 38, 39, 40, 41, 41a, 42, 43, 44, 44b u 44c ta’ din id-Direttiva ma japplikawx jew japplikaw parzjalment għall-IORPs il-ġodda rreġistrati jew awtorizzati fit-territorju tagħhom li għandhom inqas minn 2 500 membru u inqas minn EUR 100 miljun, għal perjodu li ma jaqbiżx it-3 snin mid-data tal-ewwel awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni tagħhom.
	2. L-awtorità kompetenti ta’ Stat Membru tista’ titlob lill-EIOPA tipprovdi appoġġ tekniku għall-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, kif implimentata fil-liġi

nazzjonali, fejn is-sistema tal-pensjonijiet iffinanzjati f'dak l-Istat Membru tibqa' ma tkunx żviluppata biżżejjed meta mqabbla ma' Stati Membri oħra. L-EIOPA għandha tistabbilixxi tim konsultattiv permanenti magħmul minn esperti nazzjonali mill-awtoritajiet pubbliċi, mill-awtoritajiet kompetenti u mis-sħab soċjali biex jassisti fl-għoti ta' tali appoġġ.

L-appoġġ tekniku jista' jinkludi, fost affarijiet oħra, l-iskambju tal-aħjar prattiki, is-sessjonijiet ta' ħidma tekniċi, it-taħriġ tal-awtoritajiet kompetenti u tas-sħab soċjali involuti, l-appoġġ għal attivitajiet ta' informazzjoni pubblika, u l-għajnuna għall-koordinazzjoni fid-djalogu soċjali u fin-negozjar kollettiv relatati mal-istabbiliment tal-IORPs u tal-iskemi tal-pensjoni.

"

Or. en

Ġustifikazzjoni

One of the main aims of this review should be to encourage and support Member States to further develop funded and supplementary pension systems and establish more IORPs. Since regulatory burden is often mentioned as a major obstacle for small IORPs, an initial phase ('starter pack') with a lower burden could support the establishment of new IORPs and therefore increase the amount of funded pension capital in Europe. Member State should be able to not or partially apply some burdensome provisions for new IORPs for a maximum of three years, while taking into account the aims of these provisions. In addition, as the social dialogue and collective bargaining to establish IORPs generally is a sensitive process requiring sufficient trust, national competent authorities should be able to request technical support and expertise from EIOPA, which could leverage expertise from Member States with more developed funded pension sectors via a standing advisory team.

Emenda 217
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 6 – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***fil-punt (1), il-kliem "u li twettaq attivitajiet li jirriżultaw direttament minnhom;" huwa sostitwit bil-kliem "u li twettaq attivitajiet li jirriżultaw direttament minnhom, u, fejn permess skont il-liġi nazzjonali, il-provvista ta' rtirar personali;";***	(a) ***imħassar***

Or. en

Emenda 218
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt cb (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 6 – punt 19

Test fis-seħħ	*Emenda*
(19) "attività transfruntiera" tfisser it-tħaddim ta' skema ta' pensjoni fejn ir-relazzjoni bejn l-impriża sponsor u l-membri u l-benefiċjarji kkonċernati tkun irregolata mil-liġi soċjali u tax-xogħol rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali ta' Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' domiċilju.	"attività transfruntiera" tfisser it-tħaddim ta' skema ta' pensjoni fejn ir-relazzjoni bejn l-impriża sponsor u l-membri u l-benefiċjarji kkonċernati tkun irregolata mil-liġi soċjali u tax-xogħol rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali ta' Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' domiċilju***, minbarra impriżi sponsor li huma attivi esklużivament fl-Istat Membru ta' domiċilju***.

Or. en

(32016L2341)

Emenda 219
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt d
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 6 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) 'prodott tal-pensjoni personali' tfisser prodott tal-pensjoni personali kif iddefinit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.	***imħassar***

Or. en

Emenda 220
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt d
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 6 – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) 'sistema ta' tracċar tal-pensjonijiet' tfisser għodda diġitali***, tipikament portal web jew applikazzjoni għall-apparati mobbli siguri,*** li tipprovdi lill-individwi b'ħarsa ġenerali lejn l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati individwali tagħhom, u ***l-projezzjonijiet tal-benefiċċji futuri***, fost l-iskemi tal-pensjoni li l-individwu jkun membru jew benefiċjarju tagħhom.	(22) **"**sistema ta' tracċar tal-pensjonijiet**"** tfisser għodda diġitali ***nazzjonali, settorjali jew privata*** li tipprovdi lill-individwi b'ħarsa ġenerali lejn l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati individwali tagħhom, u ***l-benefiċċji mbassra***, fost l-iskemi tal-pensjoni li l-individwu jkun membru jew benefiċjarju tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Formati tekniċi komuni jistgħu jtejbu l-portabbiltà u jippermettu li d-data tiġi skambjata mingħajr ma tinħoloq sistema ċentrali tal-UE. L-informazzjoni dwar il-pensjoni tibqa' marbuta mill-qrib mal-liġi soċjali, tax-xogħol u tat-taxxa nazzjonali u għandha tkompli tiġi amministrata permezz ta' sistemi deċentralizzati.

Emenda 221
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt d
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 6 – punt 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) "sieħeb soċjali" tfisser organizzazzjoni li tirrappreżenta lill-impjegati jew lill-impjegaturi li tieħu sehem fid-djalogu soċjali jew fin-negozjar kollettiv biex tistabbilixxi skema ta' pensjoni u li tista' tieħu sehem fir-regolamentazzjoni u fis-sorveljanza ta' IORP jew fi skema tal-pensjoni.

Or. en

Emenda 222
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, skont il-liġi nazzjonali, l-IORPs ikunu awtorizzati jipprovdu prodotti tal-pensjoni personali, l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha li jikkorrispondu għan-negozju tal-provvista tal-pensjoni personali għandhom ikunu 'ring-fenced', mingħajr possibbiltà li dawk l-assi u l-obbligazzjonijiet jiġu ttrasferiti għan-negozju l-ieħor tal-provvista tal-irtirar tal-istituzzjoni.;	***imħassar***

Or. en

Emenda 223
Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, skont il-liġi nazzjonali, l-IORPs ikunu awtorizzati jipprovdu prodotti tal-pensjoni personali, l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha li jikkorrispondu għan-negozju tal-provvista tal-pensjoni personali għandhom ikunu 'ring-fenced', mingħajr possibbiltà li dawk l-assi u l-obbligazzjonijiet jiġu ttrasferiti għan-negozju l-ieħor tal-provvista tal-irtirar tal-istituzzjoni.;	Meta, skont il-liġi nazzjonali, l-IORPs ikunu awtorizzati jipprovdu prodotti tal-pensjoni personali, ***l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jirrikjedu*** l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha li jikkorrispondu għan-negozju tal-provvista tal-pensjoni personali għandhom ikunu 'ring-fenced', mingħajr possibbiltà li dawk l-assi u l-obbligazzjonijiet jiġu ttrasferiti għan-negozju l-ieħor tal-provvista tal-irtirar tal-istituzzjoni.;

Or. en

Emenda 224
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)
Artikolu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 8b
	Sjieda legali u protezzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni
	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-membri jew f'isimhom, u l-assi akkwiżiti permezz tal-investiment ta' dawk il-kontribuzzjonijiet, ikunu legalment rikonoxxuti bħala l-proprjetà individwali tal-membri u tal-benefiċjarji tal-iskema tal-pensjoni kkonċernata. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu remunerazzjoni differita.
	2. L-assi msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx jiffurmaw parti mill-assi tal-IORP, tal-impriża sponsor, ta' entità awtorizzata li topera l-IORP, ta' membru tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, ta' maniġer tal-assi, ta' fornitur ta' servizzi jew ta' kwalunkwe

persuna fiżika jew ġuridika oħra responsabbli għall-amministrazzjoni jew għall-ġestjoni ta' dawk l-assi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-assi jkunu segregati legalment u operazzjonalment u protetti kontra pretensjonijiet minn kredituri u kontra l-insolvenza, ir-ristrutturar, l-istralċ jew il-falliment ta' kwalunkwe waħda mill-persuni jew l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2.

4. IORP u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha għandhom jeżerċitaw biss is-setgħat ta' amministrazzjoni, investiment u disponiment meħtieġa biex joperaw l-iskema ta' pensjoni, iħallsu l-benefiċċji tal-irtirar u jkopru l-ispejjeż espressament permessi mill-iskema tal-pensjoni u mil-liġi nazzjonali. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati esklużivament f'isem il-membri u l-benefiċjarji."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-segregazzjoni legali waħedha mhux neċessarjament tistabbilixxi min huwa s-sid aħħari tal-assi tal-pensjoni. L-emenda tirrikonoxxi b'mod espliċitu lill-membri u lill-benefiċjarji bħala s-sidien u tipproteġi l-assi kontra l-użu ħażin, il-pretensjonijiet tal-kredituri u l-insolvenza tal-istituzzjonijiet jew tal-maniġers.

Emenda 225
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 9 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"Awtorizzazzjoni";	

Or. en

Ġustifikazzjoni

At the moment Member States can choose whether they apply an authorisation or registration procedure. The Commission states that divergent practices lead to a fragmented internal market. However, limiting this to authorisation procedures only would create an additional barrier for Member States to further develop a supplementary pensions sector, and would require Member States with smaller sectors and that apply registration procedures to switch to authorisation. This would not be proportional, considering that a single market for supplementary pensions is still largely absent.

Emenda 226
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 9 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Awtorizzazzjoni;	Awtorizzazzjoni ***u reġistrazzjoni***;

Or. en

Emenda 227
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward ta' kull IORP li l-amministrazzjoni ewlenija tagħha tkun tinsab fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORP tkun awtorizzata mill-awtorità kompetenti ***u tkun inkluża f'reġistru nazzjonali***.	Fir-rigward ta' kull IORP li l-amministrazzjoni ewlenija tagħha tkun tinsab fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORP tkun ***irreġistrata f'reġistru nazzjonali jew*** awtorizzata mill-awtorità kompetenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

At the moment Member States can choose whether they apply an authorisation or registration procedure. The Commission states that divergent practices lead to a fragmented internal

market. However, limiting this to authorisation procedures only would create an additional barrier for Member States to further develop a supplementary pensions sector, and would require Member States with smaller sectors and that apply registration procedures to switch to authorisation. This would not be proportional, considering that a single market for supplementary pensions is still largely absent.

Emenda 228
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward ta' kull IORP li l-amministrazzjoni ewlenija tagħha tkun tinsab fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORP tkun awtorizzata mill-awtorità kompetenti ***u tkun inkluża f'reġistru nazzjonali.***	Fir-rigward ta' kull IORP li l-amministrazzjoni ewlenija tagħha tkun tinsab fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORP tkun ***irreġistrata f'reġistru nazzjonali, jew*** awtorizzata mill-awtorità kompetenti***;***

Or. en

Emenda 229
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***għandhom*** jobbligaw lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu valutazzjoni prudenzjali bħala parti mill-awtorizzazzjoni tal-IORPs. Il-valutazzjoni għandha tqis in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORP inkwistjoni.	L-Istati Membri ***jistgħu*** jobbligaw lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu valutazzjoni prudenzjali bħala parti mill-awtorizzazzjoni tal-IORPs. Il-valutazzjoni għandha tqis in-natura, ***ir-riskju,*** l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORP inkwistjoni.

Or. en

Emenda 230
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-IORPs li jkunu qed ifittxu awtorizzazzjoni ***għandhom iħejju*** u jissottomettu lill-awtorità kompetenti pjan ta' direzzjoni tan-negozju għall-attivitajiet kollha li għandhom ippjanati, bi spjegazzjoni dettaljata tar-riżorsi finanzjarji disponibbli biex ikopru l-kostijiet operatorji attwali u futuri. Il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju għandu jkun fih projezzjonijiet ta' mill-inqas 3 snin tal-introjtu u l-ispejjeż tal-IORP u diżaggregazzjoni tal-kostijiet operazzjonali tal-IORP, inkluż fejn rilevanti, il-kostijiet tad-distribuzzjoni u tal-akkwiżizzjoni u kwalunkwe element ieħor biex jassisti lill-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw il-konformità mar-rekwiżiti operatorji.	***L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tirrikjedi lill-IORPs*** li jkunu qed ifittxu awtorizzazzjoni ***jħejju*** u jissottomettu lill-awtorità kompetenti pjan ta' direzzjoni tan-negozju għall-attivitajiet kollha li għandhom ippjanati, bi spjegazzjoni dettaljata tar-riżorsi finanzjarji disponibbli biex ikopru l-kostijiet operatorji attwali u futuri. Il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju għandu jkun fih projezzjonijiet ta' mill-inqas 3 snin tal-introjtu u l-ispejjeż tal-IORP u diżaggregazzjoni tal-kostijiet operazzjonali tal-IORP, inkluż fejn rilevanti, il-kostijiet tad-distribuzzjoni u tal-akkwiżizzjoni u kwalunkwe element ieħor biex jassisti lill-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw il-konformità mar-rekwiżiti operatorji.

Or. en

Emenda 231
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 9 – paragrafu 1a – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 48(9), kull Stat Membru ***għandu*** jagħmel dispożizzjoni għal dritt ta' appell lill-qrati fejn l-awtoritajiet kompetenti tiegħu ma jkunux ittrattaw applikazzjoni għal awtorizzazzjoni fi żmien 6 xhur mid-data tal-wasla tagħha.”;	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 48(9), kull Stat Membru ***li jopera proċedura ta' awtorizzazzjoni jista'*** jagħmel dispożizzjoni għal dritt ta' appell lill-qrati fejn l-awtoritajiet kompetenti tiegħu ma jkunux ittrattaw applikazzjoni għal

awtorizzazzjoni fi żmien 6 xhur mid-data tal-wasla tagħha.”;

Or. en

Emenda 232
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 9a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jitħallew joperaw skemi tal-pensjoni differenti, inklużi dawk li jkollhom politika ta’ investiment differenti, u jaċċettaw sponsorizzazzjoni minn diversi impriżi sponsor fl-istess skema tal-pensjoni.	***Mingħajr preġudizzju għal-liġi soċjali u tax-xogħol nazzjonali dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet inklużi fondi tal-pensjoni għall-industrija kollha, fondi tal-pensjoni tal-kumpanija u sħubija obbligatorja,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jitħallew joperaw skemi tal-pensjoni differenti, inklużi dawk li jkollhom politika ta’ investiment differenti, u jaċċettaw sponsorizzazzjoni minn diversi impriżi sponsor fl-istess skema tal-pensjoni.

Or. en

Emenda 233
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 9a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jitħallew joperaw skemi tal-pensjoni differenti, inklużi dawk li jkollhom politika ta’ investiment differenti, u jaċċettaw sponsorizzazzjoni minn diversi	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs ***kollha jew tipi speċifiċi tagħhom*** jitħallew joperaw skemi tal-pensjoni differenti, inklużi dawk li jkollhom politika ta’ investiment differenti, u jaċċettaw

impriżi sponsor fl-istess skema tal-pensjoni.	sponsorizzazzjoni minn diversi impriżi sponsor fl-istess skema tal-pensjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'xi Stati Membri, il-fondi tal-pensjoni ta' kumpaniji speċifiċi ma jitħallewx joperaw skemi tal-pensjoni differenti, peress li huma konnessi ma' kumpanija waħda. Din l-għażla nazzjonali għandha tibqa' intatta.

Emenda 234
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 9a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ewwel paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal deċiżjoni minn Stat Membru li teżiġi li l-iskemi b'diversi impriżi sponsor jiġu operati skont id-Direttiva 2009/138/KE.”;	L-ewwel paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal deċiżjoni minn Stat Membru li teżiġi li l-iskemi b'diversi impriżi sponsor jiġu operati skont id-Direttiva 2009/138/KE***, u mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Istat Membru dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet inklużi l-fondi tal-pensjonijiet fl-industrija kollha, il-fondi tal-pensjonijiet tal-kumpaniji u s-sħubija obbligatorja***. ”;

Or. en

Emenda 235
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 9a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

L-ewwel paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal deċiżjoni minn Stat Membru li teżiġi li l-iskemi b'diversi impriżi sponsor jiġu operati skont id-Direttiva 2009/138/KE.”;	L-ewwel paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal deċiżjoni minn Stat Membru li teżiġi li l-iskemi b'diversi impriżi sponsor jiġu operati skont id-Direttiva 2009/138/KE. ***Barra minn hekk, l-ewwel paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-rwol tan-negozjar kollettiv, tas-shab soċjali u tal-liġi soċjali u tax-xogħol fi Stat Membru.***”;
	Or. en

Emenda 236
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 9a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ewwel paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal deċiżjoni minn Stat Membru li teżiġi li l-iskemi b'diversi impriżi sponsor jiġu operati skont id-Direttiva 2009/138/KE.”;	L-ewwel paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal deċiżjoni minn Stat Membru li teżiġi li l-iskemi b'diversi impriżi sponsor jiġu operati skont id-Direttiva 2009/138/KE***, u mingħajr preġudizzju għan-negozjar kollettiv u għal-liġijiet soċjali u tax-xogħol***”;
	Or. en

Emenda 237
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 9a – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Benefiċjarju differit skont it-tifsira tal-Artikolu 3(h) tad-Direttiva 2014/50/UE, li d-drittijiet tal-pensjoni inattivi tiegħu — jew il-valur tagħhom — ma jaqbżux is-

EUR 600, jew kwalunkwe limitu ogħla stabbilit mill-Istat Membru tal-akkumulazzjoni skont l-Artikolu 5(3) ta' dik id-Direttiva, għandu jkun intitolat, fuq talba u mingħajr ħlas mill-iskema ta' trasferiment, li jkollu l-valur tat-trasferiment ta' dawk id-drittijiet ittrasferit lil IORP tal-għażla tiegħu fl-istess Stat Membru jew fi Stat Membru ieħor. L-IORP riċeventi għandha taċċetta tali trasferiment meta tintgħażel. It-trasferiment ma għandu jirriżulta fl-ebda telf ta' drittijiet akkwiżiti

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-intitolamenti tal-pensjoni inattivi żgħar regolarment jitnaqqru minn ħlasijiet amministrattivi tul il-ħajja fix-xogħol u joħolqu konġestjoni fir-reġistri tal-Istati Membri. Dritt ta' trasferiment mingħajr ħlas allinjat mal-limitu ta' EUR 600 jippermetti lill-ħaddiema jikkonsolidaw ammonti żgħar fl-IORP tal-għażla tagħhom. L-obbligu tal-IORP riċeventi li taċċetta jiżgura li d-dritt ikun effettiv. Din tallinja l-pensjonijiet okkupazzjonali mal-loġika tal-protezzjoni tal-konsumatur li diġà tapplika fil-portabbiltà tas-suq uniku.

Emenda 238
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 9a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-inqas IORP waħda li topera fit-territorju tagħhom taċċetta sponsorizzazzjoni minn kwalunkwe impriża u minn persuni li jaħdmu għal rashom mhux soġġetti għal parteċipazzjoni obbligatorja f'arranġament ieħor ta' pensjoni okkupazzjonali skont il-liġi nazzjonali. Dan l-obbligu jista' jiġi ssodisfat b'mod konġunt minn żewġ Stati Membri jew aktar, inkluż permezz ta' IORP

awtorizzata fi Stat Membru ieħor skont din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 239
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:	***imħassar***
"3. L-EIOPA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, dwar il-valutazzjoni prudenzjali li trid titwettaq bħala parti mill-awtorizzazzjoni tal-IORPs, kif ukoll dwar ir-rekwiżiti stipulati fit-Titoli II u III.";	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-mandat mogħti lill-EIOPA jrid ikun limitat. Peress li din id-Direttiva hija bbażata fuq armonizzazzjoni minima, kwalunkwe regola li tista' tammonta għal rekwiżiti ta' kapital, finanzjament jew fondi proprji għandha tiġi deċiża b'mod ċar fil-Livell 1, bi skrutinju demokratiku sħiħ mil-leġiżlatur tal-Unjoni, u ma għandhiex tiġi introdotta permezz ta' linji gwida tal-Livell 3.

Emenda 240
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:	***imħassar***

"3. L-EIOPA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, dwar il-valutazzjoni prudenzjali li trid titwettaq bħala parti mill-awtorizzazzjoni tal-IORPs, kif ukoll dwar ir-rekwiżiti stipulati fit-Titoli II u III.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għoti tas-setgħa huwa wiesa' wisq. L-għoti ta' dik is-setgħa fil-qafas prudenzjali u ta' governanza sħiħ ta' direttiva ta' armonizzazzjoni minima huwa kostituzzjonalment inkoerenti: dan kieku jippermetti lill-EIOPA tikseb permezz ta' linji gwida dak li l-koleġiżlaturi deliberatament żammew barra mit-test tad-direttiva. Għalhekk id-dispożizzjoni għandha titħassar.

Emenda 241
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:	***imħassar***
"3. L-EIOPA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, dwar il-valutazzjoni prudenzjali li trid titwettaq bħala parti mill-awtorizzazzjoni tal-IORPs, kif ukoll dwar ir-rekwiżiti stipulati fit-Titoli II u III.";	

Or. en

Emenda 242
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341

Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-EIOPA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, dwar il-valutazzjoni prudenzjali li trid titwettaq bħala parti mill-awtorizzazzjoni tal-IORPs, kif ukoll dwar ir-rekwiżiti stipulati fit-Titoli II u III.";	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Diversi dispożizzjonijiet jintroduċu kompiti ġodda għall-EIOPA, bħall-iżvilupp ta' linji gwida u/jew ta' standards tekniċi. Aħna ma nappoġġawx dawn il-proposti, peress li mhumiex konsistenti man-natura ta' direttiva ta' armonizzazzjoni minima. Barra minn hekk, l-EIOPA mhux dejjem hija l-aktar korp xieraq biex iwettaq dawn il-kompiti.

Emenda 243
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-EIOPA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, dwar il-valutazzjoni prudenzjali li trid titwettaq bħala parti mill-awtorizzazzjoni tal-IORPs, kif ukoll dwar ir-rekwiżiti stipulati fit-Titoli II u III.";	***imħassar***

Or. en

Emenda 244
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt b

Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-EIOPA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, dwar il-valutazzjoni prudenzjali li trid titwettaq bħala parti mill-awtorizzazzjoni tal-IORPs, kif ukoll dwar ir-rekwiżiti stipulati fit-Titoli II u III.";	***imħassar***

Or. en

Emenda 245
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-EIOPA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, dwar il-valutazzjoni prudenzjali li trid titwettaq bħala parti mill-awtorizzazzjoni tal-IORPs, kif ukoll dwar ir-rekwiżiti stipulati fit-Titoli II u III.";	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Imħassar b'rabta man-natura ta' armonizzazzjoni minima tad-Direttiva dwar l-IORP.

Emenda 246
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva (UE) 2016/2341

Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 247
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – parti introduttorja
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:	(13) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:
[…]	***1. Mingħajr preġudizzju għal-liġi soċjali u tax-xogħol dwar l-organizzazzjoni ta' skemi ta' pensjoni, inklużi sħubija obbligatorja u r-riżultati ta' ftehimiet ta' negozjar kollettiv, l-Istati Membri għandhom jippermettu lil IORP reġistrata jew awtorizzata fit-territorji tagħhom twettaq attivitajiet transfruntiera, inkluż li taċċetta sponsorship minn impriżi fi Stati Membri oħra. L-Istati Membri għandhom ukoll jippermettu lil impriżi li jinsabu fit-territorji tagħhom jisponsorjaw IORPs li jipproponu li jwettqu, jew li jwettqu attivitajiet transfruntiera. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs ikunu jistgħu jaċċettaw sponsorship minn impriża waħda jew aktar fi Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' domiċilju tal-IORP hekk kif jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** ***2. IORP li jkun beħsiebha twettaq attività transfruntiera, inkluż billi taċċetta sponsorship minn impriża sponsor jew aktar minn waħda fi Stat Membru ieħor, għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħha bl-intenzjoni tagħha. Fejn,***

f'konformità mal-liġi nazzjonali, l-IORPs ikunu separati mill-entitajiet awtorizzati responsabbli għat-tħaddim tagħhom u li jaġixxu f'isimhom, in-notifika tista' tiġi ppreżentata minn dik l-entità awtorizzata.

3. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li n-notifika msemmija fil-paragrafu 2 tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-Istat(i) Membru/Membri ospitanti, li għandu/għandhom, meta jkun applikabbli, jiġi/jiġu identifikat(i) mill-impriża/i sponsor;

(b) l-isem u l-post tal-amministrazzjoni ewlenija tal-impriża/i sponsor;

(c) il-karatteristiċi ewlenin tal-iskema/i ta' pensjoni li għandha tiġi operata/għandhom jiġu operati għall-impriża/i sponsor.

4. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha, mhux aktar tard minn xahrejn wara d-data tal-wasla tal-fajl komplut ta' notifika msemmi fil-paragrafu 3, tittrażmetti dak il-fajl lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri ospitanti. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tinkludi dikjarazzjoni li l-IORP, jew fejn applikabbli, l-entità awtorizzata responsabbli għall-operat tal-IORP u li taġixxi f'isimha, hija awtorizzata fl-Istat Membru ta' domiċilju tagħha u tikkonforma ma' din id-Direttiva u se tkompli tikkonforma magħha.

Fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ma tikkomunikax l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti minħabba l-inadegwatezza tal-istruttura amministrattiva jew is-sitwazzjoni finanzjarja tal-IORP, għandha tagħti r-raġunijiet għal dan lill-IORP kkonċernata fi żmien l-istess skadenza ta' xahrejn minn meta tirċievi dik l-informazzjoni kollha. Dik in-nonkomunikazzjoni tal-informazzjoni għandha tkun soġġetta għal dritt ta'

appell lill-qrati fl-Istat Membru ta' domiċilju.

5. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tibgħat il-fajl tan-notifika msemmi fil-paragrafu 3, hija għandha tinnotifika lill-IORP jew, fejn applikabbli, lill-entità awtorizzata responsabbli għall-operat tal-IORP u li taġixxi f'isimha, mingħajr dewmien.

L-IORP jew, fejn applikabbli, l-entità awtorizzata responsabbli għall-operat tal-IORP u li taġixxi f'isem l-IORP tista' tibda twettaq l-attività transfruntiera fl-Istat Membru ospitanti mid-data ta' dik in-notifika.

Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-entità awtorizzata responsabbli għall-operat tal-IORP u li taġixxi f'isimha tkun differenti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-IORP, tal-ewwel għandha tinforma wkoll lil tal-aħħar li l-entità awtorizzata li timmaniġġja l-IORP tista' tibda taċċetta impriżi sponsor fl-Istat Membru ospitanti jew fl-Istati Membri tal-IORP.

6. L-IORPs li jwettqu attività transfruntiera għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tal-liġi soċjali u tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti, rilevanti fil-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali.

Għandhom ikunu soġġetti wkoll għar-rekwiżiti ta' informazzjoni msemmija fit-Titolu IV imposti mill-Istat Membru ospitanti fir-rigward tal-membri prospettivi, il-membri u l-benefiċjarji kkonċernati minn dik l-attività transfruntiera.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha, fi żmien xahar minn meta tkun irċeviet l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, permezz tal-mezzi msemmija fl-Artikolu 59(3) u (4), tikkomunika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju d-dispożizzjonijiet legali msemmija fl-

Artikolu 59(1) li huma applikabbli fit-territorju tagħha. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tikkomunika minnufih dik l-informazzjoni lill-IORP jew, fejn applikabbli, lill-entità awtorizzata msemmija fil-paragrafu 2, u 4 ġimgħat wara li tirċievi din il-komunikazzjoni, l-IORP tista' tibda l-attività transfruntiera.

7. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tissorvelja l-konformità mar-rekwiżiti tal-liġi soċjali u tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali u mar-rekwiżiti ta' informazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 6. Meta, f'konformità mal-liġi nazzjonali, l-IORPs ikunu kostitwiti f'forma li taħtha l-entitajiet awtorizzati jkunu responsabbli biex iħaddmuhom u jaġixxu f'isimhom, l-awtorità kompetenti tal-entità awtorizzata għandha tkun responsabbli għas-superviżjoni tal-adegwatezza tal-arranġamenti u l-organizzazzjoni ta' dik l-entità sabiex tkun f'pożizzjoni li tikkonforma mal-obbligi u r-regoli relatati mal-kostituzzjoni u l-funzjonament tal-IORPs kollha li timmaniġġja.

8. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-IORP b'kull bidla sinifikanti fir-rekwiżiti tal-liġi soċjali u tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti fil-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali li tista' taffettwa l-karatteristiċi tal-iskema tal-pensjoni sal-limitu li tikkonċerna l-attività transfruntiera.

Hija għandha tinforma wkoll lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju bi kwalunkwe bidla sinifikanti fir-rekwiżiti ta' informazzjoni tal-Istat Membru ospitanti msemmija fil-paragrafu 6.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tikkomunika dik l-informazzjoni lill-IORP jew, fejn

applikabbli, lill-entità awtorizzata msemmija fil-paragrafu 2.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet kollha relatati mal-attivitajiet transfruntiera, u li l-proċeduri relatati jkunu jistgħu jitlestew faċilment permezz ta' mezzi elettroniċi

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trażmissjoni elettronika u l-iffajljar tad-dokumenti msemmija f'dan l-Artikolu jiġu aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fajl ta' notifika msemmija fil-paragrafu 3 u d-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 jiġu pprovduti f'lingwa li hi komuni fid-dimensjoni tal-finanzi internazzjonali.

10. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti li jkollha raġunijiet biex tqis li IORP li twettaq attivitajiet fit-territorju tagħha ma tkunx qed tikkonforma mar-rekwiżiti tal-liġi soċjali u tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti rilevanti għall-ambitu tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali, jew mar-rekwiżiti tal-informazzjoni applikabbli tal-Istat Membru ospitanti, għandha tinforma immedjatament lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha, f'koordinazzjoni mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-IORP ittemm il-ksur li jinstab.

11. Jekk, minkejja l-miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, jew minħabba li miżuri xierqa jkunu nieqsa fl-Istat Membru ta' domiċilju, l-IORP tippersisti fil-ksur tad-dispożizzjonijiet applikabbli tar-rekwiżiti tal-Istat Membru ospitanti tal-liġi soċjali u tax-xogħol rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali, jew tar-rekwiżiti ta' informazzjoni applikabbli tal-Istat Membru ospitanti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista', wara li tinforma lill-awtorità

kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, tieħu miżuri xierqa biex tipprevjeni jew tippenalizza aktar irregolaritajiet, inkluż, sal-limitu li huwa strettament meħtieġ, biex tipprevjeni lill-IORP milli topera fl-Istat Membru ospitanti għall-impriża sponsor.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fit-territorji tagħhom huwa possibbli li jiġu nnotifikati lill-IORPs id-dokumenti ġuridiċi neċessarji għal dawn il-miżuri.

Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jew dak ospitanti tista' tirreferi l-kwistjoni lill-EIOPA u titlob l-assistenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010. F'dak il-każ, l-EIOPA tista' taġixxi skont is-setgħat li jingħatawlha fl-istess Artikolu.

12. Il-paragrafi 10 u 11 huma bla ħsara għas-setgħa tal-Istati Membri ospitanti li jieħdu miżuri ta' emerġenza adegwati u mhux diskriminatorji biex jipprevjenu jew jippenalizzaw irregolaritajiet fit-territorju tagħhom, f'sitwazzjonijiet fejn huwa strettament neċessarju li tittieħed azzjoni immedjata sabiex jitħarsu d-drittijiet tal-membri u tal-benefiċjarji, u fejn il-miżuri ekwivalenti tal-Istat Membru ta' domiċilju mhumiex adegwati jew mhumiex biżżejjed.

Dik il-fakultà għandha tinkludi l-possibbiltà li l-IORPs, sa fejn ikun strettament meħtieġ, jiġu pprevenuti milli joperaw fl-Istat Membru ospitanti għall-impriża sponsor.

13. Kwalunkwe miżura adottata skont il-paragrafi 11 sa 13 u li timplika restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet tal-IORPs għandha tkun debitament motivata u kkomunikata mingħajr dewmien żejjed lill-IORP ikkonċernata.

14. Meta, f'konformità mal-liġi nazzjonali, l-IORPs ikunu kostitwiti f'forma li fiha l-entitajiet awtorizzati jkunu responsabbli biex joperawhom u jaġixxu f'isimhom, l-Istati Membri ma

għandhomx jipprevjenu lil dawn l-entitajiet awtorizzati li jkunu ġew awtorizzati fi Stat Membru ieħor milli jwettqu dawk l-attivitajiet għal IORP awtorizzat fit-territorju tagħhom.

L-ewwel subparagrafu japplika biss meta l-entità awtorizzata tkun istituzzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 2(2), jew entità, għajr IORP, awtorizzata skont din id-Direttiva għall-fini tal-operat tal-IORPs u li taġixxi f'isimhom.

F'każijiet bħal dawn:

(a) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih l-IORP tkun awtorizzata għandha tkun responsabbli għas-superviżjoni prudenzjali tal-IORP u għas-superviżjoni tal-konformità mar-regoli ta' dak l-Istat Membru relatati mal-kostituzzjoni, il-funzjonament u l-operat tal-IORP, inklużi regoli dwar l-awtorizzazzjoni, ir-rekwiżiti operattivi, ir-rekwiżiti kwantitattivi, il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet tagħha u l-informazzjoni li għandha tingħata lill-membri prospettivi, lill-membri u lill-benefiċjarji. L-entità awtorizzata għandha tikkonforma ma', u tkun responsabbli għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-arranġamenti u d-deċiżjonijiet organizzattivi kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li l-operat tal-IORP jikkonforma ma' dawk ir-regoli.

(b) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih l-entità awtorizzata tkun ġiet awtorizzata għandha tkun responsabbli għas-superviżjoni tal-entità awtorizzata u l-adegwatezza tal-arranġamenti u l-organizzazzjoni tagħha, sabiex tkun f'pożizzjoni li tikkonforma mal-obbligi u r-regoli relatati mal-operat tal-IORPs li topera. Dik is-superviżjoni għandha tinkludi regoli relatati mal-organizzazzjoni tal-entità awtorizzata, inklużi arranġamenti ta' delega, rekwiżiti organizzazzjonali, arranġamenti operazzjonali, rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità, sistemi ta' ġestjoni tar-riskju u kontrolli interni. Dawk ir-regoli ma

għandhomx ikunu aktar stretti minn dawk applikabbli għall-entitajiet awtorizzati li joperaw IORPs fl-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom biss.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih l-IORP tkun ġiet awtorizzata tista' tirrikjedi direttament mill-entità awtorizzata kwalunkwe informazzjoni, rekord, dokument jew spjegazzjoni meħtieġa għas-superviżjoni tal-IORP. Meta l-entità awtorizzata tonqos milli tikkonforma mar-regoli msemmija fis-subparagrafi preċedenti, dik l-awtorità kompetenti għandha titlobha ttemm il-ksur u għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-entità awtorizzata. Meta l-entità awtorizzata ma ttemmx il-ksur, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-entità awtorizzata għandha tieħu l-miżuri xierqa kollha biex tiżgura li tagħmel dan, u għandha tikkomunika dawk il-miżuri lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun awtorizzata l-IORP. Meta, minkejja dawk il-miżuri, jew minħabba li jirriżultaw inadegwati, il-ksur jippersisti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih l-IORP tkun awtorizzata tista', wara li tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-entità awtorizzata, tieħu l-miżuri meħtieġa, inkluż l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet u l-prevenzjoni tal-entità awtorizzata milli topera l-IORP fit-territorju tagħha.

L-awtoritajiet kompetenti msemmija fis-subparagrafi (a) u (b) għandhom jikkooperaw mill-qrib, jiskambjaw l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom skont din id-Direttiva, u jipprovdu lil xulxin b'assistenza fir-rigward tal-ispezzjonijiet, tal-investigazzjonijiet u tal-infurzar. F'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar il-proċedura, il-kontenut jew in-nuqqas ta' kwalunkwe azzjoni minn kwalunkwe awtorità kompetenti skont dan il-paragrafu, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet tista' tirreferi l-kwistjoni lill-EIOPA, li tista'

taġixxi f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.

Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' IORP awtorizzata fi Stat Membru wieħed, inkluż fejn tkun operata minn entità awtorizzata stabbilita f'dak l-Istat Membru, li twettaq attivitajiet transfruntiera ta' rtirar okkupazzjonali fi Stat Membru ieħor f'konformità mal-paragrafi 1 sa 13. Ma għandux jiġi interpretat bħala li jirrikjedi li IORP tkun awtorizzata fl-Istat Membru ospitanti sabiex dawk l-attivitajiet transfruntiera jitwettqu hemmhekk f'konformità mal-paragrafi 1 sa 13.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni tal-Artikolu 11 biex jiġu indirizzati l-inċertezzi legali u operazzjonali relatati ma' istituzzjonijiet tal-pensjoni b'bosta sponsors u istituzzjonijiet tal-pensjoni ġestiti minn entità awtorizzata stabbilita fi Stat Membru ieħor.

Emenda 248
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju toħroġ id-deċiżjoni motivata msemmija fl-ewwel subparagrafu fi żmien ***xahar*** minn meta tirċievi l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 3.";	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju toħroġ id-deċiżjoni motivata msemmija fl-ewwel subparagrafu fi żmien ***3 xhur*** minn meta tirċievi l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 3.;

Or. en

Emenda 249
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju toħroġ id-deċiżjoni motivata msemmija fl-ewwel subparagrafu fi żmien ***xahar*** minn meta tirċievi l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 3.”;	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju toħroġ id-deċiżjoni motivata msemmija fl-ewwel subparagrafu fi żmien 3 xhur minn meta tirċievi l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 3.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma meħtieġa 3 xhur biex l-awtorità nazzjonali kompetenti fil-pajjiż ta' oriġini twettaq valutazzjoni bir-reqqa u tipproteġi l-interessi tad-diversi membri u benefiċjarji fil-pajjiżi kkonċernati.

Emenda 250
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju toħroġ id-deċiżjoni motivata msemmija fl-ewwel subparagrafu fi żmien ***xahar*** minn meta tirċievi l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 3.”;	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju toħroġ id-deċiżjoni motivata msemmija fl-ewwel subparagrafu fi żmien 3 xhur minn meta tirċievi l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 3.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma meħtieġa 3 xhur biex l-awtorità nazzjonali kompetenti fil-pajjiż ta' domiċilju twettaq valutazzjoni bir-reqqa u tħares l-interessi tad-diversi membri u benefiċjarji fil-pajjiżi kkonċernati.

Emenda 251
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt ba (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ba) Il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:
5. Fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ma tikkomunikax l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, għandha tagħti r-raġunijiet għal dan lill-IORP kkonċernata fi żmien ***tliet xhur*** minn meta tirċievi dik l-informazzjoni kollha. Dik in-nonkomunikazzjoni tal-informazzjoni għandha tkun soġġetta għal dritt ta' appell lill-qrati fl-Istat Membru ta' domiċilju.	5. Fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ma tikkomunikax l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, għandha tagħti r-raġunijiet għal dan lill-IORP kkonċernata fi żmien ***xahar*** minn meta tirċievi dik l-informazzjoni kollha. Dik in-nonkomunikazzjoni tal-informazzjoni għandha tkun soġġetta għal dritt ta' appell lill-qrati fl-Istat Membru ta' domiċilju.

Or. en

(32016L2341)

Emenda 252
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 11 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-IORPs li jwettqu attività transfruntiera għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' informazzjoni msemmija fit-Titolu IV imposti mill-Istat Membru ospitanti fir-rigward tal-membri prospettivi, il-membri u l-benefiċjarji kkonċernati minn dik l-attività transfruntiera***, bl-eċċezzjoni tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni msemmi fl-Artikolu 38, li għandu jkun soġġett għal***	6. L-IORPs li jwettqu attività transfruntiera għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' informazzjoni msemmija fit-Titolu IV imposti mill-Istat Membru ospitanti fir-rigward tal-membri prospettivi, il-membri u l-benefiċjarji kkonċernati minn dik l-attività transfruntiera.

regoli armonizzati tal-Unjoni f'konformità mal-paragrafu 6 ta' dak l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mal-emenda tagħna tal-Artikolu 38(6).

Emenda 253
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 11 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-IORPs li jwettqu attività transfruntiera għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' informazzjoni msemmija fit-Titolu IV imposti mill-Istat Membru ospitanti fir-rigward tal-membri prospettivi, il-membri u l-benefiċjarji kkonċernati minn dik l-attività transfruntiera***, bl-eċċezzjoni tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni msemmi fl-Artikolu 38, li għandu jkun soġġett għal regoli armonizzati tal-Unjoni f'konformità mal-paragrafu 6 ta' dak l-Artikolu***.	6. L-IORPs li jwettqu attività transfruntiera għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' informazzjoni msemmija fit-Titolu IV imposti mill-Istat Membru ospitanti fir-rigward tal-membri prospettivi, il-membri u l-benefiċjarji kkonċernati minn dik l-attività transfruntiera.

Or. en

Emenda 254
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

7. Qabel ma l-IORP tibda twettaq attività transfruntiera, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha, fi żmien ***xahar*** wara li tkun irċeviet l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, tħejji għas-superviżjoni tal-attivitajiet transfruntieri rilevanti. Dik il-preparazzjoni għandha tkun relatata mar-rekwiżiti tal-liġi soċjali u tax-xogħol li huma rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali li fil-qafas tiegħu trid tiġi operata l-iskema ta' pensjoni sponsorjata minn impriża fl-Istat Membru ospitanti, u r-rekwiżiti ta' informazzjoni tal-Istat Membru ospitanti msemmija fit-Titolu IV li għandhom japplikaw għall-attività transfruntiera. Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tikkomunika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, permezz tal-mezzi msemmija fl-Artikolu 59(3) u (4), id-dispożizzjonijiet legali msemmija fl-Artikolu 59(1) li huma applikabbli fit-territorju tagħha. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tikkomunika dik l-informazzjoni immedjatament lill-IORP.";	7. Qabel ma l-IORP tibda twettaq attività transfruntiera, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha, fi żmien ***sitt ġimgħat*** wara li tkun irċeviet l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, tħejji għas-superviżjoni tal-attivitajiet transfruntieri rilevanti. Dik il-preparazzjoni għandha tkun relatata mar-rekwiżiti tal-liġi soċjali u tax-xogħol li huma rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali li fil-qafas tiegħu trid tiġi operata l-iskema ta' pensjoni sponsorjata minn impriża fl-Istat Membru ospitanti, u r-rekwiżiti ta' informazzjoni tal-Istat Membru ospitanti msemmija fit-Titolu IV li għandhom japplikaw għall-attività transfruntiera. Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tikkomunika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, permezz tal-mezzi msemmija fl-Artikolu 59(3) u (4), id-dispożizzjonijiet legali msemmija fl-Artikolu 59(1) li huma applikabbli fit-territorju tagħha. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tikkomunika dik l-informazzjoni immedjatament lill-IORP.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-perjodu ta' 6 ġimgħat mogħti lill-awtorità nazzjonali kompetenti fil-pajjiż ospitanti huwa meħtieġ biex jippermetti l-valutazzjoni minn qabel ta' jekk l-iskema tal-pensjoni tikkonformax mar-rekwiżiti applikabbli tal-liġi soċjali u tax-xogħol.

Emenda 255
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Qabel ma l-IORP tibda twettaq attività transfruntiera, l-awtorità	7. Qabel ma l-IORP tibda twettaq attività transfruntiera, l-awtorità

kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha, fi żmien ***xahar*** wara li tkun irċeviet l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, tħejji għas-superviżjoni tal-attivitajiet transfruntieri rilevanti. Dik il-preparazzjoni għandha tkun relatata mar-rekwiżiti tal-liġi soċjali u tax-xogħol li huma rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali li fil-qafas tiegħu trid tiġi operata l-iskema ta' pensjoni sponsorjata minn impriża fl-Istat Membru ospitanti, u r-rekwiżiti ta' informazzjoni tal-Istat Membru ospitanti msemmija fit-Titolu IV li għandhom japplikaw għall-attività transfruntiera. Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tikkomunika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, permezz tal-mezzi msemmija fl-Artikolu 59(3) u (4), id-dispożizzjonijiet legali msemmija fl-Artikolu 59(1) li huma applikabbli fit-territorju tagħha. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tikkomunika dik l-informazzjoni immedjatament lill-IORP.";

kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha, fi żmien ***6 ġimgħat*** wara li tkun irċeviet l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, tħejji għas-superviżjoni tal-attivitajiet transfruntieri rilevanti. Dik il-preparazzjoni għandha tkun relatata mar-rekwiżiti tal-liġi soċjali u tax-xogħol li huma rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali li fil-qafas tiegħu trid tiġi operata l-iskema ta' pensjoni sponsorjata minn impriża fl-Istat Membru ospitanti, u r-rekwiżiti ta' informazzjoni tal-Istat Membru ospitanti msemmija fit-Titolu IV li għandhom japplikaw għall-attività transfruntiera. Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tikkomunika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, permezz tal-mezzi msemmija fl-Artikolu 59(3) u (4), id-dispożizzjonijiet legali msemmija fl-Artikolu 59(1) li huma applikabbli fit-territorju tagħha. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tikkomunika dik l-informazzjoni immedjatament lill-IORP.;

Or. en

Emenda 256
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Qabel ma l-IORP tibda twettaq attività transfruntiera, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha, fi żmien ***xahar*** wara li tkun irċeviet l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, tħejji għas-superviżjoni tal-attivitajiet transfruntieri rilevanti. Dik il-preparazzjoni għandha tkun relatata mar-rekwiżiti tal-liġi soċjali u tax-xogħol li huma rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta'	7. Qabel ma l-IORP tibda twettaq attività transfruntiera, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha, fi żmien ***6 ġimgħat*** wara li tkun irċeviet l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, tħejji għas-superviżjoni tal-attivitajiet transfruntieri rilevanti. Dik il-preparazzjoni għandha tkun relatata mar-rekwiżiti tal-liġi soċjali u tax-xogħol li huma rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta'

pensjoni okkupazzjonali li fil-qafas tiegħu trid tiġi operata l-iskema ta' pensjoni sponsorjata minn impriża fl-Istat Membru ospitanti, u r-rekwiżiti ta' informazzjoni tal-Istat Membru ospitanti msemmija fit-Titolu IV li għandhom japplikaw għall-attività transfruntiera. Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tikkomunika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, permezz tal-mezzi msemmija fl-Artikolu 59(3) u (4), id-dispożizzjonijiet legali msemmija fl-Artikolu 59(1) li huma applikabbli fit-territorju tagħha. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tikkomunika dik l-informazzjoni immedjatament lill-IORP.;	pensjoni okkupazzjonali li fil-qafas tiegħu trid tiġi operata l-iskema ta' pensjoni sponsorjata minn impriża fl-Istat Membru ospitanti, u r-rekwiżiti ta' informazzjoni tal-Istat Membru ospitanti msemmija fit-Titolu IV li għandhom japplikaw għall-attività transfruntiera. Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tikkomunika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, permezz tal-mezzi msemmija fl-Artikolu 59(3) u (4), id-dispożizzjonijiet legali msemmija fl-Artikolu 59(1) li huma applikabbli fit-territorju tagħha. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tikkomunika dik l-informazzjoni immedjatament lill-IORP.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-6 ġimgħat meħtieġa mill-awtorità nazzjonali kompetenti fil-pajjiż ospitanti huma meħtieġa biex jiġi vvalutat minn qabel jekk l-iskema tal-pensjoni tikkonformax mal-liġijiet soċjali u tax-xogħol.

Emenda 257
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt cc (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 11 – paragrafu 8

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(cc) Il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:
8. Malli tirċievi l-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu *7*, jew jekk ma tirċievi ebda komunikazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju malli jiskadi l-perjodu previst fil-paragrafu *7*, l-IORP tista' tibda twettaq attività transfruntiera skont ir-rekwiżiti tal-Istat Membru ospitanti tal-liġi soċjali u dik tax-xogħol rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali u skont ir-	8. Malli tirċievi l-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu ***4***, jew jekk ma tirċievi ebda komunikazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju malli jiskadi l-perjodu previst fil-paragrafu ***4***, l-IORP tista' tibda twettaq attività transfruntiera skont ir-rekwiżiti tal-Istat Membru ospitanti tal-liġi soċjali u dik tax-xogħol rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali u skont ir-

rekwiżiti ta’ informazzjoni tal-Istat Membru ospitanti kif imsemmija fil-paragrafu *7*.	rekwiżiti ta’ informazzjoni tal-Istat Membru ospitanti kif imsemmija fil-paragrafu ***6***.

Or. en

(32016L2341)

Emenda 258
Marlena Maląg
f’isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 11a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każ ta’ bidla fi kwalunkwe dettall ikkomunikat skont l-Artikolu 11(3)***(b) jew (c)***, IORP tagħti avviż bil-miktub dwar il-bidla ***lill-awtoritajiet*** kompetenti ***tal-Istati Membri*** ta’ domiċilju ***u ospitanti*** mill-inqas xahar qabel ma tagħmel il-bidla sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta’ domiċilju u ospitanti jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi rispettivi tagħhom skont l-Artikolu 11.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każ ta’ bidla fi kwalunkwe dettall ikkomunikat skont l-Artikolu 11(3), IORP tagħti avviż bil-miktub dwar il-bidla ***lill-awtorità*** kompetenti ***tal-Istat Membru*** ta’ domiċilju mill-inqas xahar qabel ma tagħmel il-bidla***. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ domiċilju għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti dwar il-bidla mingħajr dewmien,*** sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta’ domiċilju u ospitanti jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi rispettivi tagħhom skont l-Artikolu 11.

Or. en

Emenda 259
Marlena Maląg
f’isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 11a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment, ***in-notifika*** ta' impriża sponsor addizzjonali waħda jew aktar minn waħda ***għal*** skema tal-pensjoni notifikata ***qabel***, jew ta' emendi mhux materjali għall-karatteristiċi ta' ***dik l-iskema***, tkun soġġetta għal ***proċedura ta'*** notifika ***simplifikata****.";*	2. ***B'deroga mill-paragrafu 1,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment, ***l-aċċettazzjoni*** ta' impriża sponsor addizzjonali waħda jew aktar minn waħda ***fir-rigward ta'*** skema tal-pensjoni ***diġà*** notifikata ***skont l-Artikolu 11(3)***, jew ta' emendi mhux materjali għall-karatteristiċi ta' ***tali skema***, ***ma għandhiex*** tkun soġġetta għal notifika ***minn qabel. Kwalunkwe rekwiżit li tiġi nnotifikata tali aċċettazzjoni jew emenda wara li tkun daħlet fis-seħħ għandu jkun limitat għal dak li huwa meħtieġ biex tiġi vverifikata l-konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11, u ma għandux jikkostitwixxi kundizzjoni minn qabel biex l-IORP testendi l-attivitajiet transfruntiera tagħha***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Simplifikazzjoni li tirriżulta mir-riformulazzjoni tal-Artikolu 11: Il-paragrafu 2 il-ġdid jintroduċi simplifikazzjoni għall-iskemi b'bosta sponsors.

Emenda 260
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 11a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każ ta' bidla fi kwalunkwe dettall ikkomunikat skont l-Artikolu 11(3)(b) jew (c), IORP tagħti avviż bil-miktub dwar il-bidla lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju u ospitanti mill-inqas xahar qabel ma tagħmel il-bidla sabiex l-awtoritajiet ***kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju u ospitanti*** jkunu jistgħu	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każ ta' bidla fi kwalunkwe dettall ikkomunikat skont l-Artikolu 11(3)(b) jew (c), IORP tagħti avviż bil-miktub dwar il-bidla lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju u ospitanti mill-inqas xahar qabel ma tagħmel il-bidla sabiex ***dawk*** l-awtoritajiet jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi rispettivi tagħhom

jissodisfaw l-obbligi rispettivi tagħhom skont l-Artikolu 11.	skont l-Artikolu 11. ***L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti b'dik il-bidla mingħajr dewmien.***

Or. en

Emenda 261
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 11a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment, ***in-notifika*** ta' impriża sponsor addizzjonali waħda jew aktar minn waħda ***għal skema tal-pensjoni notifikata qabel***, jew ta' emendi mhux materjali għall-karatteristiċi ta' ***dik l-iskema, tkun soġġetta għal proċedura ta' notifika simplifikata.";***	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment, ***l-aċċettazzjoni*** ta' impriża sponsor addizzjonali waħda jew aktar minn waħda ***fir-rigward ta' skema tal-pensjoni diġà notifikata skont l-Artikolu 11(3)***, jew ta' emendi mhux materjali għall-karatteristiċi ta' ***tali skema, ma għandhiex tkun soġġetta għal notifika minn qabel. Kwalunkwe rekwiżit li tiġi nnotifikata tali aċċettazzjoni jew emenda wara li tkun daħlet fis-seħħ lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandu jkun limitat għal dak li huwa meħtieġ biex tiġi vverifikata l-konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11, u ma għandux jikkostitwixxi kundizzjoni minn qabel biex l-IORP testendi l-attivitajiet transfruntiera tagħha.***

Or. en

Emenda 262
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 11a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta IORP li diġà twettaq attività transfruntiera awtorizzata skont l-Artikolu 11 tipproponi li twettaq attività transfruntiera fi Stat Membru ospitanti addizzjonali, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ma għandhiex tirrepeti l-valutazzjoni tal-istruttura amministrattiva, tas-sitwazzjoni finanzjarja, tar-reputazzjoni tajba, tal-kwalifiki professjonali jew tal-esperjenza msemmija fl-Artikolu 11(4), dment li dawk l-elementi ma jkunux inbidlu materjalment mill-aktar valutazzjoni reċenti.

Or. en

Emenda 263
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) maġġoranza ***sempliċi*** tal-membri u l-benefiċjarji kkonċernati jew, fejn applikabbli, maġġoranza ***sempliċi*** tar-rappreżentanti tagħhom; u	(a) ***mill-inqas*** maġġoranza ***ta' żewġ terzi*** tal-membri u l-benefiċjarji kkonċernati jew, fejn applikabbli, ***mill-inqas*** maġġoranza ***ta' żewġ terzi*** tar-rappreżentanti tagħhom; u

Or. en

Emenda 264
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), il-maġġoranza ***sempliċi*** għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi tar-risposti riċevuti.	Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), il-maġġoranza għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi tar-risposti riċevuti.

Or. en

Emenda 265
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li, biex jiġi approvat trasferiment, għandu jintlaħaq limitu ta' parteċipazzjoni sa 25 % tal-membri u l-benefiċjarji kkonċernati.”;	L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li, biex jiġi approvat trasferiment, għandu jintlaħaq limitu ta' parteċipazzjoni sa 25 % tal-membri u l-benefiċjarji kkonċernati.”; ***L-Istati Membri jistgħu jippermettu li r-rekwiżit għall-approvazzjoni b'maġġoranza sempliċi tal-membri u l-benefiċjarji kkonċernati jew, fejn applikabbli, ir-rappreżentanti tagħhom, ma għandux japplika fejn id-deċiżjoni li tapprova t-trasferiment tittieħed f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-regoli tal-iskema tal-pensjoni jew fi kwalunkwe ftehim kollettiv applikabbli li jirrikjedi livell ogħla ta' approvazzjoni minn maġġoranza sempliċi, flimkien ma' salvagwardji proporzjonati meħtieġa biex jiġu żgurati l-involviment u l-protezzjoni adegwati tal-membri. F'każijiet bħal dawn, il-livell limitu tal-parteċipazzjoni msemmi fit-tielet subparagrafu ma għandux japplika”.***

Or. en

Emenda 266

Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li, biex jiġi approvat trasferiment, għandu jintlaħaq limitu ta' parteċipazzjoni sa ***25*** % tal-membri u l-benefiċjarji kkonċernati.;	L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li, biex jiġi approvat trasferiment, għandu jintlaħaq limitu ta' parteċipazzjoni sa ***40*** % tal-membri u l-benefiċjarji kkonċernati.;

Or. en

Emenda 267
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b
Direttiva 2016/2341
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***jistgħu jipprevedu*** li, biex jiġi approvat trasferiment, ***għandu jintlaħaq limitu ta'*** parteċipazzjoni ***sa 25*** % tal-membri u l-benefiċjarji kkonċernati.;	L-Istati Membri ***għandhom jiżguraw*** li, biex jiġi approvat trasferiment, ***għandha tintlaħaq*** parteċipazzjoni ***ta' mill-inqas 50*** % tal-membri u l-benefiċjarji kkonċernati.;

Or. en

Emenda 268
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 12 – paragrafu 11 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(c) fil-paragrafu 11, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"Fejn it-trasferiment jirriżulta f'attività transfruntiera, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-IORP trasferenti għandha tinforma wkoll lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-IORP riċeventi dwar ir-rekwiżiti tal-liġi soċjali u tax-xogħol rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali li taħthom trid tiġi operata l-iskema ta' pensjoni u tar-rekwiżiti ta' informazzjoni tal-Istat Membru ospitanti msemmija fit-Titolu IV li għandhom japplikaw għall-attività transfruntiera. Dan għandu jiġi kkomunikat fi żmien 4 ġimgħat oħra.";	

Or. en

Emenda 269
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt ca (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 12 – paragrafu 13

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ca) Il-paragrafu 13 huwa emendat kif ġej:
13. F'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar il-proċedura jew ***il-kontenut ta' azzjoni jew*** nuqqas ta' azzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-IORP trasferenti jew l-IORP riċeventi, ***inkluża*** deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni jew ċaħda ta' trasferiment transfruntier, l-EIOPA tista' ***twettaq medjazzjoni mhux vinkolanti skont il-punt (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 31*** tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010***, fuq talba ta' kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet kompetenti jew fuq inizjattiva tagħha stess***.	13. F'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar il-proċedura jew nuqqas ta' azzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-IORP trasferenti jew l-IORP riċeventi, ***jew fir-rigward ta'*** deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni jew ċaħda ta' trasferiment transfruntier ***ibbażata fuq raġunijiet prudenzjali***, l-EIOPA tista' ***tgħin lill-awtoritajiet kompetenti biex jilħqu ftehim f'konformità mal-Artikolu 19*** tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010***. Din il-medjazzjoni vinkolanti għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali soċjali u tax-xogħol***.

(32016L2341)

Emenda 270
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 12a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) jiddaħħal l-Artikolu 12a li ġej:	***imħassar***
“Artikolu 12a	
Trasferimenti domestiċi	
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasferimenti bejn l-IORPs awtorizzati fl-istess Stat Membru tat-totalità jew ta’ parti mill-obbligazzjonijiet, il-provvedimenti tekniċi, u l-obbligi u d-drittijiet l-oħra ta’ skema ta’ pensjoni, u l-assi korrispondenti jew l-ekwivalenti fi flus kontanti tagħhom, ikunu rregolati minn proċeduri sempliċi u trasparenti li jiżguraw il-protezzjoni tal-membri u l-benefiċjarji u t-tkomplija ta’ ġestjoni tajba tal-iskemi ta’ pensjoni kkonċernati.	
Tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti, li għandha tivverifika mill-inqas is-segwenti kollu:	
(a) li l-informazzjoni sottomessa hija kompluta u preċiża;	
(b) li l-istruttura amministrattiva, is-sitwazzjoni finanzjarja, u r-reputazzjoni tajba jew il-kwalifiki u l-esperjenza professjonali tal-persuni li effettivament imexxu l-IORPs ikkonċernati huma kompatibbli mat-trasferiment propost;	
(c) li jkunu protetti b’mod adegwat l-interessi fit-tul tal-membri u tal-benefiċjarji;	

(d) li l-assi li għandhom jiġu ttrasferiti huma suffiċjenti u adegwati biex ikopru l-obbligazzjonijiet relatati, il-provvedimenti tekniċi u obbligi u drittijiet oħra.

Meta Stat Membru jissoġġetta t-trasferimenti domestiċi għall-approvazzjoni minn qabel tal-membri u l-benefiċjarji kkonċernati, il-proċedura ta' approvazzjoni ma għandhiex tkun aktar stretta mill-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12(3).";

Or. es

Emenda 271
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 12a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) jiddaħħal l-Artikolu 12a li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 12a	
Trasferimenti domestiċi	
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasferimenti bejn l-IORPs awtorizzati fl-istess Stat Membru tat-totalità jew ta' parti mill-obbligazzjonijiet, il-provvedimenti tekniċi, u l-obbligi u d-drittijiet l-oħra ta' skema ta' pensjoni, u l-assi korrispondenti jew l-ekwivalenti fi flus kontanti tagħhom, ikunu rregolati minn proċeduri sempliċi u trasparenti li jiżguraw il-protezzjoni tal-membri u l-benefiċjarji u t-tkomplija ta' ġestjoni tajba tal-iskemi ta' pensjoni kkonċernati.	
Tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti, li għandha tivverifika mill-inqas is-segwenti kollu:	
(a) li l-informazzjoni sottomessa hija kompluta u preċiża;	

(b) li l-istruttura amministrattiva, is-sitwazzjoni finanzjarja, u r-reputazzjoni tajba jew il-kwalifiki u l-esperjenza professjonali tal-persuni li effettivament imexxu l-IORPs ikkonċernati huma kompatibbli mat-trasferiment propost;

(c) li jkunu protetti b'mod adegwat l-interessi fit-tul tal-membri u tal-benefiċjarji;

(d) li l-assi li għandhom jiġu ttrasferiti huma suffiċjenti u adegwati biex ikopru l-obbligazzjonijiet relatati, il-provvedimenti tekniċi u obbligi u drittijiet oħra.

Meta Stat Membru jissoġġetta t-trasferimenti domestiċi għall-approvazzjoni minn qabel tal-membri u l-benefiċjarji kkonċernati, il-proċedura ta' approvazzjoni ma għandhiex tkun aktar stretta mill-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12(3).";

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-trasferimenti domestiċi bejn l-IORPs fl-istess Stat Membru joperaw kompletament fi ħdan qafas legali nazzjonali uniku u ma jqajmu l-ebda dimensjoni transfruntiera li tirrikjedi regoli preskrittivi tal-Unjoni.

Emenda 272
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 12a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasferimenti bejn l-IORPs awtorizzati fl-istess Stat Membru tat-totalità jew ta' parti mill-obbligazzjonijiet, il-provvedimenti tekniċi, u l-obbligi u d-drittijiet l-oħra ta' skema ta' pensjoni, u l-assi korrispondenti jew l-ekwivalenti fi flus kontanti tagħhom,	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasferimenti ***kollettivi*** bejn l-IORPs awtorizzati fl-istess Stat Membru tat-totalità jew ta' parti mill-obbligazzjonijiet, il-provvedimenti tekniċi, u l-obbligi u d-drittijiet l-oħra ta' skema ta' pensjoni, u l-assi korrispondenti jew l-ekwivalenti fi flus

ikunu rregolati minn proċeduri sempliċi u trasparenti li jiżguraw il-protezzjoni tal-membri u l-benefiċjarji u t-tkomplija ta' ġestjoni tajba tal-iskemi ta' pensjoni kkonċernati.	kontanti tagħhom, ikunu rregolati minn proċeduri sempliċi u trasparenti li jiżguraw il-protezzjoni tal-membri u l-benefiċjarji u t-tkomplija ta' ġestjoni tajba tal-iskemi ta' pensjoni kkonċernati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiċċara li l-Artikolu 12a japplika biss għal trasferimenti domestiċi kollettivi bejn l-IORPs. It-trasferimenti individwali mibdija mill-membri jew mill-benefiċjarji għandhom jibqgħu rregolati mil-liġi nazzjonali, peress li l-applikazzjoni ta' approvazzjoni superviżorja minn qabel għal tali trasferimenti tkun sproporzjonata u ta' piż amministrattiv.

Emenda 273
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 12a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sabiex jiġi evitat kull dubju, dan l-Artikolu ma għandux japplika għal trasferimenti individwali ta' drittijiet tal-pensjoni jew kapital tal-pensjoni akkumulati mwettqa fuq talba ta' membri jew ta' benefiċjarji individwali skont il-liġi nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiċċara li l-Artikolu 12a japplika biss għal trasferimenti domestiċi kollettivi bejn l-IORPs. It-trasferimenti individwali mibdija mill-membri jew mill-benefiċjarji għandhom jibqgħu rregolati mil-liġi nazzjonali, peress li l-applikazzjoni ta' approvazzjoni superviżorja minn qabel għal tali trasferimenti tkun sproporzjonata u ta' piż amministrattiv.

Emenda 274
Marlena Maląg

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16

Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 12a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat superviżorji xierqa fir-rigward ta' tali trasferimenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORP trasferenti tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji kkonċernati u, fejn applikabbli, tar-rappreżentanti tagħhom, l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tat-trasferiment fil-ħin.

Or. en

Emenda 275
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 12a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti, li għandha tivverifika mill-inqas is-segwenti kollu:	***imħassar***
(a) li l-informazzjoni sottomessa hija kompluta u preċiża;	
(b) li l-istruttura amministrattiva, is-sitwazzjoni finanzjarja, u r-reputazzjoni tajba jew il-kwalifiki u l-esperjenza professjonali tal-persuni li effettivament imexxu l-IORPs ikkonċernati huma kompatibbli mat-trasferiment propost;	
(c) li jkunu protetti b'mod adegwat l-interessi fit-tul tal-membri u tal-benefiċjarji;	
(d) li l-assi li għandhom jiġu ttrasferiti huma suffiċjenti u adegwati biex ikopru l-	

obbligazzjonijiet relatati, il-provvedimenti tekniċi u obbligi u drittijiet oħra.

Or. en

Emenda 276
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jiżgura li l-IORPs li joperaw skemi ta' pensjoni, jekk ***ikunu jipprovdu*** kopertura kontra riskji bijometriċi jew jiggarantixxu prestazzjoni tal-investiment jew inkella livell partikolari ta' benefiċċji, jistabbilixxu provvedimenti tekniċi suffiċjenti fir-rigward tal-firxa totali ta' tali skemi.”;	2. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jiżgura li l-IORPs li joperaw skemi ta' pensjoni ***okkupazzjonali***, jekk ***l-IORP stess, u mhux l-impriża sponsor jew kwalunkwe parti oħra, tissottoskrivi l-obbligazzjoni għal*** kopertura kontra riskji bijometriċi jew jiggarantixxu prestazzjoni tal-investiment jew inkella livell partikolari ta' benefiċċji, jistabbilixxu provvedimenti tekniċi suffiċjenti fir-rigward tal-firxa totali ta' tali skemi.”;

Or. en

Emenda 277
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jiżgura li l-IORPs li joperaw skemi ta' pensjoni, jekk ***ikunu jipprovdu*** kopertura kontra ***riskji bijometriċi*** jew ***jiggarantixxu*** prestazzjoni tal-investiment jew inkella livell partikolari ta' benefiċċji, jistabbilixxu provvedimenti tekniċi	2. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jiżgura li l-IORPs li joperaw skemi ta' pensjoni, jekk ***l-IORP stess, u mhux l-impriża sponsor jew kwalunkwe parti oħra, tissottoskrivi l-obbligazzjoni għal*** kopertura kontra ***riskju bijometriku*** jew ***tiggarantixxi*** prestazzjoni tal-investiment

suffiċjenti fir-rigward tal-firxa totali ta' tali skemi.”;	jew inkella livell partikolari ta' benefiċċji, jistabbilixxu provvedimenti tekniċi suffiċjenti fir-rigward tal-firxa totali ta' tali skemi.”;

Or. en

Emenda 278
Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt a – punt ii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“***Il-perjodu limitat ta' żmien imsemmi fil-kliem introduttorju tal-ewwel subparagrafu*** għandu jiġi ***ddeterminat mil-liġi nazzjonali u fi kwalunkwe każ ma għandux jaqbeż l-10*** snin.”;	“***Finanzjament baxx wisq*** għandu jiġi ***kkoreġut fi żmien massimu ta' 10*** snin.”; ***Il-forniturifi għandhom ikunu meħtieġa jissottomettu rapporti annwali u pjanijiet ta' korrezzjoni ssorveljati mill-awtorità kompetenti, b'mekkaniżmi ta' twissija bikrija u kumpensi awtomatiċi għall-membri affettwati. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-aħjar numru ta' snin, filwaqt li jagħmlu distinzjoni bejn fatturi temporanji u strutturali, u jivvalutaw il-pjan ta' korrezzjoni kif xieraq***;

Or. en

Emenda 279
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt a – punt ii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“Il-perjodu limitat ta' żmien imsemmi fil-kliem introduttorju tal-ewwel subparagrafu għandu jiġi ddeterminat mil-liġi nazzjonali	“Il-perjodu limitat ta' żmien imsemmi fil-kliem introduttorju tal-ewwel subparagrafu għandu jiġi ddeterminat mil-liġi nazzjonali

u fi kwalunkwe każ ma għandux jaqbeż ***l-10 snin***.”;	u fi kwalunkwe każ ma għandux jaqbeż ***is-sentejn***.”;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna nqisu li perjodu ta’ 10 snin li matulu l-provvedimenti tekniċi jistgħu jibqgħu ma jkunux koperti biżżejjed huwa eċċessivament twil u mhux fl-interess tal-membri u l-benefiċjarji. Fil-fehma tagħna, perjodu ta’ bejn sena u sentejn ikun aktar xieraq.

Emenda 280
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt a – punt ii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“Il-perjodu limitat ta’ żmien imsemmi fil-kliem introduttorju tal-ewwel subparagrafu għandu jiġi ddeterminat mil-liġi nazzjonali u fi kwalunkwe każ ma għandux jaqbeż ***l-10 snin***.”;	“Il-perjodu limitat ta’ żmien imsemmi fil-kliem introduttorju tal-ewwel subparagrafu għandu jiġi ddeterminat mil-liġi nazzjonali u fi kwalunkwe każ ma għandux jaqbeż ***is-sentejn***.”;

Or. en

Emenda 281
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt a – punt ii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“Il-perjodu limitat ta’ żmien imsemmi fil-kliem introduttorju tal-ewwel subparagrafu għandu jiġi ddeterminat mil-liġi nazzjonali u fi kwalunkwe każ ma għandux jaqbeż ***l-10 snin.***”;	“Il-perjodu limitat ta’ żmien imsemmi fil-kliem introduttorju tal-ewwel subparagrafu għandu jiġi ddeterminat mil-liġi nazzjonali u fi kwalunkwe każ ma għandux jaqbeż ***sena***”;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Perjodu ta' 10 snin b'kopertura insuffiċjenti għall-provvedimenti tekniċi huwa twil wisq u mhux fl-interess tal-parteċipanti u tal-pensjonanti. Ikun aħjar jekk ikun iqsar.

Emenda 282
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jitħassar il-paragrafu 3;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafu 3 kien jipprovdi protezzjoni addizzjonali għall-membri u l-benefiċjarji f'każ ta' attività transfruntiera. Din għandha tinżamm.

Emenda 283
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jitħassar*** il-paragrafu 3;	(b) il-paragrafu 3 ***huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	"Fil-każ ta' attività transfruntiera, il-provvedimenti tekniċi għandhom f'kull żmien ikunu ffinanzjati kollha kemm huma fir-rigward tal-firxa sħiħa tal-iskemi ta' pensjoni operati. Fil-każ li IORP li twettaq attività transfruntiera tkun f'pożizzjoni li ma jkollhiex biżżejjed assi biex tkopri l-provvedimenti tekniċi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandhom jintervjenu mill-

aktar fis possibbli u jeżiġu li l-IORP immedjatament tfassal miżuri xierqa u timplimentahom mingħajr dewmien b'mod li l-membri u l-benefiċjarji jkunu adegwatament protetti. Fil-każ li IORP tagħmel notifika li titlob permess biex twettaq attività transfruntiera, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ma għandhomx jagħtu dak il-permess jekk, f'dak il-mument, l-IORP ma jkollhiex biżżejjed assi biex tkopri l-provvedimenti tekniċi.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna nopponu t-tħassir tal-paragrafu 3, peress li dan jista' jirriżulta fi protezzjoni mnaqqsa għall-membri u l-benefiċjarji fin-nuqqas ta' salvagwardji addizzjonali.

Emenda 284
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jitħassar*** il-paragrafu 3***;***	(b) il-paragrafu 3 ***huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	"Fil-każ ta' attività transfruntiera, il-provvedimenti tekniċi għandhom f'kull żmien ikunu ffinanzjati kollha kemm huma fir-rigward tal-firxa shiħa tal-iskemi ta' pensjoni operati. Jekk din il-kundizzjoni ma tkunx imħarsa, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tintervjeni mill-aktar fis possibbli u teżiġi li l-IORP immedjatament tfassal miżuri xierqa u timplimentahom mingħajr dewmien b'mod li l-membri u l-benefiċjarji tagħhom ikunu adegwatament protetti."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni li jitħassar dan il-paragrafu mhijiex mixtieqa, peress li dan jista' jwassal għal inqas protezzjoni għall-parteċipanti mingħajr salvagwardji addizzjonali.

Emenda 285
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Fl-Artikolu 15, jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:
	“
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs li jkollhom sostanzjalment aktar assi mill-ammont minimu ta' assi addizzjonali meħtieġ mill-Istat Membru tagħhom ikomplu jissodisfaw l-obbligi tagħhom lejn il-membri u l-benefiċjarji, inkluż fir-rigward tal-impatt ta' għażliet ta' politika bbażati fuq ir-riskju fuq l-objettivi tal-introjtu tal-irtirar tagħhom u fuq benefiċċji adegwati tal-irtirar.
	”

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li huwa essenzjali li l-IORPs ikollhom biżżejjed assi biex dejjem jissodisfaw l-obbligi tagħhom u jibqgħu solventi, jekk ikunu avversi żżejjed għar-riskju dan ukoll jista' jaffettwa l-interess tal-membri u tal-benefiċjarji, pereżempju permezz ta' għażliet magħmula minn IORP li jkollhom impatt fuq il-kapaċità tal-akkwist tal-benefiċjarji (futuri). Dan jista' jinkludi għażliet relatati man-nuqqas ta' indiċjar tal-benefiċċji tal-pensjoni. Peress li l-forniment ta' introjtu adegwat għall-irtirar huwa wkoll obbligu ewlieni tal-IORPs, l-effetti li jirriżultaw jekk ikunu wisq avversi għar-riskju huma rilevanti u għandhom jiġu inklużi fid-Direttiva, mingħajr ma jiġu inklużi rekwiżiti stretti.

Emenda 286
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18b (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(18b) L-Artikolu 15(3) huwa emendat kif ġej:
Il-paragrafu 1, m'għandux iżda, jipprevjeni lill-Istati Membri milli jeżiġu li l-IORPs li jinsabu fit-territorju tagħhom iżommu fondi proprji regolatorji jew milli jippreskrivu regoli aktar dettaljati ***sakemm ikunu*** prudentement iġġustifikati.	Il-paragrafu 1, m'għandux iżda, jipprevjeni lill-Istati Membri milli jeżiġu li l-IORPs li jinsabu fit-territorju tagħhom iżommu fondi proprji regolatorji jew milli jippreskrivu regoli aktar dettaljati ***biss fejn ikunu jistgħu juru li tali miżuri huma strettament meħtieġa, proporzjonati u*** prudentement iġġustifikati.
	L-EIOPA tista', fuq inizjattiva proprja jew fuq talba ta' awtorità kompetenti, toħroġ opinjonijiet mhux vinkolanti dwar jekk il-fondi proprji regolatorji addizzjonali implimentati mill-Istati Membri jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu."

Or. en

(32016L2341)

Emenda 287
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 17 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) fl-Artikolu 17 jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:	***imħassar***
"7. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 64a biex temenda n-numri u l-valuri perċentwali msemmija f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 18.";	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-parametri numeriċi msemmija fl-Artikoli 17 u 18 huma rekwiżiti prudenzjali ewlenin u għandhom jibqgħu soġġetti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja. L-emendi ta' dawn il-valuri jista' jkollhom implikazzjonijiet sinifikanti għall-IORPs, għall-membri u għall-benefiċjarji, u għalhekk ma għandhomx isiru permezz ta' atti delegati.

Emenda 288
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 17 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) fl-Artikolu 17 jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:	***imħassar***
"7. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 64a biex temenda n-numri u l-valuri perċentwali msemmija f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 18.";	

Or. en

Emenda 289
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 17 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) fl-Artikolu 17 jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:	***imħassar***
"7. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 64a biex temenda n-numri u l-	

valuri perċentwali msemmija f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 18.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-limiti tal-marġni ta' solvenza huma parametri leġiżlattivi primarji li jiddefinixxu l-obbligi finanzjarji fundamentali tal-IORPs u l-iskopertura għall-obbligazzjoni tal-impriżi sponsor. Bidla f'dawk il-limiti għandha ssir b'emenda tal-ewwel livell, mhux permezz ta' att delegat.

Emenda 290
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 17 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 64a biex temenda n-numri u l-valuri perċentwali msemmija f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 18.";	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Imħassar b'rabta man-natura ta' armonizzazzjoni minima tad-Direttiva dwar l-IORP.

Emenda 291
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 17 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. ***Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 64a biex temenda n-numri*** u	7. ***In-numri*** u ***l-perċentwali*** f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 18 ***għandhom jiġu emendati, wara li l-Kummissjoni twettaq studju xieraq u komprensiv rilevanti***

l-valuri perċentwali msemmija f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 18.***";***	***bbażat fuq sorsi pubbliċi u akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva, fi żmien 18-ill xahar minn... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Inkella, dan il-paragrafu jista' jitħassar.

Emenda 292
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 18a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meħtieġa sabiex iżżomm is-sitwazzjoni attwali kif inhi.

Emenda 293
Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
2016/2341
Artikolu 17 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 64a biex temenda n-numri u l-valuri perċentwali msemmija f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 18.";	7. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 64a biex temenda n-numri u l-valuri perċentwali msemmija f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 18."; ***Il-marġni ta' solvenza għandhom jiġu stabbiliti fil-meded minimi u massimi pprovduti f'din id-Direttiva. Kwalunkwe emenda permezz ta' atti delegati għandha teħtieġ konsultazzjoni minn qabel mal-EIOPA,***

akkumpanjata minn analiżi tal-impatt. Ir-rieżamijiet għandhom isiru f'intervalli regolari ta' 5 snin.;

Or. en

Emenda 294
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 18a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) [...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 18a japplika xenarji ta' stress għas-solvenza fuq terminu qasir għal istituzzjonijiet b'orizzonti twal ta' investiment u bi xbieki ta' sikurezza nazzjonali eżistenti li diġà jindirizzaw ir-riskji li d-dispożizzjoni għandha l-għan li tkopri. Ix-xenarji preskritti jiskoraġġixxu b'mod attiv l-investiment fl-ekwità u l-investiment illikwidu, għall-kuntrarju tal-objettiv tal-SIU. L-artikolu huwa sproporzjonat u għandu jitħassar.

Emenda 295
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 18a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. es

Emenda 296
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 18a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju għandhom jirrikjedu li l-IORPs li joperaw skemi ta' pensjoni, meta l-IORP innifisha, u mhux l-impriża sponsor, tissottoskrivi l-obbligazzjoni biex tkopri kontra riskju bijometriku, jew tiggarantixxi prestazzjoni ta' investiment partikolari jew livell partikolari ta' benefiċċji, iwettqu test tal-istress ***mill-inqas kull 3 snin*** biex jivvalutaw il-kapaċità tagħhom li jissodisfaw l-obbligi tagħhom lejn il-membri u l-benefiċjarji, inkluż f'xenarji li jirrappreżentaw evoluzzjoni demografika u tas-suq avversa.	L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju għandhom jirrikjedu li l-IORPs li joperaw skemi ta' pensjoni, meta l-IORP innifisha, u mhux l-impriża sponsor, tissottoskrivi l-obbligazzjoni biex tkopri kontra riskju bijometriku, jew tiggarantixxi prestazzjoni ta' investiment partikolari jew livell partikolari ta' benefiċċji, iwettqu test tal-istress ***regolarment*** biex jivvalutaw il-kapaċità tagħhom li jissodisfaw l-obbligi tagħhom lejn il-membri u l-benefiċjarji, inkluż f'xenarji li jirrappreżentaw evoluzzjoni demografika u tas-suq avversa. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu n-natura, ir-riskju, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet ta' IORP meta jiddeterminaw il-firxa, il-livell ta' dettall u l-frekwenza tat-testijiet tal-istress.***

Or. en

Emenda 297
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 18a – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***jistgħu*** jirrikjedu wkoll li l-IORP tivvaluta jekk il-marġni ta' solvenza disponibbli pprojettat tagħha jaqbiżx il-marġni ta' solvenza meħtieġ tagħha, jew, fejn applikabbli, kwalunkwe livell ogħla ta' fondi proprji regolatorji meħtieġ skont il-liġi nazzjonali skont l-Artikolu 15.	L-Istati Membri ***għandhom*** jirrikjedu wkoll li l-IORP tivvaluta jekk il-marġni ta' solvenza disponibbli pprojettat tagħha jaqbiżx il-marġni ta' solvenza meħtieġ tagħha, jew, fejn applikabbli, kwalunkwe livell ogħla ta' fondi proprji regolatorji meħtieġ skont il-liġi nazzjonali skont l-Artikolu 15.

Emenda 298
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 18a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-IORPs għandhom jagħmlu projezzjonijiet, matul l-10 snin finanzjarji li ġejjin mid-data tal-aktar rapporti finanzjarji reċenti, tal-assi u l-obbligazzjonijiet taħt kull wieħed mix-xenarji li ġejjin:	***imħassar***
(a) xenarju ta' referenza li jestendi l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti fid-data tal-aktar rapporti finanzjarji reċenti;	
(b) xenarju avvers ta' tnaqqis relattiv permanenti fir-rati tal-imgħax ta' 40 % jew tnaqqis assolut ta' 0,75 punti perċentwali, skont liema jkun l-aktar sever, mingħajr ma r-rati tal-imgħax jaqgħu taħt iż-0 % jew jaqbżu t-3,5 %;	
(c) xenarju avvers ta' tnaqqis fir-redditi fuq l-investiment fuq assi mhux deprezzabbli bi 30 %;	
(d) tnaqqis fir-rati ta' mortalità tal-membri u tal-benefiċjarji fl-etajiet kollha b'10 %.	
B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-IORPs:	
(a) jagħmlu projezzjonijiet fuq aktar minn 10 snin finanzjarji;	
(b) iwettqu projezzjonijiet f'xenarji avversi li jkunu aktar severi mix-xenarji stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, il-punti (b), (c) jew (d);	
(c) iwettqu projezzjonijiet f'xenarji ta' stress addizzjonali.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Perjodu ta' projezzjoni armonizzat ta' 10 snin diġà jipprovdi valutazzjoni fit-tul impenjattiva. Il-fatt li l-awtoritajiet nazzjonali jitħallew jimponu orizzonti itwal, xenarji aktar severi jew xenarji addizzjonali joħloq rekwiżiti superviżorji miftuħa, inaqqas iċ-ċertezza legali u jimmina l-komparabbiltà.

Emenda 299
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga ***mill-ewwel subparagrafu***, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-IORPs:	B'deroga ***mis-subparagrafi 1 u 2***, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-IORPs:

Or. en

Emenda 300
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jagħmlu projezzjonijiet fuq aktar minn 10 snin finanzjarji;	***imħassar***

Or. en

Emenda 301
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva (UE) 2016/2341

Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) iwettqu projezzjonijiet f'xenarji ta' stress addizzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 302
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	F'każ ta' żieda fil-volatilità tas-suq jew ta' żviluppi eċċezzjonali oħra tas-suq, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-EIOPA, tista' tadotta att delegat biex twettaq il-projezzjoni f'xenarji severi li huma aktar severi mix-xenarji stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, il-punti (b), (c) jew (d).

Or. en

Emenda 303
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 18a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. It-testijiet tal-istress meħtieġa skont din id-Direttiva għandhom ikunu limitati għas-suq finanzjarjament materjali, ir-rata tal-imgħax, l-investiment, il-longevità, il-mortalità u r-riskji demografiċi. L-Istati Membri u l-

awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jirrikjedu lill-IORPs iwettqu xenarji ta' testijiet tal-istress relatati mat-tibdil fil-klima, mal-ambjent, mal-politika ta' tranżizzjoni jew ma' xenarji oħra ta' testijiet tal-istress relatati mal-ambjent.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ittestjar tal-istress tal-IORP għandu jiffoka fuq ir-riskji direttament rilevanti għall-kapaċità tal-istituzzjoni li tissodisfa l-obbligazzjonijiet tal-pensjoni. Ix-xenarji tal-politika dwar il-klima huma spekulattivi, politikament dipendenti u mhux adattati bħala parametri prudenzjali obbligatorji għall-iskemi tal-pensjonijiet fit-tul.

Emenda 304
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 18a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta r-riżultati tat-test tal-istress imsemmi fil-paragrafu 1 jindikaw li, taħt kwalunkwe wieħed mix-xenarji msemmija fil-paragrafu 2, IORP jew ma jkollhiex biżżejjed assi biex tkopri l-provvedimenti tekniċi jew, fejn applikabbli, ikollha marġni ta' solvenza disponibbli insuffiċjenti biex tissodisfa l-marġni ta' solvenza meħtieġ jew kwalunkwe livell ogħla ta' fondi proprji regolatorji meħtieġa skont il-liġi nazzjonali skont l-Artikolu 15 għal kwalunkwe sena projettata, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti titlob lill-IORP tissottometti pjan ta' konverġenza.	Meta r-riżultati tat-test tal-istress imsemmi fil-paragrafu 1 jindikaw li, taħt kwalunkwe wieħed mix-xenarji msemmija fil-paragrafu 2, ***il-punti (a), (b) jew (c), hemm riskju materjali li*** IORP jew ma jkollhiex biżżejjed assi biex tkopri l-provvedimenti tekniċi jew, fejn applikabbli, ikollha marġni ta' solvenza disponibbli insuffiċjenti biex tissodisfa l-marġni ta' solvenza meħtieġ jew kwalunkwe livell ogħla ta' fondi proprji regolatorji meħtieġa skont il-liġi nazzjonali skont l-Artikolu 15 għal kwalunkwe sena projettata, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti ***tista'*** titlob lill-IORP tissottometti pjan ta' konverġenza ***proporzjonat***. ***Meta r-riżultati tax-xenarju msemmi fil-paragrafu 2, il-punt (d), jindikaw riskju materjali, l-awtorità kompetenti tista' titlob lill-IORP tivvaluta u tindirizza dak ir-riskju permezz tal-arranġamenti eżistenti tagħha għall-***

	ġestjoni tar-riskju jew għall-irkupru. Dawn ir-riżultati ma għandhomx, fihom infushom, jeħtieġu s-sottomissjoni ta' pjan ta' konverġenza jew żieda immedjata fil-marġni ta' solvenza disponibbli.

Or. en

Emenda 305
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 18a – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORP tippreżenta l-pjan ta' konverġenza lill-awtorità kompetenti ***fi żmien 3 xhur*** mid-data tat-twettiq tat-test tal-istress.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORP tippreżenta l-pjan ta' konverġenza lill-awtorità kompetenti ***f'perjodu ta' żmien speċifiku*** mid-data tat-twettiq tat-test tal-istress.

Or. en

Emenda 306
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 18a – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta ma jiġi ppreżentat l-ebda pjan ta' konverġenza ***fi żmien 3 xhur***, jew meta l-pjan ta' konverġenza ma jkunx fih azzjonijiet kredibbli biex jiġi indirizzat is-sottofinanzjament identifikat jew, fejn applikabbli, il-livell insuffiċjenti tal-marġni ta' solvenza disponibbli fit-test tal-istress, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa	Meta ma jiġi ppreżentat l-ebda pjan ta' konverġenza ***f'perjodu ta' żmien speċifiku***, jew meta l-pjan ta' konverġenza ma jkunx fih azzjonijiet kredibbli biex jiġi indirizzat is-sottofinanzjament identifikat jew, fejn applikabbli, il-livell insuffiċjenti tal-marġni ta' solvenza disponibbli fit-test tal-istress, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa

li jirrikjedu li l-IORP ikollha marġni ta' solvenza disponibbli ogħla.	li jirrikjedu li l-IORP ikollha marġni ta' solvenza disponibbli ogħla.

Or. en

Emenda 307
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 18a – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta r-riżultati tat-test tal-istress imsemmi fil-paragrafu 1 jindikaw li, fix-xenarji msemmija fil-paragrafu 2, IORP ikollha, għal kwalunkwe sena proġettata, assi li jkunu sostanzjalment aktar milli biżżejjed biex ikopru l-provvedimenti tekniċi tagħha jew, fejn applikabbli, ikollha marġni ta' solvenza disponibbli li jkun sostanzjalment aktar milli biżżejjed biex ikollha l-marġni ta' solvenza meħtieġ jew kwalunkwe livell ogħla ta' fondi proprji regolatorji meħtieġa skont il-liġi nazzjonali skont l-Artikolu 15, l-Istati Membri għandhom jitolbu lill-IORP tipprovdi spjegazzjoni dettaljata ta' kif se tkompli tissodisfa l-obbligi tagħha lejn il-membri u l-benefiċjarji, u tal-impatt tal-għażliet ta' politika fuq l-objettivi tal-introjtu tal-irtirar tagħha u l-forniment ta' introjtu tal-irtirar adegwat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

While it is essential that IORPs hold enough assets to always meet their obligations and stay solvent, being overly risk-averse could also affect the interest of members and beneficiaries, for example through choices made by an IORP that impact the purchasing power of (future) beneficiaries. This can include choices related to non-indexation of pension benefits. Since providing adequate retirement income also is a key obligation of IORPs, the effects of being overly risk-averse are relevant and should be included in the Directive. The stress tests under this new Article could be a useful way to also measure whether an IORP is overly risk-averse.

Emenda 308
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 18a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafi 1 sa 3 meta jirrikjedu li l-IORPs li jinsabu fit-territorju tagħhom iżommu fondi proprji regolatorji, li jaqbżu l-marġni ta' solvenza meħtieġ imsemmi fl-Artikolu 17, dment li tali rekwiżiti dwar il-fondi proprji regolatorji jkunu bbażati fuq ir-riskju, tal-anqas fir-rigward tar-riskji tas-suq u tal-lonġevità.";	***imħassar***

Or. en

Emenda 309
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 18a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafi 1 sa 3 meta jirrikjedu li l-IORPs li jinsabu fit-territorju tagħhom iżommu fondi proprji regolatorji, li jaqbżu l-marġni ta' solvenza meħtieġ imsemmi fl-Artikolu 17, dment li tali rekwiżiti dwar il-fondi proprji regolatorji jkunu bbażati fuq ir-riskju, tal-anqas fir-rigward tar-riskji tas-suq u tal-lonġevità.";	5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafi 1 sa 3 meta jirrikjedu li l-IORPs li jinsabu fit-territorju tagħhom iżommu fondi proprji regolatorji, li jaqbżu l-marġni ta' solvenza meħtieġ imsemmi fl-Artikolu 17, dment li tali rekwiżiti dwar il-fondi proprji regolatorji jkunu bbażati fuq ir-riskju, tal-anqas fir-rigward tar-riskji tas-suq u tal-lonġevità***, jew meta diġà jkun hemm regoli nazzjonali ekwivalenti li jirrikjedu li l-IORPs jivvalutaw u jimmaniġġjaw ir-riskji rilevanti permezz ta' rekwiżiti ta'***

	solvenza, governanza u valutazzjoni tar-riskju proprju bbażati fuq ir-riskju, inkluża valutazzjoni tar-riskju proprju u tas-solvenza, sabiex jiġu evitati rekwiżiti duplikati u sproporzjonati.”;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżiti fl-Artikolu 18a għandhom jiġu applikati b’mod proporzjonat u ma għandhomx jiskattaw awtomatikament rekwiżiti kapitali addizzjonali jew pjanijiet ta’ konverġenza fejn ir-riskji jistgħu jiġu indirizzati b’mod adegwat permezz ta’ arranġamenti eżistenti ta’ ġestjoni tar-riskju, governanza jew irkupru. Din l-emenda tevita rekwiżiti duplikati filwaqt li tippreserva l-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jaġixxu fejn jiġu identifikati riskji materjali.

Emenda 310
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punti a sa d
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1, paragrafu 1a sa 1d, paragrafi 6 sa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 311
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu l-IORPs awtorizzati fit-territorju tagħhom jinvestu f’konformità mal-prinċipju tal-‘persuna prudenti’ u b’mod partikolari f’konformità mar-regoli li ġejjin:”;	1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu l-IORPs awtorizzati ***jew irreġistrati*** fit-territorju tagħhom jinvestu f’konformità mal-prinċipju tal-‘persuna prudenti’ u

b'mod partikolari f'konformità mar-regoli li ġejjin:";

Or. en

Emenda 312
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a – punt aa (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) il-punt (a) huwa emendat b'dan li ġej:
(a) l-assi kollha għandhom ikunu investiti fl-aħjar interessi fit-tul tal-membri u tal-benefiċjarji kollha kemm huma; Fil-każ ta' kunflitt ta' interessi potenzjali, l-IORP, jew l-entità li timmaniġġja l-portafoll tagħha, għandha tiżgura li l-investiment isir fl-interess uniku tal-membri u l-benefiċjarji;	(a) l-assi kollha għandhom ikunu investiti fl-aħjar interessi fit-tul tal-membri u tal-benefiċjarji kollha kemm huma***, inkluż billi jiġu pprovduti redditi fit-tul adegwati u kosteffiċjenti u billi jiġu ssalvagwardjati l-obbligi fit-tul ta' IORP***. Fil-każ ta' kunflitt ta' interessi potenzjali, l-IORP, jew l-entità li timmaniġġja l-portafoll tagħha, għandha tiżgura li l-investiment isir fl-interess uniku tal-membri u l-benefiċjarji;"

Or. en

(32016L2341)

Emenda 313
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a – punt aa (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(a) l-assi kollha għandhom ikunu investiti fl-aħjar interessi fit-tul tal-membri u tal-benefiċjarji kollha kemm huma. Fil-każ ta' kunflitt ta' interessi potenzjali, l-IORP, jew l-entità li timmaniġġja l-portafoll tagħha, għandha tiżgura li l-investiment isir fl-interess uniku tal-membri u l-benefiċjarji;	(a) l-assi kollha għandhom ikunu investiti fl-aħjar interessi fit-tul tal-membri u tal-benefiċjarji kollha kemm huma. Fil-każ ta' kunflitt ta' interessi potenzjali, l-IORP, jew l-entità li timmaniġġja l-portafoll tagħha, għandha tiżgura li l-investiment isir fl-interess uniku tal-membri u l-benefiċjarji; ***mill-inqas kull 3 snin, l-IORPs għandhom iwettqu valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-irtirar tal-membri u tal-benefiċjarji tagħhom, inklużi, fost l-oħrajn, ir-rati ta' sostituzzjoni fil-mira, ir-rati ta' redditu mistennija u l-ħtiġijiet tal-likwidità. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, l-IORPs għandhom jikkonfermaw jew, fejn xieraq, jirrevedu l-allokazzjoni tal-assi tagħhom sabiex jiżguraw il-konsistenza kontinwa tagħha mal-karatteristiċi u l-ħtiġijiet tal-membri u l-benefiċjarji tagħhom;***"

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02016L2341-20250117&qid=1782305062370)

Emenda 314
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a – punt ab (ġdid)
Direttiva 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punti aa sa ad (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) fl-Artikolu 19(1), jiddaħħlu l-punti li ġejjin:
	"(aa) il-bidliet fl-istrateġiji pluriennali ta' investiment għandhom jiġu approvati mill-bord jew minn korpi governattivi oħra li fihom il-membri u l-benefiċjarji tal-istituzzjonijiet statutorji tal-pensjoni okkupazzjonali, inklużi l-IORPs għal dawk li jaħdmu għal rashom, ikunu rappreżentati, direttament jew permezz ta' rappreżentanti eletti jew maħtura mis-sħab soċjali;

(ab) L-IORPs għandhom jiddeterminaw il-preferenzi ta' investiment tal-membri u tal-benefiċjarji, inklużi l-preferenzi ta' sostenibbiltà, u jinfurmaw lill-membri u lill-benefiċjarji dwar linji ta' investiment ewlenin, inklużi dawk li jinvolvu l-kriterji ESG;

(ac) l-IORPs għandhom jiżguraw li l-għażla tal-maniġers tal-investiment u tal-mandati ta' investiment tqis ir-regola tal-persuna prudenti, l-interessi tal-membri u tal-benefiċjarji, u r-riskji potenzjali għas-sostenibbiltà;

(ad) l-IORPs għandhom jevitaw l-esponiment għar-riskju għal assi alternattivi inklużi, iżda mhux limitati għal, l-ekwità privata, il-kapital ta' riskju u s-swieq tal-infrastruttura.";

Or. en

Emenda 315
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***fi ħdan il-prinċipju tal-persuna prudenti, l-IORPs*** għandhom ***iqisu r-riskji għas-sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (22), tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom u għal dak l-għan l-IORPs għandhom iqisu l-impatt potenzjali fit-tul tal-istrateġija ta' investiment tagħhom u d-deċiżjonijiet dwar il-fatturi ta' sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2019/2088. Dak għandu jsir b'mod proporzjonat, b'kont meħud tan-natura, tal-iskala u tal-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs.";***	(b) ***l-assi*** għandhom ***jiġu investiti esklużivament fl-aħjar interessi fit-tul tal-membri u tal-benefiċjarji, wara li jikkunsidraw is-sigurtà, il-kwalità, il-likwidità, il-profittabbiltà, id-diversifikazzjoni u n-natura u d-durata tal-obbligazzjonijiet.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kunsiderazzjoni obbligatorja proposta tal-fatturi tas-sostenibbiltà għandha tiġi sostitwita bi dmir fiduċjarju mhux ambigwu. It-test ċentrali jrid ikun jekk l-investiment jaqdix l-interessi finanzjarji fit-tul ta' dawk li jfaddlu għall-pensjoni.

Emenda 316
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fi ħdan il-prinċipju tal-persuna prudenti, l-IORPs għandhom ***iqisu r-riskji għas-sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (22), tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* fid-deċiżjonijiet*** ta' investiment tagħhom ***u għal dak l-għan l-IORPs għandhom iqisu l-impatt potenzjali fit-tul tal-istrateġija ta' investiment tagħhom u d-deċiżjonijiet dwar il-fatturi ta' sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2019/2088. Dak għandu jsir b'mod proporzjonat***, b'kont meħud ***tan-natura, tal-iskala u tal-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs."***;	(b) fi ħdan il-prinċipju tal-persuna prudenti, l-IORPs għandhom ***jibbażaw id-deċiżjonijiet*** ta' investiment tagħhom ***strettament fuq il-valutazzjoni tar-riskji finanzjarji u l-objettiv li jimmassimizzaw ir-redditi fit-tul aġġustati għar-riskju***, b'kont meħud ***taċ-ċiklu tal-ħajja u l-profil tar-riskju differenzjat skont l-età tal-membri u l-benefiċjarji***;

Or. en

Emenda 317
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a – punt b
Direttiva 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) fi ħdan il-prinċipju tal-persuna prudenti, l-IORPs għandhom iqisu ***r-riskji għas-sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (22), tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom u għal dak l-għan l-IORPs għandhom iqisu*** l-impatt potenzjali fit-tul ***tal-istrateġija*** ta' investiment tagħhom ***u d-deċiżjonijiet dwar il-fatturi ta' sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2019/2088***. Dak għandu jsir b'mod proporzjonat, b'kont meħud tan-natura, tal-iskala u tal-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs***."***;	(b) fi ħdan il-prinċipju tal-persuna prudenti, l-IORPs għandhom iqisu l-impatt potenzjali fit-tul ***tad-deċiżjonijiet ta' investiment fuq il-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza, b'mod partikolari l-impatti negattivi fuq is-sostenibbiltà, u r-riskji għas-sostenibbiltà fid-deċiżjonijiet*** ta' investiment tagħhom. Dak għandu jsir b'mod proporzjonat, b'kont meħud tan-natura, tal-iskala u tal-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs;

Or. en

Emenda 318
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt B

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) fi ħdan il-prinċipju tal-persuna prudenti, l-IORPs għandhom iqisu r-riskji għas-sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (22), tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom ***u għal dak l-għan l-IORPs għandhom iqisu l-impatt potenzjali*** fit-tul ***tal-istrateġija ta' investiment tagħhom u d-deċiżjonijiet dwar il-fatturi ta' sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2019/2088***. Dak għandu jsir b'mod proporzjonat, b'kont meħud tan-natura, tal-iskala u tal-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs.";	b) fi ħdan il-prinċipju tal-persuna prudenti, l-IORPs għandhom iqisu r-riskji għas-sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (22), tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom ***meta dawk ir-riskji jkunu materjali finanzjarjament għall-valur tal-assi tagħhom, għan-natura u għat-tul tal-obbligazzjonijiet tagħhom, u għall-interessi*** fit-tul ***tal-membri u tal-benefiċjarji. Dawk ir-riskji jistgħu jinkludu, fejn xieraq, ir-riskju ta' deprezzament tal-assi li jirriżulta minn bidliet regolatorji jew bidliet oħra fis-suq relatati mas-sostenibbiltà***. Dak għandu jsir b'mod proporzjonat, b'kont meħud tan-

natura, tal-iskala u tal-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs.;

Or. es

Emenda 319
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fi ħdan il-prinċipju tal-persuna prudenti, l-IORPs għandhom iqisu r-riskji għas-sostenibbiltà***, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (22), tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[*] fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom u għal dak l-għan l-IORPs għandhom iqisu l-impatt potenzjali fit-tul tal-istrateġija ta' investiment tagħhom u d-deċiżjonijiet dwar il-fatturi ta' sostenibbiltà***, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2019/2088***. Dak għandu jsir b'mod proporzjonat, b'kont meħud tan-natura, tal-iskala u tal-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs.”;	(b) fi ħdan il-prinċipju tal-persuna prudenti, l-IORPs għandhom iqisu r-riskji għas-sostenibbiltà ***sistematiċi, kumplessi u fit-tul kif ukoll l-effetti komposti tagħhom*** fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom u għal dak l-għan l-IORPs għandhom iqisu l-impatt potenzjali fit-tul tal-istrateġija ta' investiment tagħhom u d-deċiżjonijiet dwar il-fatturi ta' sostenibbiltà ***bbażati fuq ix-xjenza***. Dak għandu jsir b'mod proporzjonat, b'kont meħud tan-natura, tal-iskala u tal-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs.”;

Or. en

Emenda 320
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fi ħdan il-prinċipju tal-persuna prudenti, l-IORPs għandhom iqisu ***r-riskji***	(b) ***(a)*** fi ħdan il-prinċipju tal-persuna prudenti, l-IORPs għandhom iqisu ***l-impatt***

għas-sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (22), tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*] fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom u għal dak l-għan l-IORPs għandhom iqisu l-impatt potenzjali fit-tul tal-istrateġija ta' investiment tagħhom u d-deċiżjonijiet dwar il-fatturi ***ta' sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2019/2088***. Dak għandu jsir b'mod proporzjonat, b'kont meħud tan-natura, tal-iskala u tal-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs.***";***

fuq is-sostenibbiltà fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom u għal dak l-għan l-IORPs għandhom iqisu l-impatt potenzjali fit-tul tal-istrateġija ta' investiment tagħhom u d-deċiżjonijiet dwar il-fatturi ***ambjentali, soċjali u ta' governanza***. Dak għandu jsir b'mod proporzjonat, b'kont meħud tan-natura, ***tar-riskju,*** tal-iskala u tal-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs. ***Ir-riskju u l-fatturi tas-sostenibbiltà jistgħu jiġu applikati kif definiti fir-Regolament (UE) 2019/2088.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

As the SFDR is currently being reviewed, it would be risky to completely link the concepts of sustainability risk and sustainability factors to this regulation without knowing the final outcome. In addition, IORPs are not ordinary financial market participants as intended under the SFDR, offering financial products to investors. The members of an IORP in many cases do not have a choice, for example in the case of auto-enrollment, and IORPs work on the basis of social dialogue and collective bargaining. Applying the SFDR definitions should therefore be a choice for IORPs and not an obligation.

Emenda 321
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fi ħdan il-prinċipju tal-persuna prudenti, l-IORPs għandhom iqisu r-riskji għas-sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (22), tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*] fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom ***u għal dak l-għan l-IORPs għandhom iqisu l-impatt potenzjali fit-tul tal-istrateġija ta' investiment tagħhom u d-deċiżjonijiet dwar il-fatturi ta' sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-***	(b) fi ħdan il-prinċipju tal-persuna prudenti, l-IORPs għandhom iqisu r-riskji għas-sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (22), tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom. Dak għandu jsir b'mod proporzjonat, b'kont meħud tan-natura, tal-iskala u tal-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs."; ***L-Istati Membri ma għandhomx jimponu fuq l-IORPs rekwiżiti relatati***

punt (24), tar-Regolament (UE) 2019/2088. Dak għandu jsir b'mod proporzjonat, b'kont meħud tan-natura, tal-iskala u tal-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs.”;	***mas-sostenibbiltà fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' investiment li jmorru lil hinn minn dawk applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni għal parteċipanti oħra fis-swieq finanzjarji ta' daqs u profil tar-riskju komparabbli***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-regoli dwar l-investiment prudenzjali għandhom jindirizzaw ir-riskji għas-sostenibbiltà li huma finanzjarjament materjali għall-iskema. Obbligu ġenerali li jiġi vvalutat l-impatt tad-deċiżjonijiet ta' investiment fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà huwa sproporzjonat għall-IORPs żgħar. Il-klawżola tal-kundizzjonijiet ekwi tipprevjeni r-regolamentazzjoni żejda li toħloq distorsjoni fis-suq intern.

Emenda 322
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a – punt ba (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) L-IORPs b'assi mmaniġġjati li jaqbżu l-EUR 1 biljun għandhom jallokaw mill-inqas 2 % tal-assi tagħhom f'kapital ta' riskju, f'konformità mal-prinċipju tal-“persuna prudenti” u fl-interessi tal-membri u tal-benefiċjarji tagħhom.

Or. en

Emenda 323
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a – punt c
Direttiva 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-assi għandhom ***predominantement*** ikunu investiti ***fi swieq regolati, MTFs jew OTFs;";***	(d) L-assi għandhom ikunu investiti ***b'mod diversifikat, bil-profil tal-likwidità tal-assi kkunsidrati fir-rigward tal-portafoll ġenerali tal-IORP.***

Or. en

Emenda 324
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1b. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-assi miżmuma biex ikopru l-provvedimenti tekniċi wkoll jiġu investiti b'manjiera adegwata għan-natura u d-durata tal-obbligazzjonijiet li tidħol għalihom l-IORP.	1b. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-assi miżmuma biex ikopru l-provvedimenti tekniċi wkoll jiġu investiti b'manjiera ***diversifikata*** adegwata għan-natura u d-durata tal-obbligazzjonijiet li tidħol għalihom l-IORP.

Or. en

Emenda 325
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – 1c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1c. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li d-deċiżjonijiet ta' investiment tal-IORPs jirriflettu l-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-membri u tal-benefiċjarji, meta l-IORPs ikunu kapaċi jistmaw dawk il-preferenzi ta' sħubija u sa fejn dawk il-preferenzi jkunu konsistenti mal-prinċipji ta' investiment stabbiliti fil-paragrafu 1.	***imħassar***

Or. es

Emenda 326
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1c. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li d-deċiżjonijiet ta' investiment tal-IORPs jirriflettu l-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-membri u tal-benefiċjarji, meta l-IORPs ikunu kapaċi jistmaw dawk il-preferenzi ta' sħubija u sa fejn dawk il-preferenzi jkunu konsistenti mal-prinċipji ta' investiment stabbiliti fil-paragrafu 1.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit għall-Istati Membri li jiżguraw li d-deċiżjonijiet ta' investiment tal-IORPs jirriflettu l-preferenzi tas-sostenibbiltà tal-membri u tal-benefiċjarji mhuwiex realistiku.

Emenda 327
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1c. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li d-deċiżjonijiet ta' investiment tal-IORPs jirriflettu l-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-membri u tal-benefiċjarji, meta l-IORPs ikunu kapaċi jistmaw dawk il-preferenzi ta' sħubija u sa fejn dawk il-	***imħassar***

preferenzi jkunu konsistenti mal-prinċipji ta' investiment stabbiliti fil-paragrafu 1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafi 1c u 1d jittrasferixxu l-qafas ta' adegwatezza individwali tal-MiFID II f'kuntest kollettiv ta' pensjoni okkupazzjonali fejn l-eliċitazzjoni tal-preferenzi individwali ma tkunx operazzjonalment fattibbli. Ir-riflessjoni tal-preferenzi tal-membri diżaggregati fi ħdan l-iskemi ta' benefiċċju definit (DB) kollettivi tmur kontra l-istruttura fundamentali tagħhom. Id-definizzjonijiet jagħmlu kontroreferenza għad-dispożizzjonijiet tal-SFDR li bħalissa qed jiġu riveduti, u joħolqu inċertezza legali.

Emenda 328
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1c. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li d-deċiżjonijiet ta' investiment tal-IORPs jirriflettu l-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-membri u tal-benefiċjarji, meta l-IORPs ikunu kapaċi jistmaw dawk il-preferenzi ta' sħubija u sa fejn dawk il-preferenzi jkunu konsistenti mal-prinċipji ta' investiment stabbiliti fil-paragrafu 1.	***imħassar***

Or. en

Emenda 329
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1c. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li ***d-deċiżjonijiet ta' investiment tal-IORPs jirriflettu l-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-membri u tal-benefiċjarji, meta l-IORPs ikunu kapaċi jistmaw dawk il-preferenzi ta' sħubija u sa fejn dawk il-preferenzi jkunu konsistenti mal-prinċipji*** ta' investiment ***stabbiliti fil-paragrafu 1***.	1c. ***Meta IORP tinvesti, jew tipproponi li tinvesti, f'assi kkummerċjalizzati, ittikkettati jew ikklassifikati bħala li jsegwu objettivi ambjentali,*** l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li ***l-IORP tistħarreġ kull wieħed mill-membri u l-benefiċjarji individwali tagħha mill-inqas kull 3 snin u qabel kwalunkwe bidla materjali fil-politika*** ta' investiment ***rilevanti. L-istħarriġ għandu jistaqsi lill-membri u lill-benefiċjarji:*** ***(a) jekk jippreferux li l-IORP tagħmel aktar, inqas jew l-istess ammont ta' investimenti bħal dawn; u*** ***(b) x'perċentwal minimu u massimu tal-portafoll rilevanti jista' jiġi allokat għal investimenti bħal dawn***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma l-parteċipanti, pjuttost milli r-regolaturi jew il-maniġers tal-IORP, li għandhom jiddeterminaw jekk it-tfaddil għall-pensjoni tagħhom jistax jintuża għal investimenti ekoloġiċi u l-allokazzjoni massima permissibbli. L-approċċ jirrispetta l-għażla tal-parteċipanti mingħajr ma joħloq kwota obbligatorja ta' investiment ekoloġiku.

Emenda 330
Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1c. ***L-Istati Membri*** għandhom ***jirrikjedu li d-deċiżjonijiet ta' investiment tal-IORPs*** jirriflettu l-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-membri u tal-benefiċjarji***, meta l-IORPs ikunu kapaċi jistmaw dawk il-preferenzi ta' sħubija u sa fejn dawk il-preferenzi jkunu*** konsistenti mal-prinċipji ta' investiment stabbiliti fil-paragrafu 1.	1c. ***Il-fornituri*** għandhom jirriflettu l-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-membri u tal-benefiċjarji***fl-istrateġiji ta' investiment tagħhom, f'konformità mal-istandards stabbiliti mill-Unjoni Ewropea u b'mod*** konsistenti mal-prinċipji ta' investiment stabbiliti fil-paragrafu 1***, sabiex jiġu evitati l-prattiki tal-greenwashing u biex tiġi ggarantita t-trasparenza tal-informazzjoni pprovduta lill-membri u lill-benefiċjarji***.

Or. en

Emenda 331
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1c. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li d-deċiżjonijiet ta' investiment tal-IORPs jirriflettu ***l-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-membri u tal-benefiċjarji, meta l-IORPs ikunu kapaċi jistmaw dawk il-preferenzi ta' sħubija u sa fejn dawk il-preferenzi jkunu konsistenti mal-prinċipji ta' investiment stabbiliti fil-paragrafu 1***.	1c. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li d-deċiżjonijiet ta' investiment tal-IORPs jirriflettu ***l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" kif ukoll diversi tipi differenti ta' riskji, inklużi r-riskji sistematiċi, kumplessi u fit-tul għas-sostenibbiltà kif ukoll l-effett kompost tagħhom***.

Or. en

Emenda 332
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1c. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li d-deċiżjonijiet ta' investiment tal-IORPs jirriflettu l-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-membri u tal-benefiċjarji, meta l-IORPs ikunu kapaċi jistmaw dawk il-preferenzi ta' sħubija u sa fejn dawk il-preferenzi jkunu konsistenti mal-prinċipji ta' investiment stabbiliti fil-paragrafu 1.	1c. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li d-deċiżjonijiet ta' investiment tal-IORPs jirriflettu l-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-membri u tal-benefiċjarji, meta l-IORPs ikunu kapaċi jistmaw dawk il-preferenzi ta' sħubija u sa fejn dawk il-preferenzi jkunu konsistenti mal-prinċipji ta' investiment stabbiliti fil-paragrafu 1. ***L-IORPs għandhom ikunu liberi li jiddeterminaw kif dawn il-preferenzi jistgħu jitkejlu bl-aħjar mod, inkluż permezz ta' stħarriġ jew il-parteċipazzjoni***

ta' membri u benefiċjarji fi strutturi speċifiċi ta' governanza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-IORPs għandhom jibqgħu liberi li jiddeċiedu kif ikejlu l-preferenzi ta' sostenibbiltà, peress li dan mhuwiex f'kull każ dwar għażliet ta' investiment individwali (jista' jkun ukoll kollettiv).

Emenda 333
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – 1d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1d. Għall-finijiet tal-paragrafu 1c, il-preferenzi ta' sostenibbiltà għandhom ifissru d-deċiżjoni ta' membru, benefiċjarju, jew membru prospettiv dwar jekk u, jekk iva, sa liema punt, wieħed jew aktar mill-istrumenti finanzjarji li ġejjin għandhom jiġu integrati fl-investiment tiegħu jew tagħha:	***imħassar***
(a) strument finanzjarju li għalih il-konsumatur jew il-konsumatur potenzjali jiddetermina li proporzjon minimu għandu jiġi investit f'investimenti ambjentalment sostenibbli kif definit fl-Artikolu 2, punt (1), tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;	
(b) strument finanzjarju li għalih il-konsumatur jew il-konsumatur potenzjali jiddetermina li proporzjon minu għandu jiġi investit f'investimenti sostenibbli kif definit fl-Artikolu 2, punt (17), tar-Regolament (UE) 2019/2088;	
(c) strument finanzjarju li jqis l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2019/2088, meta l-klijent jew il-klijent	

potenzjali jiddetermina l-elementi kwalitattivi jew kwantitattivi li juru li l-kunsiderazzjoni.”;

Or. es

Emenda 334
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1d. Għall-finijiet tal-paragrafu 1c, il-preferenzi ta' sostenibbiltà għandhom ifissru d-deċiżjoni ta' membru, benefiċjarju, jew membru prospettiv dwar jekk u, jekk iva, sa liema punt, wieħed jew aktar mill-istrumenti finanzjarji li ġejjin għandhom jiġu integrati fl-investiment tiegħu jew tagħha:	***imħassar***
(a) strument finanzjarju li għalih il-konsumatur jew il-konsumatur potenzjali jiddetermina li proporzjon minimu għandu jiġi investit f'investimenti ambjentalment sostenibbli kif definit fl-Artikolu 2, punt (1), tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[**];	
(b) strument finanzjarju li għalih il-konsumatur jew il-konsumatur potenzjali jiddetermina li proporzjon minu għandu jiġi investit f'investimenti sostenibbli kif definit fl-Artikolu 2, punt (17), tar-Regolament (UE) 2019/2088;	
(c) strument finanzjarju li jqis l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2019/2088, meta l-klijent jew il-klijent potenzjali jiddetermina l-elementi kwalitattivi jew kwantitattivi li juru li l-kunsiderazzjoni.”;	

Or. en

Emenda 335
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1d. Għall-finijiet tal-paragrafu 1c, il-preferenzi ta' sostenibbiltà għandhom ifissru d-deċiżjoni ta' membru, benefiċjarju, jew membru prospettiv dwar jekk u, jekk iva, sa liema punt, wieħed jew aktar mill-istrumenti finanzjarji li ġejjin għandhom jiġu integrati fl-investiment tiegħu jew tagħha:	***imħassar***
(a) strument finanzjarju li għalih il-konsumatur jew il-konsumatur potenzjali jiddetermina li proporzjon minimu għandu jiġi investit f'investimenti ambjentalment sostenibbli kif definit fl-Artikolu 2, punt (1), tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*]*;	
(b) strument finanzjarju li għalih il-konsumatur jew il-konsumatur potenzjali jiddetermina li proporzjon minu għandu jiġi investit f'investimenti sostenibbli kif definit fl-Artikolu 2, punt (17), tar-Regolament (UE) 2019/2088;	
(c) strument finanzjarju li jqis l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2019/2088, meta l-klijent jew il-klijent potenzjali jiddetermina l-elementi kwalitattivi jew kwantitattivi li juru li l-kunsiderazzjoni.";	

Or. en

Emenda 336
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1d. Għall-finijiet tal-paragrafu 1c, il-preferenzi ta' sostenibbiltà għandhom ifissru d-deċiżjoni ta' membru, benefiċjarju, jew membru prospettiv dwar jekk u, jekk iva, sa liema punt, wieħed jew aktar mill-istrumenti finanzjarji li ġejjin għandhom jiġu integrati fl-investiment tiegħu jew tagħha:	***imħassar***
(a) strument finanzjarju li għalih il-konsumatur jew il-konsumatur potenzjali jiddetermina li proporzjon minimu għandu jiġi investit f'investimenti ambjentalment sostenibbli kif definit fl-Artikolu 2, punt (1), tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*]*;	
(b) strument finanzjarju li għalih il-konsumatur jew il-konsumatur potenzjali jiddetermina li proporzjon minu għandu jiġi investit f'investimenti sostenibbli kif definit fl-Artikolu 2, punt (17), tar-Regolament (UE) 2019/2088;	
(c) strument finanzjarju li jqis l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2019/2088, meta l-klijent jew il-klijent potenzjali jiddetermina l-elementi kwalitattivi jew kwantitattivi li juru li l-kunsiderazzjoni.";	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex realistiku li d-deċiżjonijiet ta' investiment tal-IORPs ikunu meħtieġa jirriflettu u jivvalutaw il-preferenzi tas-sostenibbiltà tal-membri tagħhom.